

# Is-Soċjeta' Santa Marija Banda Re Ġorġ V, Imqabba, Est. 1910

Issellem u Tferraħ

## Programm Festa ta' Santa Marija Patruna ta' l-Imqabba

Mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1996




FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 822396



# WERREJ


| | |
|---|---|
| Programm Festi Interni u Esterni | 58-59 |
| Kumitat Eżekuttiv | 3 |
| Messaġġ mill-President | 5-7 |
| L-Awgurju tas-Sindku | 9 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | 11 |
| Mill-Pinna tas-Segretarju | 13-15 |
| Sunett - Quddiemek Madonna | 15 |
| Appell mill-Kaxxier | 17 |
| Minn fomm id-Direttur Spiritwali | 19 |
| Kelmtejn mis-Surmast Direttur | 21 |
| Sezzjoni Żagħżagħ Santa Marija | 23-27 |
| Kelmtejn mill-Kumitat tan-Nisa | 29 |
| L-Aħħar Tislima lis-Sur Leonard Farrugia | 31-37 |
| Rapport mill-Kummissjoni Banda | 39-43 |
| Programm Strumentali - 10/8/96 | 45 |
| Tagħrif Ġenerali fuq il-Mużika | 47-51 |
| Poeżija - Lil Santa Marija Assunta | 51 |
| L-aqwa briju bl-aqwa marċi | 53 |
| Santwarji Marjani | 55 |
| L-Istatwa ta' Santa - 1836-1996 | 57 |
| Ġita Kulturali fl-Italja | 61-65 |
| Minn fejn ser jgħaddi l-marċ | 67-73 |
| Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar | 75-77 |
| Programm Piroekniku | 79 |
| Rapport mill-Kummissjoni Armar | 81 |
| 50 Sena Soċjeta' Mużikali | 83-87 |
| Il-Knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri | 89-93 |
| Angelo Ghigo - 1893-1983 | 95-97 |
| L-Isqof de Bussan iżur l-Imqabba | 99 |
| Leġġendi u Apokrifa | 101-103 |
| Poeżija - Lil Marija Assunta | 103 |
| Il-Knisja Parrokkjali u l-Festa mitt sena ilu | 105-111 |
| Rendikont - Festa Interna 1995 | 113 |
| Attivitajiet Soċjali | 115 |
| Ringrazzjamenti | 116 |


**Il-Qoxra:**
Quddiem - L-Inkwadru Titulari ta' l-Assunta - 1896-1996
Wara - Dehra Ġenerali tar-Raħal ta' l-Imqabba


Pubblikazzjoni oħra tas-

**Soċjeta' Santa Marija**
**Banda Re Ġorġ V**
**Est. 1910**

"Palazz Santa Marija"
Pjazza tal-Knisja
Imqabba
Tel: 683020

**Editur**
Carmel Briffa

**Artikolisti**
Carmel Żahra
Emanuel Buttiġieġ
Dun Joe Bartolo
Carmel Ellul
Chev. Carmel Bianchi
Carmel Briffa
Patri J.M.Ghigo, S.J.
Mro. Anthony Camilleri
Sezzjoni Żagħżagħ 'Santa Marija'
Fergħa tan-Nisa
Kummissjoni Banda
Goeffrey G. Attard
Tommy Aġius
Għaqda tan-Nar 'Santa Marija'
Kummissjoni Armar
Antoine Farruġia
Joseph Farruġia
Tony Terribile
R.J.D. Cousins
Patrick Mallia
Carmen Lia

**Ritratti**
Żammit Photo Studio - Żurrieq
New Vision - B'Buġia
Martin Photo Service - B'Buġia

**Typesetting**
Ing. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng. (Hons.)

**Mitbugħ**
Bonniċi's Press, 36 St.Paul Street,
Valletta - Tel: 224607

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW




## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




# Telephone: 642811
# Mobile: 099 3311

# SOĊJETA' SANTA MARIJA
# BANDA RE ĠORĠ V
# MQABBA
# EST. 1910

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A.,LL.D., M.P.
Is-Sur Joseph Farruġia

## KUMITAT EŻEKUTTIV 1996 - 1997



**PRESIDENT**
Carmel Żahra

**VIĊI-PRESIDENT**
Joseph Sciberras

**SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**ASSISTENT SEGRETARJU**
Anthony Farruġia

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASSISTENT KAXXIER**
Alex Ghigo

**PRO**
Francis Vella

**DIRETTUR TAL-KAŻIN**
Andrew Żammit

**DELEGAT TAN-NAR**
Joseph Ghigo

**DELEGAT GĦALL-ARMAR**
Paul Gauċi

**DELEGAT GĦALL-PLANĊIER**
Benny Camilleri

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph M. Ghigo, S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng.(Hons.), L.Mus.V.C.M., A.Mus.L.S.M.

**KUMMISSJONI BANDA**
Nicholas Baldacchino, Raymond Camilleri, B.Sc.,
Christopher Spiteri, Adrian Żahra, Mark Żammit

**RAPPREŻENTANT FIL-MALTA BAND CLUBS ASSOCIATION**
Carmel Briffa

**Reviżur**
Andrew Ellul

# Royal Insurance

**150 YEARS** 1845–1995

POLOZ ġodda li joffru sigurtà aktar kompluta u vasta għad-DJAR, UFFIĊINI, NEGOZJI, SAFAR U VETTURI.

81, St. Catherine Street, Mqabba Tel: 683142

# FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

## ARIANE
PHOTOGRAPHIC

Professional Video & Photographic Service for all occasions
Developing and printing – instant passport photos – studio photos
Films – batteries – cameras – telephones – flashes - radios
audio and video cassettes – calculators – albums – frames
soft toys - clocks

***Triq Karmenu Ċiantar - Mqabba - Tel: 689785***

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Carmel Żahra.



## Nagħtu sens u nagħmlu bis-sens .......

**Għeżież Soċji u Partitarji,**

Meta tasal f'idejkom din il-pubblikazzjoni annwali tas-Soċjeta' tagħna, ikun għad baqa' biss ftit ġranet oħra biex flimkien niċċelebraw il-Festa ta' Ommna Marija Assunta, Festa li sforz il-ħidma kollettiva ta' ħafna u ħafna benefatturi, soċji u partitarji kompliet tistabbilixxi ruħha bħala fost l-ewlenin ta' pajjiżna. Fattur ieħor li dejjem ikkontribwixxa f'dan l-iżvilupp pożittiv huwa riżultat tal-kritika kostruttiva li nagħmlu bejnietna aħna stess wara kull festa li tgħaddi ħalli nkomplu nkabbru l-organiżżazjoni li writna minn għand l-antenati tagħna b'mod ġenerali u naġġornawha għaż-żminijiet tal-lum. M'hemmx settur li ma jgħaddix minn dan l-għarbiel kritiku biex insejħulu hekk, ibda mill-Kumitat Eżekuttiv, il-Fergħat u s-Sezzjonijiet, id-diriġenti tal-Banda, il-membri ta' l-Għaqda tan-Nar, ta' l-Armar, eċċ. Meta mbagħad dan il-proċess jimmatura, permezz tal-koordinazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, nispiċċaw ngħidu flimkien: "Sena oħra jkollna Festa aqwa minn din!" Dan hu s-sigriet tar-rispett li s-Soċjeta' rnexxielha tibni matul is-snin: dejjem saqanja fl-art, konvinti mill-kapaċitajiet tagħna iżda qatt kuntenti b'dak li sar ħalli nibqgħu nimmiljoraw f'kull qasam iżda **bis-sens**.

Mingħajr ma nintilfu f'ħafna aġġettivi ta' l-'aqwa', 'l-isbaħ', 'l-ewwel', 'meravilja', eċċ, li żgur ma jiġbdux ir-rispett ta' Soċjetajiet u organiżżazzjonijiet oħra li bħalna b'tant sagrifiċċju jmexxu l-festi rispettivi tagħhom, ser inħalli lielkom għeżież qarrejja biex tiġġudikaw ix-xogħol li bl-umilta kollha qed inwettqu, bl-għajnuna ta' ħafna benefatturi, membri u partitarji. **Meta l-affarijiet isiru jew ikunu qed isiru bil-ħsieb u bis-sens, ir-riżultat ikun:**

***L-Akkademja Mużiko Letterarja** ta' nhar l-10 t'Awissu, meta quddiem il-preżenża ta' l-għola awtoritajiet Maltin fakkarna għeluq il-50 sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija fil-każin tagħna. Kienet serata memorabli, grazzi għall-ħila tal-ħabrieki surmat tagħna Mro. Anthony Camilleri, u l-bandisti tal-post kollha li ħadmu kemm felħu flimkien biex tellgħu kif jixraq dan il-programm vokali u stumentali. Nirringrazzja wkoll b'mod partikolari l-familja Galea, u b'mod speċjali lill-President Onorarju tas-Soċjeta' tagħna l-Onor. Dr. Louis Galea B.A.,LL.D, ta' l-għajnuna kollha, u lil dawk kollha li għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom u saħansitra irregalaw lis-Soċjeta' diversi strumenti u għotjiet oħra ferm apprezzati.

***Il-qafas lest tal-ħadid tal-Planċier**, liema opra qed tinħadem taħt id-derezzjoni ta' l-imgħallem is-sur Carmelo Caruana, li m'għandix kliem biex nirringrazzja lilu u l-kull min iqatta' l-ħin liberu tiegħu jaħdem *senza interessi* għal ġid tas-Soċjeta' u l-Banda tagħna. Sa minn din l-ewwel fażi biss ta' dan il-proġett jidher ċar li ser ikun xogħol oriġinali għal Malta, rikk u meqjus f'kull aspett għaliex hemm verament min imexxi. U la semmejt il-qofol ta' l-armar, ta' min wieħed ifakkar u jirringrazzja wkoll lil dawk kollha li ħadmu u għadhom jaħdmu biex ikollna dejjem armar ta' livell iżejjen il-pjazzez u t-toroq tagħna - lill-Membri ħabrieka ta' l-Għaqda ta' l-Armar u n-nisa li jħejtu.

***Is-Sala l-kbira** li waslet biex titlesta' u li nbniet fuq iż-żewġt imħażen li s-Soċjeta' tipposjedi. Hawnhekk bil-fors ikolli nsemmi xi benefatturi partikolari li għenu ħafna f'dan il-proġett bħas-sur Philip Farruġia, il-kumpanija Elbros Construction Ltd., u Denfar, u fl-aħħar iżda mhux l-anqas, lis-Southern Construction Ltd., illi tatna skont qawwi fuq is-saqaf kbir ta' din is-Sala. Ma dawn, nixtieq nuri l-apprezzament sinċier tiegħi lil kull min medd idu magħna sabiex illum wasalna fejn wasalna.

***Ir-rispett li jgawdu l-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar** tas-Soċjeta' tagħna, mhux biss minn min huwa midħla fl-arti piroteknika iżda mill-




TAKE OFF

**BAR & RESTAURANT**

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 800243*

**Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chickens u anke laħam taż-żiemel**

Inservu kull kwalità ta' ikel bi prezzijiet moderati.

# New Look
# Unisex Hair Salon

Misrah il-Fidwa Mqabba

For a modern hair style, haircuts, colouring
and perming for all types of hair.
We also do waxing.
A Beautician will be in attendance once a week for your beauty convenience.
Do not hesitate to contact us.

## ST. PETER IRONMONGER & HOUSEHOLD GOODS

(Joe Farrugia)

TRIQ IT-TROLL – MQABBA.

TEL: 680143

JISSUPPLIXXU:

- KMAMAR TAL-BANJU
- MADUM TA' KULL KWALITA U STIL MILL-AQWA
- GEYSERS U STAINLESS STEEL SINKS
- FITTINGS TAD-DAWL U ILMA
- ASBESTOS PIPES U ŻEBGĦA TA' KULL KWALITÀ
U OĠĠETTI UTLI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI

eluf ta' Maltin u barranin li minkejja li nkunu mdawrin b'ħafna festi, xorta waħda jagħżlu l-Imqabba bħala l-Mekka tan-Nar ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art. Qatt m'hu biżżejjed nirringrazzja lill-membri ħabrieka ta' din l-Għaqda li naf minn xhiex jgħaddu sakemm jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid.

***Stedina sabiex il-Banda tagħna tesegwixxi erba' Programmi Strumentali ġo l-Italja.** Din il-Ġita kulturali, li seħħet fuq l-inizzjattiva tal-ħabrieki President tas-Sezzjoni Żagħżagħ is-sur Alfred Galea tagħmel verament **sens** meta qed nagħtu bidu għaċ-Ċelebrazzjonijiet li ser ifakkru l-50 Anniversarju mit-trasformazzjoni ta' l-Orkestra 'Santa Marija' għall-Banda kif nafuha llum. Akta w'aktar dan kollu jagħmel **sens** meta wieħed jiftakar li qed issir taħt forma ta' ġemellaġġ bejn is-Soċjeta' tagħna u l-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano*, illi minn naħa tagħhom laqgħu l-istedina tagħna ħalli jdewwquna l-kapaċitajiet mużikali tagħhom jekk Alla jrid matul il-Festa ta' Santa Marija 1997.

***L-Arkivju tal-Banda** li ser inżanżnu din is-sena, u li sar fuq l-inizjattiva tal-membri tal-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjeta' illi ħadmu kemm felħu biex permezz ta' l-attivitajiet tagħhom, ġabru l-fondi neċessarji għal opra hekk prestiġjuża u bżonjuża. Għalkemm konna ielna ngħidu li jrid isir, issa nħass li kien iż-żmien opportun waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet biex wieħed jaħseb f'dan il-proġett, li twettaq b'abilta' u b'sengħa kbira mil-imgħallem is-sur Albert Abela ta' Ħaż-Żabbar. Nirringrazzja wkoll lill-President Onorarju tas-Soċjeta' s-sur Joseph Farruġia ta' l-imbuttatura li tagħna f'dan ir-rigward.

Hemm ħafna aktar ħwejjeġ li xtaqt insemmi, bħas-sehem importanti tas-Sezzjoni Żagħżagħ u xogħol ieħor relatat, iżda ma rridx intawwal iżjed. Għaldaqstant nagħlaq billi ngħid illi biex żgur dak kollu li nagħmlu, speċjalment waqt il-Festa tal-Patruna tagħna jkompli jagħmel **sens**, jeħtieġ bħal dejjem li nġibu ruħna lkoll ta' vera nsara maturi. Hawnhekk il-ħsieb tiegħi idur lejn il-ħabib kbir tiegħi u wieħed mill-pilastri li kellha s-Soċjeta s-Sur Leonard Farruġia, illi sfortunatament m'għadux magħna iżda, ta' bniedem kolt li kien, ħall warajh l-idejali li hu dejjem poġġa quddiemu f'ħidmietu b'risq is-Soċjeta': rispett, tolleranza u fuq kollox serjeta'. Grazzi għal nies bħal dawn illum ninsabu kif ninsabu, u m'għandna qatt nimxu imqar pass wieħed lura f'dak kollu li jgħamilna verament ulied denji t'Ommna Marija Assunta. Għaldaqstant, wara li nerġa' nirringrazzja lil kulħadd, l-appell aħħari tiegħi dejjem ikun biex, wara li nieħdu sehem bi ħġarna għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja, bħal dejjem naraw li nifirħu flimkien f'atmosfera ta' paċi u għaqda, mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd, u taraw kif dak kollu li nagħmlu jagħmel **sens** f'ħajjitna. **B'hekk żgur ikollna festa aqwa minn qatt qabel, festa verament qaddisa ddedikata lil Ommna Marija Assunta.**

**Viva Santa Marija**
**Viva s-Soċjeta' li ġġib isimHa !**



**L-E.T. President ta' Malta waqt l-iffirmar tal-Ktieb tal-Viżitaturi nhar l-10 t'Awissu 1995.**

# KRISTIANNE

## SHOPPING COMPLEX

Gifts ~ Boutique
Baby Care ~ Beauty Centre

*Offers also:*
*Facial Treatment, Waxing, Occasion Make up, Manicure, Pedicure, Eyebrow Shaping, Slimming Treatments, Electrolysis by a Beauty Specialist.*

*PIETRU PAWL SAYDON STREET - ŻURRIEQ*

---

**Stationery - Haberdashery**
**Invitations and Souveniers**
**for all occasions**

*5 Mattia Preti Square - Żurrieq*
*Tel: 683408*

# L-AWGURJU TAS-SINDKU



*Emanuel Buttigieg.*

**Insellmilkom u nagħtikom il-Festa t-tajba. Ix-Xahar t'Awissu huwa sinonimu mal-festa ta' Santa Marija, għalina l-Maltin kollha. Mhux ta' b'xejn Santa Marija hija l-Padruna ta' Malta u Għawdex. Malta u Għawdex miżgħudin bin-niċeċ, pitturi, statwi, kappelli u knejjes kbar u żgħar iddedikati lil Ommna Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.**

Saħansitra il-kappella li hemm fuq Kemmuna hija wkoll dedikata lill-Ommna Marija Mtellgħa s-sema. F'Malta hawn seba' parroċċi u tnejn f'Għawdex dedikati lil Santa Marija u dawn jagħmlu festi kbar għad unur tagħHa.

Ir-raħal tagħna huwa wieħed fost dawn l-irħula ixxurtjati u privileġġjati li għandhom il-festa titulari tal-parroċċa tiegħu dedikata lil Santa Marija. Fir-raħal tagħna jsiru festi kbar għad unur tagħHa: sew fil-Knisja, mżejna bil-ġid kollu tagħha, kif ukoll barra, bl-armar u t-tiżjin sabiħ, biex tiġi ċċelebrata din il-festa għażiża. Dawn jibdew mit-30 ta' Lulju, bil-kwindiċina, u jagħlqu l-festi fit-22 t' Awissu bl-ottava fuq Santa Marija.

Il-Knisja tiċċelebra din il-festa bil-kbir, għax hija sollenita' prima klassi. Hija festa mill-ftit li għandhom il-quddies apposta għall-lejlietha u nhara. Dawn l-affarijiet kollha jixhdu l-kobor u s-sollennita' ta' din il-festa, hekk kbira għall-Knisja kollha. Kbira mhux għax ikabbruha n-nies iżda għax hija kbira minnha nfisha.

Kien f'din il-festa għażiża għal Maltin kollha li 54 sena ilu ġie salvat il-poplu tagħna mill-ġuħ u t-tbatija li kienu jaħkmu lill-poplu tagħna fi żmien it-tieni gwerra dinjija. Mhux ta' b'xejn dak il-Konvoj speċjali u providenzjali baqa' msemmi fl-istorja ta' pajjiżna bħala l-"Konvoj ta' Santa Marija". Il-Maltin ma' setgħux aktar jissaportu l-ġuħ u n-nuqqas ta' kollox, u kienu lesti li jagħtu ruħhom b'mirbuħa. Iżda Santa Marija, il-Padruna ta' Malta u Għawdex, riedet li Malta tkun il-blata f'nofs il-Mediterran biex tagħti r-rebħa lill-Allejati fil-gwerra kontra in-Nażiżmu li kien qered lill-Ewropa.

L-Imqabbin għandhom għax jifirħu f'dan il-jum glorjuż, u jħossuhom kburin li l-Parroċċa tagħhom hija ddedikata lill-Assunta. L-Assunta hija l-Glorja ta' Marija li wara li għexet magħquda dejjem u f'kollox mar-rieda t' Alla fuq din l-art, kien jixirqilHa li tiġi mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, biex tgawdiH għal dejjem.

Ejjew f'din il-festa għażiża tal-Padruna ta' l-Imqabba, nfitxu dak li jgħaqqadna, u nwarrbu dak kollu li jista' jifridna. Naħdmu ilkoll biex ikollna festa kbira u sabiħa, kif dejjem kien, ħalli bl-eżempju tajjeb tagħna, lil dawk l-eluf li jżuruna f'dawn il-jiem tal-festa, inħallulhom togħma tajba ta' vera devozzjoni lejn Ommna Marija. Nfitxu aktar mis-soltu li f'dawn il-ġranet nersqu għall-qrar u t-tqarbin, aktar ta' spiss biex b'hekk ikollna verament festa kbira kif tixraq f'dan iż-żmien għażiż.



**Is-Sindku jagħmel l-indirizz tiegħu waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja.**

# MODERN BAZAAR

TRIQ IL-MURSELLI - MQABBA

TEL: 683376

SOFT TOYS - TOYS - FOOTWEAR -
FASHION CLOTHES - UNDERWEAR -
SOUVENIRS - STATIONERY -
HABERDASHERY - TOILETRIES

***PREZZIJIET RAĠONEVOLI.***



**Thinking of**

# JABLO

(expanded polystyrene)

**for:**

- ❑ ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
- ❑ COLD STORE INSULATION
- ❑ PRE-FABRICATED COLD ROOMS
- ❑ AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
- ❑ SPECIALISED SHAPES FOR IN SITE CONCRETE FORMS
- ❑ SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience:**

**MR. JULIAN CAMILLERI**
**ATC PLASTICS LIMITED**
**30, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA**
**TELEPHONE: 244243 FAX: 248174**

# Il-KELMA TAL-KAPPILLAN

W.R. Dun Joe Bartolo.



## FESTI SKOND IX-XEWQA TAL-KNISJA LLUM

Li aħna l-Maltin inħobbu nagħmlu ħafna festi, hija ħaġa magħrufa. Biżżejjed wieħed jagħmel il-preċett, jagħlaq żmienu jew tiġi n-nanna mill-Awstralja, arana niffesteġġjaw bil-kbir. U xi ngħidu għall-festi reliġjużi tagħna? Sakemm l-affarijiet isiru bil-moderazzjoni, ma jkun hemm xejn ħażin li nifirħu flimkien. L-agħar hu meta (ħafna mid-drabi minħabba l-pika) nesaġeraw u mmorru tant fl-estrem li nitilfu l-istess skop għalfejn inkunu qegħdin niffesteġġjaw.

Jekk nieħdu l-kas tal-festi reliġjużi li jiġu ċċelebrati f'uħud mill-ibliet u rħula tagħna, tant qed nitilfu s-sens, li iktar sirna moħħna biex nagħmlu affarijiet biex jitpaxxa l-bniedem bihom milli biex nagħtu ġieħ u pjaċir lill-qaddis/a li lilhom suppost inkunu qed nagħmlu festa. L-isproporzjon li hemm fl-infieq għan-nar, marċi, festini, armar ta' barra u kultant ta' ġewwa l-knisja, meta tqabblu ma' dak li jsir biex minnu joħroġ xi ġid spiritwali bħal ngħidu aħna, donazzjonijiet ta' karita', attendenza għall-funzjonijiet fil-knisja, għaqda ta' bejnietna u ma' Kristu speċjalment permezz tat-tqarbin regolari, tant hu kbir li kultant il-festa titlef kull skop reliġjuż.

Ikun hawn min jgħidlek li dan hu parti mill-Folklor Malti. Veru wkoll, imma fejn il-folklor jitħallat mar-reliġjuż irridu noqgħodu attenti li ma jitlifx il-proporzjon, biex ma ngħidux ukoll jispiċċa biex jagħmel ħsara lir-reliġjon. Ix-xenxilli jleqqu ta' l-affarijiet materjali li dejjem irridu nżidu fil-festi, qed jaljena l-moħħ ta' dak li jkun milli jikkonċentra fuq dak li suppost isir, jiġifieri, tifħir u ħajr 'l Alla u imitazzjoni tal-virtujiet insara li jwasslu n-nisrani għall-ħbiberija ikbar ma' Alla.

Dwar dan, iċ-ċirkolari numru 333 li ħarġet il-kurja ta' l-Arċisqof fit-22 ta' Diċembru 1995, titkellem ċar. Din iċ-ċirkolari ħarġet biex tirregola 'ċ-Ċelebrazzjoni tal-Festi fil-Parroċċi,' biex dawn jilħqu aħjar l-iskop tagħhom. Wara li tagħmel enfasi li fiċ-ċelebrazzjoni tal-festi **Kristu għandu jibqa' ċ-ċentru ta' l-attenzjoni tagħna**, iċ-ċirkolari tgħaddi biex tgħidilna li fil-festi m'għandu jsir xejn li jtellef l-iskop spiritwali tal-festi għax dan hu l-iskop ewlieni tagħhom. Imbagħad issemmi punti prattiċi li hemm bżonn li wieħed jagħti kashom u jirranġa. Fost dawn insibu :

- Fid-daqq tal-qniepen tiġi mħarsa l-moderazzjoni **kemm fil-ħinijiet kif ukoll fit-tul**.
- Tinżamm il-**moderazzjoi fl-infieq** biex tkun tista' tingħata għajnuna lill-aħwa fil-bżonn u biex il-festa ma tkunx ta' piż eseġerat fuq il-membri tal-komunita parrokkjali.
- **Prudenza u moderazzjoni** fil-granet, ħinijiet u mġieba fil-marċi.
- Jiġi **evitat dak kollu li hu frott ta' pika jew li jwassal għal firda fil-parroċċa**.

J'Alla dawn it-twissijiet ma jaqgħux fuq widnejn torox (għax ma jridux jisimgħu) imma dawk li jieħdu ħsieb il-festi esterni jagħmlu ħilithom biex jaraw kif jistgħu jattwaw dawn il-punti u jgħallmu lis-segwaċi tagħhom kif iħarsuhom.

Minn qalbi nawgura festa tajba lil kulħadd.

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba.
Tel: 683129

Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd
u jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja**

PREZZIJIET MODERATI

# SAVIOUR MAGRO

*IRONMONGERY & CEMENT STORE*

**Żurrieq Road**
**Luqa**
**Tel: 677133**
**Accounts: 801213**
**Fax: 809147**

**✻Għal żebgħa ta' kwalunkwe kwalita'**
**✻Għodda ta' l-idejn u tad-dawl**
**✻Qtugħ ta' ċwievet u kiri ta' Mixers, Jiggers u Generators**

**CATERERS FOR ALL OCCASIONS**

Primavera

DOLCERIA

**SCHOOL STREET, TARXIEN TEL:816226**

## MILL-PINNA TAS-SEGRETARJU

Carmel Ellul.



# Ħidma u Responsabbilta'.

**Għeżież Soċji u Partitarji,**

Din hija l-ewwel kitba tiegħi f'din il-publikazzjoni annwali u ferm mistennija minnkom, minn mindu sħabi l-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv għoġobhom jinnominawni għall-kariga ta' Segretarju, liema kariga dħalt għaliha bl-akbar responsabbilta' kif tirrekjedi. Mill-ewwel irrid nirringrazzja lill-ex-Segretarju s-sur Peter Psaila u l-ex-membri l-oħra kollha li m'għadhomx jiffurmaw parti minn dan il-Kumitat, għall-ħidma tagħhom b'risq il-ġid tas-Soċjeta'.

Appena ġie ffurmat dan il-Kumitat f'Marzu li għadda, is-Soċjeta' tagħna kellha l-isfortuna li titlef wieħed mill-aktar membri ħabrieka li qatt kellha. Qiegħed nirreferi għas-Sur Leonard Farruġia, 'Nardu ' kif konna nafuh aħna. Nardu għandu jkun ta' eżempju mhux biss għall-membri tagħna iżda għal dawk kollha li jiffrekwentaw organiżżazzjonijiet volontarji oħra ta' kull xorta. Kien intiż f'kull ħaġa li kellha x'taqsam ma l-attivita' fil-każin u l-festa ta' Santa Marija: għamel perjodu qasir attiv fl-Għaqda tan-Nar, sadanitant għamel unur lilu u l-Każin tagħna bħala mużiċist bil-kurunetta, okkupa l-karigi ta' delegat tal-Banda, assistent-surmast u għalliem ta' l-alljievi, President tas-Soċjeta'; fil-fatt nistgħu ngħidu illi dejjem wieġeb kull meta s-Soċjeta' kienet tinħtieġ l-għaqal u d-dehen tiegħu. Mhux ta' b'xejn illi waqt waħda mis-Seduti Ġenerali, ġie maħtur unanimament bħala l-Ewwel President Onorarju tas-Soċjeta', bħala rikonoxximent għal dan l-impenn tiegħu fis-Soċjeta' tagħna. Storja żgħira ta' kif jien u s-Sur Vince Sciberras kabbarna l-ħbiberija ma' Nardu minn meta konna żgħar: kien hemm żmien meta konna mmorru t-Tejatru *De Porres* fejn konna nitgħallmu t-tejorija tal-mużika u l-prattika tal-kurunetta. Billi konna nafu li l-Imqabba kien hemm esponent ewlieni Malti f' dan il-qasam, avviċinajnieh biex jgħina ntejjbu l-prattika li konna qed nieħdu fuq dan l-istrument. Tħajjru oħrajn magħna għaliex Nardu, bil-karattru tiegħu, kien jiġbed lejh lil kulħadd, u hekk nibet l-ewwel grupp ta' żagħżagħ tas-sebgħinijiet li beda jitgħallem il-mużika fil-każin tagħna: fosthom bħal'issa qed jiġu f'moħħi s-sinjuri Pawlu Mifsud, Salvu Sciberras u saħansitra s-Surmast preżenti tal-Banda tagħna Mro.Anthony Camilleri. Nieħu din l-opportunita' biex nagħmel appell lill-Bandisti kollha li għaddew minn taħt idejn l-għażiż Nardu, u li għal xi raġuni jew oħra m'għadhomx jagħtu s-servizz tagħhom lill-Banda, biex jagħmlu sforz u jerġgħu jibdew jattendu għall-kunċerti u jdoqqu magħna ħalli b'hekk, it-tagħlim li jkun għadda Nardu, ma jintilifx fix-xejn. Jien persważ illi ħafna minn dawn il-bandisti tagħna għadhom jgħożżu dan it-tagħlim li ħadu minn għand għalliem hekk tajjeb u xhieda ta' dan kien in-numru kbir ta' bandisti tal-post li kien hemm waqt l-aħħar tislima tagħna lejh.

Din is-sena kienet sena ta' ħidma kontinwa. Waħda mill-akbar attivita' li ħaditilna ħafna ħin u xogħol kienet iż-żjara kulturali tal-Banda tagħna f'*Santa Vittoria in Matenano* fl-Italja. Waqt li qed nikteb dawn l-erba' paragrafi, ninsabu fl-aħħar tat-tħejjijiet tagħna u nisperaw li, jekk Alla jrid, kollox imur kif mixtieq u maħsub, għas-sodisfazzjon sew tal-Banda kif ukoll ta' dawk l-ammiraturi tagħha li ser jakkumpanjawha. Nixtieq hawnhekk nibda biex nirringrazzja lid-delegazzjoni mill-Kumitat li f'Jannar li għadda, telgħet l-Italja biex propju jiffinalizżaw kollox u fl-istess ħin, barra li jaraw il-post u l-lukandi fejn ser inkunu, jagħmlu l-istedina formali tagħna biex il-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano* jkun fostna l-Imqabbin għall-okkażjoni tal-festi li ser isiru biex jiġi mfakkar għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V. Nirringrazzja minn qalbi lis-surmast u l-bandisti kollha tal-koperazzjoni tagħhom biex din il-mawra barra minn xtutna tkun suċċess.

Ħaġa oħra li l-Kumitat tagħtu sodisfazzjon kbir kien l-entużjażmu u x-xogħol li wettaq il-Kumitat tal-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjeta', illi fuq l-inizjattiva tagħhom sar l-Arkivju tal-Banda. Ġew

## Jekk il-*Kont Kurrenti* tieghek mhux itik

# 3% fis-sena imghax

*jew*

## jekk il-*Kont Savings* tieghek mhux itik

# 3.5% fis-sena imghax




*Asal wasla sal-*

APS BANK LTD

Ferghat: 17/18 Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 04 Tel: 25 01 64 Fax: 23 03 03
275 Triq San Pawl, Valletta VLT 07 Tel: 24 75 47 Fax: 23 86 98
24 Pjazza Sant'Anna, Floriana, VLT 16, Tel: 22 66 44 Fax: 22 62 02
10 Triq Putirjal, Rabat, Ghawdex, VCT 103 Tel: 56 35 12 Fax: 56 92 00

organiżżati ħafna attivitajiet, fosthom numru kbir ta' *Coffee Mornings*, *High Teas* fis-swali tal-Każin, lotteriji u ġbir bieb bieb, kif ukoll organiżżaw l-attivita' speċjali tal-*Mothers' Day*. Ta' dan u ta' kemm għad iridu jgħamlu ngħidilhom grazzi u nwiegħdhom l-appoġġ tiegħi u tal-Kumitat Eżekuttiv.

Il-Kummissjoni Planċier kompliet bil-ħidma sfieqja tagħha ta' ġbir ta' fondi u xogħol ieħor konness ma' dan il-proġett hekk kbir. Wasalna fi stadju illi nixtieqū jkollna aktar nies tas-sengħa li jagħtuna daqqa t'id biex din l-opra tkun tista' titgawda minna lkoll mill-aktar fis possibli. Nirringrazzja l-kull min qed jgħin f'dan ix-xogħol u fuq xogħlijiet oħra konnessi ma l-armar.

Proġett ieħor fejn ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel kienet is-sala l-ġdida li nbniet fuq l-imħażen ta' l-armar. Hawnhekk nixtieq ngħati l-grazzi u l-prosit lill-voluntiera u lill-Kumpaniji li tawna l-għajnuna tagħhom.

Ma nistax ma nsemix lis-Sezzjoni Żagħżagħ: f'April li għadda saret l-elezzjoni għall-Kumitat Ġdid minn fost iż-żagħżagħ membri u li nista' ngħid li żgur ma jgħamilx għajb lil ta' qablu. Fil-fatt, il-Kumitat ferm ħabrieki l-ġdid, mingħajr ħafna daqq ta' trombi, organiżża b'suċċess ammont sostanzjali ta' attivitajiet fosthom il-*One Day Football Tournament* fil-*ground* ta' l-Imqabba, *Bar-B-Que* kbir f'Għar Lapsi u, barra d-divertiment, għamlu ġest kbir u nobbli billi taw id-demm. Inħalli f'idejkom biex taraw kemm hi organiżżata u attiva s-Sezzjoni Żagħżagħ tagħna, Sezzjoni verament bis-sens!

Fl-aħħar iżda żgur mhux l-anqas nixtieq insellem u nirringrazzja lil dawk il-membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija li b'tant sagrifiċċji personali u għall-familji tagħhom jaħdmu minn sena għal oħra biex f'dawn iż-żminijiet joffru spettaklu pirotekniku uniku u mill-aqwa għall-gżejjer Maltin, biex il-Festa f'ġieħ Marija Assunta ta' l-Imqabba għandha l-fama li għandha. Nixtieq nirringrazzja l-Kumitat tan-Nar tal-koperazzjoni ta' bejnietna matul is-sena kollha.

**Minn qalbi nappelalkom biex wara sena ta' ħidma u xogħol tiġu u u tieħdu sehem attiv fil-Festa ad unur tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Marija.**

**Nawgura l-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.**

**Viva Santa Marija, Patruna tal-Imqabba!**

***SUNETT***
***QUDDIEMEK MADONNA***

Quddiemek Madonna
għax Int tassew ommna
u nemmnu li tħobbna,
taħt ħarstek iżżommna.

Kull ħin tindukkrana
titpaxxa tarana,
miġbur' għarkubbtejna
nitolbu ħerqana.

Omm Alla setgħana
maħbuba sultana,
Int dejjem tismagħna
għax ħdejk trid tarana.

Imħabbtek tqawwina,
Fik nemmnu ħanina.

**Qormi**
**Chev.Carmel Bianchi**

*Nihil obstat et imprimatur*
*Jos Lupi*
*die 23a Apr. 1996*

**IL-KUMITAT EŻEKUTTIV, FIL-WAQT LI JIFRAĦ U JAWGURA LIS-SINDKU U L-KUNSILLIERA KOLLHA TAL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMQABBA F'DIN IL-KARIGA TAGĦHOM, IWIEGĦEDHOM KULL GĦAJNUNA POSSIBLI GĦAL ĠID TAR-RAĦAL TAGĦNA. GĦALKEMM L-ISTATUT TAS-SOĊJETA' TAGĦNA JŻOMMNA MILLI NIPPARTEĊIPAW F'ELEZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI, GĦALIEX DIN HIJA MEQJUSA BĦALA ATTIVITA' POLITIKA, XORTA WAĦDA SER NAGĦTU L-KONTRIBUT TAGĦNA PERMEZZ TAD-DJALOGU U D-DISKUSSJONI KULL FEJN NARAW LI SER ISIR ĠID LILL-IMQABBA U L-IMQABBIN KOLLHA.**

Albert Abela

All Kinds of Joinery Works

'Arcadia', Ġilbiena Street, Żabbar, ŻBR 03.
Tel/Fax: (00356) 677970



G. CONSTRUCTION LTD.

"Madonna ta' Pinu", Triq l-Aħwa Ghigo,
Mqabba - Malta.
Tel: 611544 - 683263
Mobile: 097 3238.

XOGĦOL TA' KISI, TIKĦIL BIL-ĠIBS U ŻEBGĦA, MANUTENZJONI W ALTERAZZJONIJIET FIL-BINI, KIRI TA' *SCAFFOLDING*.

## APPELL MILL-KAXXIER

Carmel Briffa.



# Frott il-Ħidma Kollettiva.

Bil-għajnuna t'Alla, reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk bilfors wieħed iħoss dak il-ferħ għaliex waslet il-festa tat-titular u l-Patruna ta' l-Imqabbin: It-Tlugħ ta' Ommna Marija fis-sema.

Matul din is-sena u s-sena li ġejja, is-Soċjeta' tagħna ser tfakkar kif jixraq il-Ġublew tad-Deheb mit-trasformazzjoni ta' l-Orkestra Santa Marija għal dik kif inhi llum, jiġifieri l-Banda Re Ġorġ V. Fil-fatt, wara li s-sena l-oħra fakkarna kif jixraq għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Mqabbija, bħal'issa għaddejin bil-preparamenti sabiex norganizzaw u infakkru kif jixraq dan l-avveniment storiku għas-Soċjeta' tagħna.

Pjuttost, l-ewwel avveniment ser tkun iż-żjara kulturali li l-banda tas-Soċjeta' ser tagħmel ġewwa l-Italja, bħala l-mistiedna uffiċjali tal-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano*. Hawn ta' min ifaħħar u jirringrazzja lill-bravu Surmast tagħna li flimkien mall-bandisti pprepara programm ta' mużika ta' livell u kif jixraq lill-ambaxxaturi denji ta' l-arti mużikali Maltija.

Matul din is-sena, tkompla x-xogħol fuq il-Planċier u armar ieħor. Barra minn hekk tlesta l-bini tas-sala fuq l-imħażen u ġiet imsaqqfa wkoll. Naturalment, dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibli li jitwettaq li kieku ma kienetx teżisti ġenorosita' kbira minn naħa tagħkom għeżież membri, partiarji u benefatturi li dejjem weġibtu bi ħġarkom għal kull sejħa li għamel il-Kumitat.

Huwa xieraq li nsemmi l-Kumitat tan-nisa li organizza diversi attivitajiet matul is-sena kollha u li mill-fondi tagħhom ser jiġi mħallas l-arkivju tal-Banda li ser jiżżanżan aktar tard din is-sena. Il-kumitat ġdid tas-Sezzjoni Żagħżagħ ukoll kompla bil-ħidma tiegħu u organizza diversi attivitajiet indirizzati l-aktar lejn dan in-nukleju tas-Soċjeta'. Ma nistax ma nsemmix lill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija li ta' kull sena, bis-sagrifiċċju tagħhom, ikomplu jkabbru u jsebħu l-Festa ta' Santa Marija ta' l-Imqabba bl-aqwa nar u spettakli.

L-appell tiegħi biex fil-ġranet tal-Festa hekk kbira tgħinuna b'kull mezz possibli, sew finanzjarju kemm ukoll manwali, huwa naturali meta wieħed joqgħod iqis x'tinvolvi festa bħal din. Dawn il-fatturi qatt ma qatgħulna qalbna u anqas m'huma ser jaqtgħuhielna għaliex kull meta tlabna l-għajnuna dejjem sibnieha minnkom għeżież benefatturi, soċji u partitarji, li naf kemm għandkom verament għal qalbkom il-Festa Titulari ta' Santa Marija u s-Soċjeta' li tħarisha.

Fl-aħħar, fil-jiem tal-festa nixtieq li niftakru fit-talb tagħna f'dawk ħutna u ħbiebna li s-sena l-oħra gawdew il-festa magħna iżda li llum sfortunatament m'għadhomx magħna. Fost dawn niftakru fl-assistent surmast u President Onorarju s-Sur Leonard Farruġia li ħalliena bħal erbgħa fost il-ġimgħa.

Irrid issa nistidinkom biex bħalma dejjem kontu devoti ta' l-Assunta, din is-sena wkoll tiċċelebraw bil-kbir u tieħdu sehem bi ħġarkom speċjalment fil-festi interni u, għaliex le, anki mbagħad f'dawk esterni li l-Kumitat tagħna ħaseb biex jerġa' jorganizza. Niftakru li dan huwa l-isbaħ avveniment fil-ħajja glorjuża ta' Sidtna Marija u bħala tali għandna dejjem inġibu ruħna sewwa u kif jixraq matul din it-tifkira tagħna. Ħudu gost fil-festa u ingħaqdu fil-briju tal-marċi ferrieħa. Jien ċert li bħalma dejjem kontu ta' eżempju tajjeb matul is-snin, tkunu wkoll din is-sena sabiex naraw li kull ma nagħmlu nagħmluh ad unur ta" Marija Mtella' s-Sema.

**Viva l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Mqabbija,**

**Viva Santa Marija.**

# Carabott Jewellers

*Dun Ġużepp Żammit Street,*

*Żurrieq*

*Telephone: 680760*

*Business Hours:*

*Monday to Friday 9.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*4.00 p.m. - 7.00 p.m.*

*Wednesdays & Saturdays Half Days*



# SUNSHINE BAR AND RESTAURANT

**TAKE AWAY**

✱✱✱✱✱✱✱✱✱✱✱✱✱✱

**387 MDINA ROAD**

**QORMI**

**PHONE 484931**





CAR TECH LTD.

**CAR TECH** Loreto Cutajar Str.,
Żebbuġ ŻBĠ 06
Tel: 467052, Mobile: 099 6865

GENERAL CAR SERVICE

**Tuning of Fuel Injection & Electronic Ignition Engines,**
**Vehicles Safety Test & Wheel Alignment.**

# MINN FOMM ID-DIRETTUR SPIRITWALI

Patri J.M.Ghigo, S.J.



## SANTA MARIJA REĠGĦET MAGĦNA!

Mejju, ix-xahar tal-Madonna: fih ifakkruni ħalli niltaqa' magħkom billi niktbilkom kelmtejn biex jidhru mal-programm tal-**Festa ta' Santa Marija** li nagħmlu fl-Imqabba. Dal-ktieb bil-programm se jasal f'idejkom qabel tiġi Santa Marija. Jaqbel għalhekk li m'hemm xejn aħjar milli flimkien naħsbu u nitolbu ftit fuq ġrajja mill-ħajja stess tal-Mulej Ġesu'............

Dil-ġrajja ħallihielna miktuba l-Evanġelista San Luqa biss (10: 38-42), li ma' Missierna San Pawl ra l-għarqa mirakoluża fuq ix-xtut ta' Malta! Naqraw sewwa x'kiteb Luqa: Ġesu' daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta. Kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qed jgħid. Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela, għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!" Qabeż il-Mulej u qalilha: " Marta! Marta! Inti titħabat u tinkedd għal ħafna ħwejjeġ imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex." B'dan x'irid jgħid Ġesu' ?

Din, naqra ta' storja mill-ħajja ta' kuljum, hi ferm importanti ladarba San Luqa, imnebbaħ mill-Ispirtu Qaddis, ma ħallihiex tintesa! Din fiha l-isbaħ tagħlima, tiswa għalina lkoll irġiel u nisa: hekk dejjem fehmuha l-għorrief tal-Knisja. Illum, iżjed minn qabel, kulħadd imħabbat, anke f'dak li għandu x'jaqasm mal-**Festa ta' Santa Marija**, xogħol fil-knisja, fi djarna, f'tiżjin tat-toroq u l-każin, f'dawl u sparar ! Imma l-Mulej Ġesu', l-Iben għażiż li ma ħalliex lil ommu Marija tintemm f'qabar, anzi tellagħha miegħu fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, dan Ġesu' stess jistedinna, lil kull wieħed u waħda minna : **"Ħaġa waħda biss hi meħtieġa għalik kif għazlet Marija; li tisma' l-kelma tiegħi u tħarisha!"**

Għalhekk f'dawn il-ġranet sbieħ, minkejja s-sħana tas-sajf, jaqbel wisq **ma nitilfux l-istedina ta' dan Ġesu' stess,** u nfittxu nisimgħuh, anzi li nogħġbuh, ukoll bi ftit sforz! Għax - ngħiduha ċar u tond - fl-aħħar mill-aħħar, x'jiswielna nimlew żaqqna ż-żejjed, niddejnu sabiex inżejnu darna, inġiegħlu l-ġirien jgħiru għall-murtali tagħna...........? Ejjew, mela, nitħabtu u nħabirku biex dejjem, imma wisq iżjed għal **Santa Marija**, fuq kollox infittxu li nogħġbu 'l Ġesu' u 'l Marija, Ommu għal dejjem Verġni u allura meħuda s-sema b'ruħha u ġisimha, inkurunata Reġina fuq is-sema u l-art! Jekk nagħżlu hekk, kif dejjem jistedinna Ġesu' nnifsu - inkunu tassew boloh kieku ma nagħżlux sewwa! - inkunu għażilna sewwa: **"l-aħjar sehem, dak li ma jitteħdilniex".** Ejjew mela nifirħu ma' Ġesu' u ma' Ommu Marija fil-Festa tagħha u tagħna lkoll fil-Parroċċa ta' l-Imqabba.

JB
STORES

**JB STORES** L-Iklin Road, Lija
Tel:437312/3, 435537, 425491 Fax: 435475

**JB HOMESTYLES** Ponsomby Street, Mosta
Tel: 437506 Fax: 437507



## KELMTEJN MIS-SURMAST DIRETTUR

*Mro. A. Camilleri.*



# Il-Mużika..............tgħaqqad!

**Għeżież Bandisti, Soċji u Partitarji,**

Hekk kif toqrob il-Festa tal-Patruna tagħna Santa Marija, huwa naturali għalina lkoll li b'tant sagrifiċċju naħdmu flimkien is-sena kollha, illi nħossuna nimtlew b'ferħ speċjali - **il-Ferħ ta' l-Għid ta' l-Assunta.** Kienet sena imżewqa b'kollox, ward u xewk, ferħ u niket, sodisfazzjon u diżappunti........F'dawn l-erba' kelmiet fi ħsiebni nagħti fil-qosor dak li ħassejt u għaddejt minnu matul din is-sena, flimkien ma xi pariri oħra li nħossni fid-dmir li nagħti.

Minn kemm ielni midħla u attiv fis-Soċjeta' tagħna, bla tlaqlieq nistqarr illi l-festa ta' Santa Marija 1996 ser tkun l-aktar waħda diffiċli għalija personali, **mingħajr l-għażiż Nardu Farruġia.** Wara kważi xahrejn, meta qed nikteb dawn l-erba' kelmiet tiegħi, għadni bil-kemm nista' nemmen li Nardu għadda għall-ħajja eterna! Xtaqtu għall-anqas jara n-neputih iċ-ċkejken Sandro Ghigo jirbaħ il-kompetizzjoni li flimkien ippreparajnieh għaliha, xtaqtu jarani mmexxi l-Banda tagħna l-Italja, xtaqtu jkun magħna meta nżanżnu l-ħolma tiegħu - l-arkivju u l-planċier, xtaqtu...........................jibqa' magħna. Iżda sfortunatament, il-mewt kiefra u ma taħfirha l-ħadd, anqas lil min ġid biss ikun għamel f'ħajtu. Pero', minn din is-sħaba sewda li għaddiet minn fuq is-Soċjeta' niżlet bħal xita ta' grazzji kbar għaliex inngħaqqadna aktar minn qatt qabel, lesti nkomplu naħdmu bl-istess ħeġġa u determinazzjoni li dejjem ħadem biha l-għażiż Nardu, għal-ġid tas-Soċjeta' u tal-Banda.

Meta tkunu qegħdin taqraw dan l-artiklu, il-Banda tagħna tkun marret u ġiet lura mill-Italja. Ix-xogħol li twettaq matul dawn l-aħħar xhur, anki fl-aktar mumenti diffiċli li kif diġa' għedt, ma naqsux, għandu jkun garanzija ta' suċċess għax kif jgħid il-Malti: 'Dak li tiżra' taħsad'. Nisperaw illi jkollna s-sodisfazzjon ta' ħidmietna u li tkun esperjenza kulturali pożittiva, speċjalment għall-bandisti żagħżagħ tagħna - li wara kollox huma l-futur tal-Banda tagħna. Grazzi għażiż kollega Alfred Galea illi barra s-servizz tiegħek bħala *Euphonium* solista tal-Banda tagħna, kellek il-ħila torganiżża, flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv, din l-attivita' storika għas-Soċjeta' u għall-Imqabba.

Barra l-20 servizz u l-għexieren ta' kunċerti li ser tkun għamlet il-banda tagħna matul l-1996, komplejna ngħallmu l-mużika fil-każin b'xejn. Dan sar b'sagrifiċċju kbir minħabba ċ-ċirkostanzi u l-impenn li kellna matul is-sena, iżda li qed jagħti, bil-mod il-mod, il-frott ukoll. Hemm diversi alljievi li, jekk Alla jrid, ser jibdew l-istaġun tal-kunċerti li jmiss magħna, kif ukoll oħrajn li, bil-persveranza, jaslu wkoll. Grazzi Mark Żammit u Ray Camilleri, għall-kontribut siewi f'dan ir-rigward. Ibqgħu, għeżież ġenituri, ibagħtu 'l-uliedkom jitgħallmu l-mużika fis-Soċjeta' tagħna għaliex tkunu qegħdin tagħmlu l-aqwa investiment.

Ma nistax nagħlaq dan l-intervent tiegħi mingħajr ma nrodd ħajr lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li dejjem poġġa fiha u tal-konsultazzjoni f'dak kollu li jirrigwarda l-banda tagħna. Qed nieħu pjaċir nara uċuħ ġodda fil-kumitat illi qabel persważ li ma kienux jafu x'tirrekjedi tmexxija serja ta' Banda fiż-żmien tal-lum, iżda wara din l-esperjenza tagħhom fit-tmexxija tas-Soċjeta', daqstant ieħor persważ illi ser japprezzaw aktar il-ħidma tagħna u jkomplu jaħdmu u jirsistu fit-triq tal-progress li qbadna. Nirringrazzja wkoll lill-membri tal-Kummissjoni Banda u lill-Bandisti tagħna kollha b'mod ġenerali talli ħadmu id f'id miegħi u rrispettaw il-pariri tiegħi.

**Il-Mużika ħalaqha Alla l-imbierek biex tgħaqqad il-popli kollha f'lingwaġġ universali ta' ferħ u paċi;** għaldastant ma nħallux dan il-mezz hekk imprezzabli għall-bniedem jittappan b'xi forma ta' lingwaġġ estran għal dak mużikali u b'hekk ninqdew bih biex tixxerred il-firda. B'dan il-ħsieb f'moħħi, l-appell aħħari tiegħi għandu jkun biex, hekk kif dejjem sar minn naħa tal-membri u partitarji tagħna, nibqgħu ngħożżu t-tajjeb li writna u nopponu għal kull imġieba mhux lokha f'Festa hekk Qaddisa ddedikata lil Ommna Marija Assunta.

**Minn qalbi nawgura Festa sabiħa lill-Imqabbin kollha, u nispera li l-Ferħ ta' l-Għid ta' l-Assunta jasal speċjalment għandkom għeżież anzjani, morda u emigranti, li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-ħajja ma tistgħux taqsmu magħna b'mod dirett dan l-għeżeż żmien għalina lkoll.**

## SEAL COLD

**Importers and Distributors of the following items:**
**Stretch & Seal - Foil - Ice-Cube Bags - Freezer Bags - Pallet Wrapping**
**Nets & Twines for Roasting Meat - Bandsaw Blades - Hooks - Chopping Boards**
**Knives - Steel - Kitchen Gadgets - Sets for I.T.S. Students**
**Burger Separators - Carta al Forno - Wax Paper**
**A Special designed Wrapping Paper for the Delicatessen Counters**
**Transparent Punnets & Coloured Nets for Fruit & Vegetables**
**P.V.C. Aprons on orders for any size & colours**
**Disposable Glasses - Plates - Cutlery - Gloves - Aprons**
**Locks & Hinges for Refrigerator Doors - Valves - Gasket - Strip Curtains**
**Packaging Machines - Cold Stores Sterilizers**

**For more information & demonstrations, please conact:**

**Rocco Camilleri,**
**Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba, ŻRQ 08.**
**Tel/Fax: 683222.**

## BELLIZZI TRAVEL & INSURANCE

**'El Paradiso', Triq Matteolo Saliba, Żurrieq, ŻRQ 02.**
**Tel: 642519, Tel/Fax: 689791.**

**Jekk għandek bżonn taqta' Biljetti ta' l-Ajru jew tal-Katamaran, tibbukkja Tour/Ġita, Lodging barra minn Malta, Coach Tours minn Londra bi prezzijiet irħas, jew xi ħaġa oħra li għandha x'taqsam mas-safar,**

**Agħmel bħal ħaddieħor....................Ejja għandna..........**
**Tinqeda xorta.......................u malajr.......................**

**Jekk għandek bżonn tagħmel Transfer jew Insurance għall-karozza, dar, ħanut, kaċċa, safar, life jew Personal Accident,**

**Agħmel bħal ħaddieħor....................Ejja għandna..........**
**Tinqeda xorta.......................u malajr.......................**

# SEZZJONI ŻAGĦŻAGĦ

## "SANTA MARIJA"

## ...........PEDINA IMPORTANTI

**Mingħajr dubju ż-żagħżagħ minn natura tagħhom jagħmlu ħoss kull fejn ikunu. Ħafna drabi, ż-żagħżagħ huma strument qawwi ta' sfruttament. Qisna ħadniha bi drawwa li f'dak li jaħsbu u jagħmlu xi żagħżagħ awtomatikament nassoċjawh maż-żagħżagħ kollha.**

Dan m'għandux ikun għax il-parti kbira taż-żagħżagħ għandhom valuri tajbin. Is-Sezzjoni żagħżagħ Santa Marija hija konferma ta' dan. Il-fatt ili minn żmien għal żmien niltaqgħu u norganiżżaw attivitajiet biex nieħdu pjaċir flimkien u saħansitra ngħinu l-ħaddieħor hu punt pożittiv. B'hekk inkunu qed nagħtu kontribut siewi lis-soċjeta' b'mod ġenerali, nitbiegħdu minn ħafna vizzji u abbużi serji oħra li sfortunatament qed ikissru lil ħafna minn sħabna ż-żagħżagħ.



**Il-Kumitat Elett għas-snin 1996-1997.**

It-twaqqif tas-Sezzjoni Żagħżagħ kien pass importanti u utli għas-Soċjeta' tagħna. Illum nistgħu ngħidu illi bis-serjeta', bl-għaqal u bis-sens is-Sezzjoni tagħna hija pedina importanti ħafna. Dan jidher mhux biss fl-attivitajiet li norganiżżaw iżda anke fl-appoġġ sħiħ li lkoll flimkien ngħatu; dejjem konna minn ta' quddiem biex bil-ħeġġa u d-determinazzjoni tagħna ngħinu fejn ikun hemm bżonn.

F'dawn l-erba' kelmiet, mhux possibli nsemmu b'mod dettaljat kull attivita' li organiżżajna. Pero' ma nistgħux ma nirreferux għal żewġ affarijiet partikolari li kienu ta' suċċess:




# JERRY'S

## SILENCER REPAIRS

## TEDDY'S GARAGE,

SIĠĠIEWI RD., MQABBA.

TELECELL: (099) 8066

# COMBINED TRADES CENTRE

## SALJATURA STREET, MQABBA.

(wara Ċelest il-Mechanic)

Fejn issibu: Varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Taps & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar,
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħafir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00 p.m.
Is-Sibt mit- 8.00a.m. - 12.30 p.m.

# PET CARE

Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.
Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u
kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.
Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.

QRENDI ROAD,
ŻURRIEQ.

TEL: 649727

## NARDU FARRUĠIA CUP

Nhar id-29 ta' Ġunju 1996 ġie organiżżat għall-ewwel darba *"One Day 7-a-side Football Tournament"*. Dan it-*tournament*, li se nibqgħu norganiżżawh kull sena, sar b'tifkira ta' l-ex-President Onorarju u ex-bandist **is-Sur Leonard Farruġia.** Kienet ġurnata li fiha l-partitarji ta' Santa Marija ngħaqadna u fraħna flimkien permezz ta' l-*isports*. Jidher li din l-ideja ntlaqgħet tajjeb tant li l-konkorrenza kienet kbira. Ma nistgħux ma nsemmux l-organiżżazzjoni sħiħa li kien hemm biex setgħet tittella' din l-ewwel edizzjoni. Ringrazzjament speċjali jmur lis-Sur Joseph Farruġia (Farell) li għoġbu jisponsorja din l-attivita' kif ukoll lil Mqabba F.C., li offrewlna l-*ground*. Fl-aħħarnett, iżda mhux l-inqas, nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem jew sempliċement attendew għal din l-attivita'. Ħaġa bħal din timliena b'kuraġġ kbir għax nafu li l-pjanijiet tagħna qed jintlaqgħu tajjeb miż-żagħżagħ Imqabbin.




## LEĦEN IŻ-ŻAGĦŻAGĦ

Pass ieħor li ħadet is-Sezzjoni Żagħżagħ kien l-introduzzjoni ta' fuljett indirizzat lejn iż-żagħżagħ. Ir-raġuni li nippublikaw dan il-fuljett hi waħda: dak li nżommu kuntatt mal-membri tas-Sezzjoni tagħna. ***Leħen iż-Żagħżagħ*** (għax hekk jismu l-fuljett) fih informazzjoni u tagħrif utli. Din l-inizjattiva ġdida ntlaqgħet ukoll tajjeb ħafna u dan jagħmlilna kuraġġ kbir.

Kellna bosta attivitajiet oħra li pero' hu impossibli li noqgħodu nidħlu fid-dettal dwarhom. Insemmu biss is-sehem kbir li kellna fl-organiżżazzjoni tal-programm ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjeta' Mużikali tagħna. Barra minn hekk, tajna l-appoġġ tagħna biex il-Banda Re Ġorġ V tagħmel l-ewwel programm tagħha barra minn xtutna; sewwa sew f'***Santa Vittoria***, l-Italja. Minn din il-paġna nappellaw biex hekk kif dejjem għamilna, nkomplu niġbdu ħabel wieħed ħalli s-Sezzjoni Żagħżagħ tagħna tkun ta' eżempju għall-għaqdiet taż-Żagħżagħ oħra.

### Mid-Djarju tagħna......

**10/08/95**
Sehem attiv fl-organiżżazzjoni tal-programm biex infakkru l-50 sena mit-twaqqif tal-Ewwel Soċjeta' Mużikali fl-Imqabba.
**06/09/95**
Logħba futbol bejn iż-żagħżagħ.
**31/12/95**
Attivita' organiżżata għall-aħħar tas-sena fl-*Aida Hall* - Żurrieq.
**13/04/96**
Seminar organiżżat mill-Ministeru għaż-Żagħżagħ u l-Kultura. It-tema li ttrattajna kienet "L-Ewropa".
**28/04/96**
Laqgħa ġenerali għaż-żagħżagħ fil-każin.
**11/05/96 - 12/05/96**
Elezzjoni għall-ħatra tal-Kumitat ġdid 1996 - 1998.
**03/06/96 - 07/06/96**
Ħadna sehem f'*Mini Summer League* organiżżat mis-Sezzjoni Żagħżagħ M'Reġina tal-Marsa.



**Team 'B" li ħa sehem fil-Marsa.**

**09/06/96**
*Get-Together* għaż-Żagħżagħ kollha fil-każin.
**21/06/96**
*BBQ* f'Għar Lapsi
**29/06/96**
*One-Day Football Tournament* (Nardu Farruġia Cup) ġentilment sponsorjat minn Farell.
**12/07/96 - 19/07/96**
Sehem kbir fl-organiżżazzjoni tas-safra għal *Santa Vittoria*, l-Italja.
**25/07/96**
Għoti ta' demm minn għadd kbir ta' nies fil-każin stess.


TEACHER'S......
THE TIMELESS TASTE
TEACHER'S
SCOTCH WHISKY
BOTTLED IN SCOTLAND
TEACHER'S
HIGHLAND CREAM
GLASGOW
Perfection of Old
SCOTCH WHISKY
Premium Brands from Albert FS Manduca Ltd. 229/230, St. Paul Street, Valletta. Tel: 233909, 231787.

# MARCHING QUEEN

***Kliem: Sezzjoni Żagħżagħ Santa Marija***
***Arr. Mużikali: Mro. A. Camilleri, L.Mus. V.C.M. (Hons.) A.Mus. L.S.M.***

Fuq talba ġenerali, qed ngħaddu l-kliem li jitkanta ma' l-arranġament ta' siltiet mużikali ferm popolari tal-Grupp leġġendarju QUEEN u li żżanżan is-sena l-oħra, fuq inizzjattiva tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żagħżagħ. Grazzi kbir imur għas-Surmast maħbub tagħna talli għoġbu jagħtina dan l-arranġament ferm sabiħ.

**1. *I want to break free***

Warbulna għax ġejjin,
Ilkoll magħqudin,
Biex flimkien nifirħu u naqbżu
f'din l-aqwa festa t'l-Imqabbin:
Lura għadkom fis-snin;
"No Way!",
Tippruvaw tgħadduna għalxejn.

Ara xi pjaċir,
B'dil-Banda kburin;
Tan-Nar jagħmlu l-ifjen u l-isbaħ
u l-aqwa murtali Mqabbin:
Nagħlmukom kull ħin;
Tinsewx,
Fi klassi għalina qegħdin!

**Irrepeti darbtejn**

**2. *Crazy little thing called love***

Ejjew, flimkien, illum
Niċċelebraw bil-kbir;
Dan l-isbaħ Jum,
Tagħna l-Imqabbin............
Ejjew ħudu magħna pjaċir!

**Irrepeti darbtejn**

**3. *We are the Champions***

Naħdmu flimkien,
Matul is-snin,
Biex Festa Kbira ikollna,
Għira għall-ġirien.

Nifirħu lkoll,
F'dan l-għeżeż jum,
T'Awissu il-Ħmistax hu jum
Ferm ferm maħbub:

Magħna għajtu
"Viva, Viva l-aqwa Festa!"

"We are the Champions", ħabib;
Festa bħal tagħna m'hawn imkien.
"We are the Champions",
"We are the Champions",
Ftakru w ammettu li:
"We are the Champions".

**Irrepeti darbtejn**

***Gran Final***

"We are the Champions", ħabib;
Festa bħal tagħna m'hawn imkien.
"We are the Champions",
"We are the Champions",
Ftakru w ammettu li:
"We are the Champions"

**IMQABBIN!**




*Strawberry Blonde*

*Unisex Hair Salon*

**For latest Cuts, Tinting, Perms, etc.**
**32, Republic Square, Żurrieq.**

**Tel: 683796**

# KELMTEJN MILL-KUMITAT TAN-NISA



**Il-Kumitat tal-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjeta'.**

**Għeżież Soċji u Partitarji nisa,**

Reġa' wasal fuqna x-xahar ta' Awissu, ix-xahar li miegħu iġib waħda mill-akbar festi li jiġu ċċelebrati ad unur Sidtna Marija mad-dinja kollha - **Il-Festa ta' l-Assunta** - liema festa aħna l-Maltin u, b'mod partikolari, aħna l-Imqabbin niċċelebraw bl-akbar għożża u qima.

Fl-appell tagħna tas-sena l-oħra, tlabniekom aktar impenn u għajnuna u nistgħu ngħidu li dan seħħ bl-akbar qawwa matul din is-sena. Ta' dan, mill-ewwel nixtiequ ngħidulkom grazzi ħafna, għaliex vera sibna koperazzjoni minn għandkom matul is-sena kollha. Din l-aktar li dehret bħala sehem numeruż għal kull attivita' li organiżżat il-Fergħa tagħna, u li ma kienux ftit! Kif tafu daqsna, mill-fondi li nġabru ser nagħmlu opra kbira fil-Każin li hu l-**Arkivju tal-Banda**, u li żgur ser jibqa' jitgawda minn ta' warajna. Grazzi wkoll irridu ngħidu lis-sur Joseph Farruġia, President Onorarju tal-Każin illi kompla għenna f'din il-ħolma tagħna u lill-Kumitat Eżekuttiv illi laqa' bil-ferħa l-ħsieb ta' dan il-proġett u ħabbrek kemm felaħ biex jitlesta' matul iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċinkwantenarju mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V.

Nixtiequ nirringrazzjaw b'mod partikolari lil dawk minn fostkom illi, b'ħas-soltu, b'sagrifiċċji kbar jgħinu fil-ħjata, jiġbru bieb bieb matul is-sena kollha, jiġbru għall-marċi u l-attivitajiet l-oħra, lil dawk li jgħinu fit-tindif tal-każin, u mitt ħaġa oħra li impossibli telenkhom kollha.

Bħala Kumitat serju u responsabbli, nixtiequ nappellaw biex fil-waqt li nieħdu sehem attiv l-ewwel fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija, wara nieħdu gost f'kull attivita' li organiżża l-Kumitat Eżekuttiv tagħna. Nieħdu ħsieb li bħal dejjem, inkunu eżemplari f'dak kollu li nagħmlu u li ngħidu u niftakru li, speċjalment aħna n-nisa, l-eżempju tagħna huwa ferm segwit minn uliedna!

Nawguraw festa sabiħa lill-Imqabbin kollha, Festa mimlija ferħ tassew, il-ferħ li jġib miegħu l-Għid ta' l-Assunta.

**VIVA SANTA MARIJA, OMMNA TAS-SEMA.**

# Aida Hall

*Triq Ġużeppi Mattew Callus - Żurrieq,*

For Receptions, Parties and all occasions

Tel: 683112





# TOPS 'N' TAILS

**YOU BOTH DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.**

To look smart and elegant dressed, why not visit us for wide selections of Tails, Dinner Jackets, Spencer and Morning Suits.

**Even Coloured Suits available at:**

**51 MARINA STREET**
**PIETA**
**TEL: 235666**

# L-AĦĦAR TISLIMA LIS-SUR LEONARD FARRUĠIA



***Leonard Farruġia***
***(26/7/31 - 18/3/96)***

Kien it-Tlieta, 19 ta' Marzu, festa pubblika ta' San Ġużepp, meta s-Soċjeta' tagħna ingħaqdet ma' ħafna nies oħrajn waqt l-aħħar tislima lill-bniedem li bl-umilta' kollha għamel kemm felaħ ġid lis-Soċjeta' tagħna u lill-Banda b'mod partikolari. Mhux biss, iżda bis-serjeta' u d-dedikazzjoni f'dak kollu li kien jidħol għalih, u speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-arti mużikali irnexxielu, mingħajr anqas hu stess f'ħajtu ma kien jaf, jiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta u bosta nies illi f'Nardu kienu jaraw raġel onest, tal-familja, kollega ħabrieki fuq xogħolu u waqt xi logħba futbol, waqt xi logħba *snooker* jew xi *drink* il-każin, waqt li jispara xi tir fuq xi gamiema, waqt il-kunċerti u s-servizzi tal-banda, waqt xi argument biex nixtru xi strument,mużika,..................tul ħajtu kollha. Mhux ta' b'xejn li din il-ġurnata tibqa' mfakkra fl-istorja tar-raħal tagħna għal wieħed mill-akbar funerali li qatt rat l-Imqabba! Ir-rispett irrenja tul il-korteo funebri kollu minn ħdejn id-dar tal-familja, tul Triq Santa Katarina sal-Pjazza quddiem il-Każin fejn ingħata tislima speċjali bl-inżul tal-bandiera u t-tfiegħ ta' fjuri hekk kif it-tebut għadda minn taħt il-gallarija, li min jaf kemm il-sena qagħad ġo fiha jsegwi l-andament tal-Festa ta' qalbu, Santa Marija. Il-marċi funebri li esegwiet il-banda ferm numeruża li bihom akkumpanjat il-

# DACIA













*More than a partner - A FRIEND.*

**Service and Spare Parts Guaranteed!**

**Available at: DACIA Motors (Malta) Ltd,** 6 Msida Valley, B'Kara Tel: 468412, 492206
**Also at: Park Towers Mall,** Level 3, G. Borg Oliver Street, St.Julian's

# DAEWOO MOTOR

## SUPER CASH SAVINGS

- 1 YEAR CONSUMABLE SPARE PARTS FREE!
- IMPACT ABSORPTION (COLOR COATED) BUMPERS
- POWER STEERING
- 15-SPEED TRANSMISSION
- DIGITAL RADIO/ CASSETTE PLAYER
- REV COUNTER/ DIGITAL CLOCK
- MULTI-POINT FUEL INJECTION
- DAEWOO RACER FINANCE SCHEME
- and MUCH, MUCH MORE!!

*Daewoo Racer 1996 Edition*




THREE YEAR 3 WARRANTY

*Prices Start from Lm 4,650*

**OFFICES & SHOWROOM**
**UNIVERSAL COMMERCE AGENCY CO. LTD.**
**UNIVERSAL TRADE CENTRE**
**MDINA ROAD, QORMI.**
**TEL: 468410~13 FAX: 468414**







**Mument kommoventi ħafna meta t-tebut tressaq taħt il-gallarija tal-każin u ntlaqa' bit-tfiegħ tal-fjuri.**

**Il-Banda li tant ħadem u stinka għaliha l-għażiż Nardu ssellimlu bl-Innu Marċ Marija Assunta li hu stess kien iregalala.**



**Il-Knisja ddedikata lill-Assunta tilqa' għall-aħħar darba lil ħuna Nardu.**

# Ph. Aġius & Sons Ltd.
# Ta' Maksar

**General Contractors:**

*Excavation Works

*Plant Hire

*Asphalting

*Earth Moving Contractors

*Suppliers of Building Materials

*Quality Bricks Manufacturers

*Concrete Supplier

*Torba

**'St.Philip House',**
**St.Rocco Street,**
**Żebbuġ - Malta.**
**Tel: 465758**
**Fax: 463835**

# Alessio's Old Cottage



**Triq il-Parroċċa,**
**Mqabba.**
**Tel: 683292**

**Hinijiet tal-ftuħ:**

| | |
|---|---|
| ***Tnejn - Sibt:*** | ***6.30 a.m. - 12.00 p.m.*** |
| | ***5.00 p.m. - 8.00 p.m.*** |
| ***Ħadd u Festi:*** | ***6.30 a.m. - 12.00 p.m.*** |

**Issibu dak kollu li tinħtieġu:**
***Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben, u ħwejjeġ għal kull eta', kif ukoll videos, c.d.'s, cassettes, films, affarijiet tal-Hi-Fi u ġugarelli.***

**Għal tiġijiet, engagements, parties, etc., qegħdin nipprovdu servizz ta' disco:**

**STARLIGHT DISCO**

korteo kienu jesprimu n-niket kbir li waqa' fir-raħal, iżda mad-daqq ta' l-Innu Marċ ferm popolari Marija Assunta, li l-għażiż Nardu kkompona u li tant kien għall-qalbu, ħafna nies ma felħux iżommu aktar u bid-dmugħ iġelben mal-ħaddejn, rajna t-tebut jidħol il-knisja ddedikata lil Assunta biex flimkien nitolbu u nagħmlu d-dmir tagħna ta' nsara, f'dan il-mument ta' niket. Ħafna nies iddiżappuntaw ruħhom għaliex il-knisja ma wesgħetx lil kulħadd; madankollu, ir-rispett jiġi qabel kollox u kienu ħafna li qagħdu jistennew barra l-bieb il-kbir sabiex jassistu għall-quddiesa kkonċelebrata kif jistgħu. Wara l-quddiesa u t-tberik tat-tebut, il-kortejo beda bil-mod il-mod joħroġ mill-knisja; iżda hawn ukoll ingħata l-aħħar tislima minn tan-Nar, billi sparaw salut biex b'hekk żgur kull Sezzjoni tas-Soċjeta' tkun ħadet sehem waqt din l-aħħar tislima tagħna lkoll.

# Apprezzament
# LEONARD FARRUĠIA

Żgur li qatt ma ħassejtni daqshekk iebes biex nikteb erba' kelmiet daqs kemm qiegħed inħossni llum, propju egħluq ix-xahar mill-mewt tal-għażiż Leonard Farrugia, jew aħjar Nardu kif kien magħruf minna lkoll. Il-firda tal-mewt hija dejjem kiefra iżda t-telfa ta' l-għażiż Nardu għalija personali kienet ferm aktar minn telfa ta' ħabib tal-qalb, ferm aktar minn telfa ta' raġel fuq l-irġiel illi ġid biss rajt minnu, ferm aktar minn qarib għax għalih jien kont daqs ibnu u hu kien daqs missieri. Ielni nafu tul dawn l-aħħar għoxrin sena; kien hu li jaħti li qbadt il-karriera mużikali b' mod professjonali, kien hu li żera' fiha u f'ħafna lmqabbin oħra l-ġibda lejn l-arti mużikali, u b'dik id-daħka unika tiegħu kien jirnexxilu jiġbed u jressaq tfal, żagħżagħ u saħansitra kbar biex jibdew jieħdu l-ewwel tagħlim mużikali. B' ħidma sfieqa u mingħajr interessi, irnexxielu mix-xejn joħloq banda kompluta f'kollox - sas-surmast ried li jkun Imqabbi! Qatt ma bidel jew għawweġ il-prinċipji li dejjem emmen fihom, ħadem fuq li ħadem anki kontra l-kurrent, għax kien konvint illi dak li kien qed jagħmel kien għal ġid tas-Soċjeta' u ta' l-Imqabba b' mod ġenerali - u żmien tah u jibqa' jagħtih raġun. Flimkien qsamna ħafna sodisfazzjonijiet l-aktar permezz tal-ħafna programmi Mużikali li fassalna u ppreparajna; biżżejjed insemmi li sas-sena li għaddiet stess kien il-moħħ wara l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret biex tfakkar il-50 Anniversarju mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija fil-Każin tagħna. Kif kien jgħid hu stess, l-Orkestra kienet il-pedament għall-Banda u allura ma kienetx tkun ħaġa xierqa jekk infakkru l-ġublew tad-deheb tal-Banda Re Ġorġ V mingħajr ma qabel infakkru l-fundaturi l-oħra illi firxu s-sodda mużikali mhux biss fil-każin tagħna iżda wkoll fl-Imqabba.

Bħal kull bniedem ieħor kellu l-idejat u l-opinjonijiet tiegħu, iżda dejjem irrispetta dawk ta' ħaddieħor. L-Imqabba, b' mod partikolari fejn għandek żewġ każini mużikali rivali, bniedem bħal Nardu għamel ġid sew lill-Każin li fih kien jaħdem kif ukoll lir-rival tiegħu. Dan għaliex jekk kien hemm xi ħaġa li kien dejjem kontra tagħha qatta bla ħabel kien il-fanatiżmu żejjed u li sal-lum, sfortunatament, għadek issib f' xi ftit imħuħ magħluqa. Il-każin huwa

# MELITA
INSURANCE AGENCY LIMITED

## All Classes of Insurances Transacted

56, FLOOR 3, TRANSCONTINENTAL HOUSE
ZACHARY STREET, VALLETTA VLT 04

TEL: 247261 - FAX: 246531

# MED LENS
OPTICAL CLINIC

*Sliema Road, Gzira GZR 04 Telephone 315730*
*55, New Street, Luqa LQA 02 Telephone 673238*

## OPTICIANS

CONTACT LENSES | SPECTACLES

*Stockists Of:*
SERENGETI
Sunglasses by CORNING OPTICS
Slazenger
TIFFANY lunettes
GIVENCHY PARIS
INFINITE EYEWEAR COLLECTIONS




Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.

24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses

So why not drop in or give us a call on
**31 57 30 - 67 32 38**

EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE

tal-Banda u l-Festa ta' Santa Marija għandha tkun il-qofol tal-Kalendarju Mużikali tas-Soċjeta'; din kienet il-filosofija ta' Nardu u li għaddiha lielna lkoll li ħdimna qrib miegħu mal-medda tas-snin.

Fuq il-karriera mużikali tiegħu, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqq tal-kurunetta, hemm ħafna x'wieħed jgħid iżda li tista' tiġbru fi ftit kliem: kien mużiċist eżemplari li dejjem fittex il-perfezzjoni. Min jaf kemm qattajna ħinijiet twal nisimgħu flimkien xi *recording* ta' Glenn Miller u l-*big bands* l-oħra tal-Jazz ta' dak iż-żmien u li tant kien iħobb, u jirrakontali kif ċerti solijiet fuq il-kurunetta kien jagħmilhom fuq l-istil ta' Armstrong, oħrajn fuq ta' Dorsley, eċċ, dejjem bi skop wieħed f' rasu li jtejjeb il-ħoss ta' l-istrument bħal dak ta' professjonisti stabbiliti. Għalkemm ftaħir ma kienx jaf x'inhu, ġieli konna nkunu qed nitkellmu u jgħidli kemm kien stmat fl-orkestri li daqq magħhom matul is-snin fosthom dik ta' Jimmy Dowling u oħrajn. Fost l-aktar affarijiet li kienu jdejjquh kien il-fatt li l-mużiċist Malti huwa stmat aktar barra minn pajjiżu milli f'pajjiżu. Biex jissostanzja dan kien iħobb isemmili meta daqq kemm il-darba f' *Pubs* l-Ingilterra u aktar riċenti fl-Awstralja, fost l-emigranti Maltin. Mal-baned Maltin, daqq tista' tgħid mal-maġġor parti tagħhom, iżda żgur jibqa' mfakkar bħala l-kurunettista solista għal żmien twil mal-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq kif ukoll mal-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, li kienet il-mimmi t' għajnejh.

Matul dawn l-aħħar xhur, ippruvajt inqatta' kemm jista' jkun ħin miegħu. Anki fl-aktar mumenti diffiċli, id-diskors tiegħu kien dejjem jaqa' fuq il-Banda, fuq kif sejrin il-kunċerti, fuq kif sejrin il-lezzjonijiet ta' l-aljievi w elf ħaġa oħra li jien stess kont ngħid bejni u bejn ruħi: "Imma kif għandu moħħ dawn l-affarijiet!" - **kien iħobbha wisq il-Banda.** Appena ġimgħa qabel ħalliena, mort għalih id-dar biex jiġi jisma' l-kunċert; mur għidlu li kellu jkun l-aħħar kunċert ta' ħajtu. Mur għidli li kellha tkun l-aħħar darba li ser narah! Dak in-nhar, apposta, waqqaft mill-anqas biex ma ninkwetahx, u meta ħadtu lura d-dar, qisu qalbu ħebritu li kien ser jiġrilu xi ħaġa għax l-aħħar kliem li qalli kien:"Twan, ibqa' ħu ħsieb il-banda u ftakar x'sagrifiċċji kbar għamilna flimkien!"

Malta tilfet mużiċist ta' l-affari tiegħu, l-Imqabba tilfet wieħed minn uliedha li ħalla ġid imprezzabli warajh, is-Soċjeta' Santa Marija tilfet President Onorarju li għamlilha ġieh, il-Banda Re Ġorġ V tilfet wieħed mill-ewlenin fundaturi tagħha.......... iżda jien, nerġa' ngħid, tlift missier li l-preżenza tiegħu biss kienet tagħtini dak il-wens u s-serħan tal-moħħ f'kull kunċert jew dehra tal-Banda. J'Alla nibqgħu nibnu fuq dak li b' onesta, serjeta' u għaqal kbir bena matul is-snin l-għażiż Nardu biex b' hekk inkomplu nwettqu l-missjoni li Alla l-Imbierek għoġbu jafda f' idejh. Mill-ġdid nerġa' nagħti l-kondoljanzi sinċiera tiegħi, ta' marti u l-familji tagħna lil għażiża martu Nancy, lil uliedu u l-irġiel/nisa tagħhom kif ukoll lin-neputijiet qraba u ħbieb. **Inwiegħedkom li sakemm Alla jagħtina saħħa, il-memorja ta' l-għażiż Leonard Farruġia qatt ma tonqos mill-Banda tagħna.**

**Ing.Anthony Camilleri,**
**B.Mech.Eng.(Hons.), L.Mus.V.C.M. (Hons.) , A.Mus. L S M.**
**Surmast/Direttur**
**Banda Re Ġorġ V - Imqabba,**
**18 ta' April, 1996.**

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

**IMPORTER,**
**EXPORTER,**
**& AGENT FOR:**
***LISETA***
***CARA***
***AVONDALE***
**SEED POTATOES**

Importer of Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes and other Agricultural Products.



Żerriegħa tal-Patata, ta' qatgħa Safra Olandiża, bikrija u ta' l-aqwa kwalita'. Tgawdi fama tajba fis-suq Ewropew.

**LISETA**

Cara żerriegħa tal-Patata Irlandiża tal-qatgħa bajda. Resistenti għall-ġlata u għall-mard ieħor. Tgawdi stima kbira fis-suq barrani.

**CARA**
TA' GHAJNA HAMRA





Żerriegħa tal-Patata Irlandiża, tal-qatgħa bajda, għammiela ħafna, tiflaħ għall-mard u ta' l-aqwa kwalita'.

**AVONDALE**

Iktbu dawn il-varjetajiet fl-uffiċji ta' l-Agrikultura, għand is-snasal jew ċemplu l-aġent f'Malta:- MANUEL BEZZINA CO. LTD. Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194. Residence: "Springfield", Excelsior Street, Gharghur. Tel: 410204, 412587. Mobil: 099 7346

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI BANDA

## MARK ŻAMMIT

Għeżież Soċji u Partitarji,
Bħala rappreżentant tal-Kumissjoni Banda għal dawn l-aħħar tlett snin, reġa' mess lili biex nagħtikom dan ir-rapport tal-ħidma tal-Banda Re Ġorġ V.

Bla dubju ta' xejn, it-telfa ta' l-għażiż President Onorarju tas-Soċjeta' s-Sur Leonard Farruġia kienet daqqa ta' ħarta kbira wisq għalina illi nafu dak kollu li nafu lilu. Kultant, waqt il-kunċerti għadna nħarsu lejn il-post fejn kien iħobb joqgħod u nisthajluh għadu magħna għax ma rridux nemmnu b'dak li ġara. Kienet għafsa ta' qalb kbira għalina lkoll għax mhux biss tlifna pilastru, għajn ta' pariri u fiduċja fis-Soċjeta', iżda lkoll kemm aħna tlifna raġel li dejjem ġid biss rajna minnu. Għalkemm mhux ser jismagħna, mill-ġdid nerġgħu ngħidulu: **"Grazzi għażiż Nardu, m'hu ser ninsewk qatt!"**



**Il-Membri tal-Kummissjoni Banda maħtura mill-Bandisti stess.**
**Bil-wieqfa mix-xellug:** Christopher Spiteri, Adrian Żahra, Raymond Camilleri, B.Sc.
**Bil-qiegħda mix-xellug:** Mark Żammit (Delegat Banda), Mro.Anthony Camilleri *(Chairman)* u Nicholas Baldacchino.

Wara dik il-parenteżi ta' niket, niġu issa biex naraw x'kienet tikkonsisti l-ħidma tal-Banda minn meta ltqajt magħkom permezz tal-pubblikazzjoni ta' bħal-llum sena. Kienet sena impenjattiva għall-aħħar, u li kieku mhux għall-ħeġġa u l-perseveranza tagħna l-bandisti tal-post kollha, li kieku ma wasalniex fejn ridna. Nibda biex insemmi l-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' nhar l-10 t' Awissu, illi fiha fakkarna dawk is-Soċji mużiċisti tas-Soċjeta' tagħna illi 50 sena ilu b'għaqal kbir waqfu dik li kellha tkun l-Ewwel Formazzjoni Mużikali Imqabbija: **l-Orkestra 'Santa Marija'.** Il-kummenti li kellha l-Banda wara attivita' li rat l-għola awtoritajiet tal-pajjiż jonorawha, kienu altru minn pożittivi, tant illi lkoll imtlejna b'aktar kuraġġ u entużjażmu biex intellgħu, bħal dejjem, aktar Programmi ta' dan il-livell ġo raħalna. Minn hawnhekk, f'isem il-Kummissjoni nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk preżenti illi għoġobhom jirregalaw lill-Banda tagħna diversi strumenti ferm bżonjużi għat-tkabbir tat-tagħlim mużikali fil-Każin tagħna, u lil dawk kollha li onorawna bil-preżenza attenta tagħhom.

Appena l-waqfa tas-sajf, dħalna għal biċċa għadma iebsa oħra; grazzi għat-tħabrik tal-bandist solista tagħna s-sur Alfred Galea, il-banda tagħna ġiet mistiedna tesegwixxi **erba' programmi strumentali fl-Italja.** Meta saret il-laqgħa għall-bandisti tal-post, ilkoll ilqajna din l-istedina bil-ferħa iżda b' ċertu kawtela minħabba r-responsabbilta' li stedina bħal din titlob minna l-mużiċisti, meta ser inkunu l-ambaxxaturi ta' l-arti mużikali Maltija propju fil-benniena ta' kull arti mondjali - l-Italja. Iżda grazzi għad-determinazzjoni u l-fiduċja tas-surmast tagħna, hekk kif intagħżlet il-mużika u bdejna l-kunċerti ta' bejnietna, irnexxielu jnissel fina kuraġġ ta' sur u ħareġ minna lkoll it-talenti mużikali tagħna biex illum nista' ngħid illi, meta ninsabu lejliet din iż-żjara kulturali tagħna f' *Santa Vittoria in Matenano* u l-Provinċja t' *Ascoli Piceno*, ninsabu konvinti illi s-sagrifiċċji li wettaqna tul dawn l-aħħar xhur flimkien ser iħallu l-frott. M' għandix kliem biex nirringrazzja lil sħabi l-bandisti tal-post kollha u 'l dawk il-ftit barranin li għoġobhom jakkumpanjawna, għall-impenn sħiħ u l-koperazzjoni li rajt minnhom matul dawn il-preparamenti ferm iebsin.



Il-Programm Strumentali ta' Ħadd il-Palm - 1996.


# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

* Food processors, coffee and tea makers
* Kettles, toasters and irons
* Washing machines (automatic and twin-tub)
* Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
* Refrigerators and freezers
* Televisions and video recorders/playbacks
* Hi-fi equipment and satellite receivers
* Vacuum cleaners
* Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
* Pots, pans and cutlery sets
* Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

St. Thomas Street Luqa LQA 05. Tel/Fax: 803017

Barra dan, żidna wkoll l-impenji tal-Banda tagħna matul is-sena. Wara s-servizz tal-Milied fil-belt Valletta u s-sehem xieraq u rispettuż tal-Banda tagħna waqt l-aħħar tislima lis-Sur Leonard Farruġia, sar mill-ġdid il-Programm ta' Ħadd il-Palm fil-għodu. Ta' min jgħid illi bi Programm simili nhar Ħadd il-Palm ta' l-1947, il-Banda tagħna rat id-debutt formali tagħha u għaldaqstant xtaqna li nqajjmu mil-ġdid din it-tradizzjoni fis-Soċjeta' tagħna. Ġunju kien mimli daqs bajda bis-servizzi, tant illi kontra qalbna irrifjutajna saħansitra żewġ servizzi oħra, wieħed il-Marsa għal Festa tat-Trinita' Mqaddsa u l-ieħor fil-Fontana Għawdex għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Fil-fatt, bdejna b' marċ u programm ferm milqugħ lejliet San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ u l-għada, għamilna Programm u Marċ fil-festa ta' *Corpus Christi* li ssir bil-kbir ġewwa r-Rabat. Matul dawn iż-żewġ servizzi indaqqet mużika li kompliet turi l-abbilta' tas-solisti u l-mużiċisti tagħna u li, mal-fatt illi dejjem konna armati sew, il-banda tagħna llum hi stmata u mfittxija mhux biss għall-marċi imma aktar w' aktar għall-programmi strumentali li twettaq, daqs l-aktar baned ferm aktar antiki minnha. Wara dawn iż-żewġ impenji, kien imiss il-marċ ta' l-ewwel tridu tal-Festa ta' San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop u l-marċ tan-Nar fis-Siġġiewi, li t-tnejn ukoll intlaqgħu tajjeb. Bħala servizzi barra r-raħal, ikun jonqosna nagħmlu dak ta' l-Isla, għal Festa popolari tal-Vitorja.

Ma din l-attivita', komplejna wkoll nagħmlu t-tfal u ż-żagħżagħ tagħna fl-iskola mużikali tas-Soċjeta'. L-attendenza kienet tajba iżda nħoss illi dejjem għandi nibqa' ntabbar biex nibqgħu nibgħatu aktar w'aktar tfal ħalli jiġu mgħallma b'xejn din l-arti anġelika. Jekk fl-Imqabba hawn skola mużikali ta' livell, din minn dejjem kienet fis-Soċjeta' tagħna u l-frott tarawh intom stess.

**PROGRAMM STRUMENTALI ESEGWIT**
**MILL-BANDA RE ĠORĠ V**
**IMQABBA - MALTA**

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 1996 - COMUNANZA
Nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju 1996 - AMANDOLA
Nhar il-Ħadd, 14 ta' Lulju 1996 - SANTA VITTORIA IN MATENANO
Nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju 1996 - SMERILLO

| | | |
|---|---|---|
| Overture Religioso | Fundatio | A.Camilleri |
| Traditional | Greensleeves | Arr. A. Reed |
| Selection | Aida | G.Verdi |
| Adagio | Spartacus | A.Khachaturian |
| Selection | The Sound of Music | R.Rodgers |

***Intervall***

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Poet and Peasant | F.Von Suppe' |
| Fantasia | The Best of Maltese Folklore | Arr. A. Chircop |
| Selection | Jesus Christ Superstar | A.Lloyd Webber |
| Suite | Impressions of Seville | H.Simeone |
| March | Radetzky | J.Strauss |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A.Camilleri |
| Innu | Malti | R.Samut |
| Innu | Taljan | Mamelli |

**Mro.Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons.), A.Mus.L.S.M.**
**Surmast Direttur.**

Il-Banda ser tkun mistiedna tesegwixxi marċi tradizzjonali Maltin f' dawn l-irħula:
Nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju - MONTEMONACO
Nhar il-Ħadd, 14 ta' Lulju - MONTELPARO u SANTA VITTORIA IN MATENANO

LEZZJONIJIET TAL-PRIVAT L-IMQABBA
MINN GRADWAT BL-ESPERJENZA

FIL-MATEMATIKA U FIŻIKA
LIVELL ORDINARJU U MATSEC

KORSIJIET SER JIBDEW F'AWISSU
POSTIJIET LIMITATI FERM BIEX TKUN TISTA'
TINGĦATA ATTENZJONI INDIVIDWALI.

GĦADHOM KIF BDEW UKOLL LEZZJONIJIET TAL-PRIVAT TAL-MATEMATIKA (PURA) FIL-LIVELL AVVANZAT U INTERMEDJU.

GĦALL-APPUNTAMENT ĊEMPLU FUQ 685704.

Fantasy Flowers



Arrangements for all Occasions
Weddings, Engagements, Baptisms, etc.

'Madonna ta' Pinu',
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba, ŻRQ 08.

Tel: 611032

# SERVIZZI TAL-BANDA RE ĠORĠ V - 1996

| DATA | OKAŻŻJONI | SERVIZZ | LOKAL |
|---|---|---|---|
| 19 ta' Marzu | Funeral L.Farruġia | Kortejo Funebri | Mqabba |
| 31 ta' Marzu | Ħadd il-Palm | Programm | Mqabba |
| 8 ta' Ġunju | San Filep | Marċ u Programm | Żebbuġ |
| 9 ta' Ġunju | *Corpu Christi* | Programm u Marċ | Rabat |
| 20 ta' Ġunju | San Ġużepp | Marċ | Kirkop |
| 30 ta' Ġunju | San Nikola | Marċ | Siġġiewi |
| 12 ta' Lulju | Żjara Kulturali - Italja | Programm | Comunanza |
| 13 ta' Lulju (a.m.) | Żjara Kulturali - Italja | Marċ | Montemonaco |
| 13 ta' Lulju (p.m.) | Żjara Kulturali - Italja | Programm | Amandola |
| 14 ta' Lulju (a.m.) | Żjara Kulturali - Italja | Marċ | Montelparo |
| 14 ta' Lulju (p.m.) | Żjara Kulturali - Italja | Marċ u Programm | Santa Vittoria |
| 17 ta' Lulju (p.m.) | Żjara Kulturali - Italja | Programm | Smerillo |
| 30 ta' Lulju | Santa Marija | Programm - Lejla Maltija | Mqabba |
| 9 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ - Ħruġ il-Vara | Mqabba |
| 10 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ u Programm | Mqabba |
| 13 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ - L-Aħħar Tridu | Mqabba |
| 15 ta' Awissu (a.m.) | Santa Marija | Marċ ta' fil-Għodu | Mqabba |
| 3 ta' Settembru | Maria Bambina | Marċ | Senglea |
| 20 ta' Ottubru | Inawgurazzjoni Arkivju | Marċ | Mqabba |
| Diċembru | Festi tal-Milied | Programm | Mqabba |



**Sandro Ghigo - Sax Alto**

Eżempju ċar kien issehem ta' wieħed mill-iżgħar bandisti tagħna Sandro Ghigo, illi fl-eta' tenera ta' ħdax il-sena u waqt illi fil-familja tiegħu kienet qed issir traġedja bil-mewt ta' nannuh l-għażiż Leonard Farruġia, daħal għall-*Young Musicians Competition*, imnedija mill-*Malta Society of Arts, Manufacturers and Commerce*, u rnexxielu jirbaħ il-premju bħala l-iżgħar mużiċist u b'hekk daqq anki fil-finali li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu fil-*Phoenicia Hotel*. Il-*judges* ferm famużi Russi, il-Professur Alexander Korneev, tal-Konservatorju ta' Moska kif ukoll Maestro Rem Geht, ta' l-Iskola Statali ta' l-Istrumenti tar-Ram ta' Moska wkoll, kellhom kummenti ta' tifħir lejn iż-żagħżugħ Sandro: ***"........have been impressed by Sandro's musical abilities, and have no doubt that with further studies he will mature into a full-fledged professional"***. Mur ġib lil Nardu jara n-neputi jirċievi dan ir-rigal! Nistgħu ikollna ċertifikat aqwa minn dan illi l-iskola mużikali tagħna qed twettaq il-missjoni tagħha sew! Jonqos biss illi tibqgħu tikkonkorru ħalli jkolkom l-istess sodisfazzjon li Sandro u kull min idoqq bħalna jkollu meta tisma' kummenti bħal dawn.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi fil-waqt li nirringrazzja lis-solisti Raymond Camilleri *(Clarinet)*, Ġino Farruġia *(Trumpet)* u Alfred Galea/Adrian Żahra *(Euphonium)* u l-bandisti kollha tal-post, nirringrazzja wkoll liil-Kumitat Eżekuttiv illi barra milli ħaseb biex jinxtara baxx (Besson), Timpani (Premiere) u Piatti (Zlidjan), ħaseb ukoll għall-uniformi ġdida li ser inżanżnu jekk Alla jrid l-Italja. L-investiment li qed nagħmlu fil-Banda huwa altru minn neċessarju biex inkomplu fit-triq li kważi ħamsin sena ilu wittewlna missirijietna. Nirringrazzja b'mod speċjali lis-Surmast tagħna illi bl-impenn, bil-ħeġġa u bil-għaqal tiegħu kompla jwitti din it-triq għalina u nisperaw li nibqgħu naqtgħu flimkien aktar w'aktar frott is-sagrifiċċji li qed nagħmlu. Il-bidu ta' dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċinkwantenarju tal-Banda nifthuhom biż-żjara kulturali fl-Italja u, nżomm appuntament magħkom għal bħal llum sena ħalli, jekk Alla jrid u bil-għajnuna t'Ommna Marija Assunta, flimkien naraw aktar mill-qrib l-iżvolġiment tad-diversi attivitajiet li għandna ppreparati biex infakkru kif jixraq dan il-Ġublew tad-Deheb u li żgur ser ikomplu jgħollu isem il-Banda u s-Soċjeta' li tindokra.

**Viva l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Imqabbija!**
**Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin!**

# interest

## RATES

ON NEW FIXED DEPOSITS

Payable by

# LOMBARD BANK (MALTA) LIMITED

**Valletta**
Lombard House,
67 Republic Street,
Valletta, VLT 05, Malta.
Tel: 232631, 240632,
240821, 240443, 248411/8
Telex: 1379 MW LOMBAR,
Fax: 246600.

**Sliema**
Lombard House,
Graham Street,
c/w Milner Street,
Sliema, SLM 08, Malta.
Tel: 319877/8/9/80
Fax: 311384.

**Qormi**
Lombard House,
4 Main Street,
Qormi, QRM 04, Malta.
Tel: 484602/5,
Fax: 484601.

**St. Julians**
Lombard House,
Paceville Avenue
(c/w Wilga Str.)
Paceville,
St. Julians, STJ 06,
Malta.
Tel: 375591/6,
Fax: 344669.

**Balzan**
Lombard House,
Dolphin Centre,
Balzan Valley Road,
Balzan BZN 08, Malta.
Tel: 448980/6,
Fax: 484711.

## Interest Rates Payable Per Annum (%)

| Lm named Fixed Deposit Account | INTEREST FREQUENCY | Up to Lm9,999 | Lm10,000 to Lm49,999 | Lm50,000 and over |
|---|---|---|---|---|
| 1 month | 1 month | 3.250 | 3.375 | 3.500 |
| 3 months | 3 months | 4.000 | 4.125 | 4.250 |
| 6 months | 6 months | 4.500 | 4.625 | 4.750 |
| Instant Income | yearly | 5.300 | 5.425 | 5.550 |
| One (1) Year | yearly | 5.500 | 5.625 | 5.750 |
| One (1) Year | monthly | 5.500 | 5.625 | 5.750 |
| Two (2) Years | yearly | 5.750 | 5.875 | 6.000 |
| Three (3) Years | yearly | 6.125 | 6.250 | 6.375 |
| Four (4) Years | yearly | 6.375 | 6.500 | 6.625 |
| Five (5) Years | yearly | 6.625 | 6.750 | 6.875 |

**Lombard 7 day Notice Savings Account 3.125% p.a.**

FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TITULARI TA'

# SANTA MARIJA

U TAL-160 SENA MILL-MIĠJA TA' L-ISTATWA ARTISTIKA U DEVOTA TA' SANTA MARIJA FOSTNA L-IMQABBIN

IS-SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V
L-EWWEL SOĊJETA' MUŻIKALI MQABBIJA

BI PJAĊIR TIPPREŻENTA

## IL-BANDA RE ĠORĠ V

FI PROGRAMM STRUMENTALI
NHAR IS-SIBT, 10 T'AWISSU 1996
FID-9.00 P.M.

**Wara li tinżamm minuta silenzju bħala turija ta' rispett lejn il-mibki iżda qatt minsi ex-President u ex-President Onorarju tas-Soċjeta', ex-Assistent Surmast u għalliem tal-mużika, u wieħed mill-bandisti fundaturi tal-Banda tagħna, is-sur Leonard Farruġia, jingħata bidu għal dan il-programm strumentali:**

| | | |
|---|---|---|
| Overture | POET AND PEASANT | F.Von Suppe' |
| Selection | AIDA | G.Verdi |
| Adagio | SPARTACUS | A.Khatchaturian |
| Selection | THE SOUND OF MUSIC | R.Rodgers |
| Fantasia | BEST OF MALTESE FOLKLORE | Arr. A.Chircop |
| Selection | JESUS CHRIST SUPERSTAR | A.Lloyd Webber |
| Innu Marċ | MARIJA ASSUNTA | L.Farruġia |
| Innu | BANDA RE ĠORĠ V | A.Camilleri |
| Innu | MALTI | R.Samut |

Mro. Anthony Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons.), A.Mus.L.S.M.,
Surmast Direttur

Jippreżentaw is-Sinjuri Joyce Guillaumier u John Żammit.

Wara jsir ir-riċeviment annwali fis-swali tal-każin u li għalih huma mistiedna l-benefatturi, bandisti, soċji u partitarji nisa u rġiel kollha.

# Scicluna Florist

**Garden Centre**
**Bronja Street,**
**Żurrieq.**
**Tel: 649621 - 676252**

*Specializes in:*
*Arrangements for Weddings, Engagement Parties and Funerals Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions.*



# SUPER S
## IRONMONGERY

**Matteolo Saliba Street,**
**Żurrieq.**

**Tel: 689256**



**Inbiegħu ukoll:**

***DEHUMIDIFIERS: Biex tneħħi l-umdita' u l-moffa mid-dar tiegħek. Jintużaw fix-xitwa u fis-sajf. Tista' tikri bi prova.**

***STAND FANS**
**FS 10 -40B**
**2 hour timer, 3 speed, 13 Amp plug.**
**6 Months gauranteed.**

**Fejn issibu:**
- **Mirja u Madum tal-Kmamar tal-Banju**
- **Aċċessorji tad-dawl u l-ilma**
- **Ġir u Siment**

***Issibu wkoll KIRI ta' Scaffolding, Chaser, Jigger, Mixers, Fekruna għat-Trinek u sellum għoli tlett sulari***



# SUPER S
## IRONMONGERY

Matteolo Saliba Street,
Żurrieq.

**Tel: 689256**

## SILTIET MUŻIKALI GĦAL WAQT

# IL-PROGRAMM STRUMENTALI

### Tagħrif ġenerali miġbur mis-Sur Raymond Camilleri, B.Sc.

Wara illi s-sena l-oħra għamilna b'sodisfazzjon l-ewwel Akkademja Mużiko-Letterarja ġewwa l-Imqabba, b'xogħolijiet addattati għal serata bħal din u fejn spikka l-aktar il-ftehim u l-koordinazzjoni bejn il-banda, is-solisti u l-kor, din is-sena ippreparajna programm strumentali b'mużika li, bħas-snin l-imgħoddija, żgur ser tpaxxi l-widna ta' dawk li fi ħsiebhom jonorawna bil-preżenza tagħhom, iżda fl-istess ħin impenjattiva u maħsuba biex dejjem tisfrutta aktar il-potenzjal tas-solisti u l-bandisti żagħżagħ tagħna. Din hija d-direzzjoni li s-surmast, b'kollaborazzjoni sħiħa magħna, dejjem ried illi naqbdu u qed tħalli l-frott mixtieq: biżżejjed wieħed isemmi illi bħala banda ser inkunu għamilna matul l-1996 ma l-20 servizz illi nofshom jinvolvu xi forma ta' programm strumentali! Jidher ukoll mill-fatt illi l-maġġor parti tal-bandisti li ħarġu mill-iskola mużikali tagħna qed isibu posthom, kif jgħid il-Malti: 'bħall-imwejjed tal-qubbajt', ma diversi baned stabbiliti u f'diversi festi li jkollna matul l-istaġun tas-sajf. Dan kollu jgħamlilna unur u, mingħajr ħafna ftaħir u pretenzjonijiet żejda, iħeġġiġna nkomplu f'din it-triq li qbadna.

Intant, bħas-soltu qed ngħaddielkom dan it-tagħrif, kemm jista' jkun ġeneriku, ħalli taqrawh u tapprezzaw dak li l-banda, b'tant attenzjoni, tkun qed twassal lil dawk preżenti għal dan l-appuntament annwali tagħna magħkom ta' l-10 t'Awissu.

**Poet and Peasant - Overture - Franz Von Suppe'**

Suppe', Franz von huwa traduzzjoni bil-Ġermaniż għall-isem *Francesco Ermenegildo Ezechiele Suppe'-Demelli*, Awstrijak iżda ta' dixxendenza Belġjana. Baqa' msemmi l-aktar għas-sensiela ta' operetti Vjenniżi fosthom *'The beautiful Galatea'* u l-*'Light Cavalry'*. *'Poet and Peasant'* taqa' taħt forma oħra mużikali, dik hekk imsejħa *'Overture'*. Oriġinarjament, l-*'Overture'* kienet bħal preludju għal xi opra, oratorju jew *suite* iżda aktar ma għadda ż-żmien, din aktar bdiet tieħu xejra indipendenti mill-kumplament tax-xogħol li kienet tippreċedi. B'hekk twieldet il-*'Concert Overture'*, bil-*'Hebrides'* ta' Mendelssohn bħala eżempju tipiku. Berloiz, Brahms u anki Elgar, fost ħafna oħrajn, għamlu użu wkoll minn din il-forma mużikali. Il-*'Poet and Peasant'* (bil-Ġermaniż: *Dichter und Bauner*) Suppe' ikkomponiha għal xogħol tejatrali li kien iġib l-istess isem. L-arranġament bandistiku għal dan ix-xogħol, illi ntagħżel biex jiftaħ il-programm strumentali ta' din is-sena, huwa ta' John Gready, bis-solista jkun Raymond Camilleri *(Clarinet)*.

**Aida - Selection - Giuseppe Verdi**

Din hi waħda minn dawk l-opri l-iżjed imfittxija mill-ammiraturi ta' dan il-ġeneru mużikali. Ġiet imtellgħa għall-ewwel darba l-Kajr l-Eġittu fl-1871, fuq talba tal-Khedive ta' dan il-pajjiż biex permezz tagħha jiġi inawgurat it-Tejatru l-Ġdid ta' l-Opra. L-istorja, bbażata fuq xogħol oriġinali ta' Mariette Bey, ġiet tradotta mill-Franċiż għat-Taljan minn A.Ghislanzoni, wara li sarilha l-librett minn C.du Lock.



**Giuseppe Verdi (1813 - 1901)**

# D'AMATO FINE TUNES

**Piano & Pipe Organ: Servicing, Rebuilding, Tuning: Supply & Rental**

Sonata Building, Bronja Street, Żurrieq, Malta
Tel: 685326 / Res: 464076 - 226280 / Fax: 465798



# Baron Confectionery

## Żurrieq Branch

**Caters for Parties, Weddings, Engagements, Baptisms, etc., and also Souvenirs for all occasions.**

**Dun Ġużepp Żammit Street,**
**Żurrieq, ŻRQ 04, Tel: 640819.**

***Businesss Hours:***
***All mornings except Mondays: 7.00a.m. - 12.00 p.m.***
***All evenings except Sundays: 4.00 p.m. - 7.00 p.m.***



# J C Displays

**Żabbar Road, FGURA.**
**(opposite TIP-TOP)**

**Tel: 816843**

*Screen Printing on T-Shirts, Fabrics, Plastics, Jeans, Labels, Souvenirs, Felt & Rubber Print.*

Il-kbir kompożitur Taljan Giuseppe Verdi kellu suċċess kmieni f'ħajtu. Twieled fl-10 ta' Ottubru 1813 (5 xhur biss minn wara t-twelid f'Leipzig ta' dak li kellu jkun l-akbar rival f'ħajtu: Richard Wagner) qrib Bussetto f'Parma u miet f'Milan fl-1901, fl-eta' ta' 87 sena. L-ewwel opra tiegħu, l-*'Oberto'* ta' l-1939, kienet intlaqgħet tajjeb f'Milan, iżda t-tielet waħda, in-*'Nabucco'* ta' l-1842, għamlitu famuż. Tlettax-il sena wara, permezz tar-*'Rigoletto'*, bit-*'Trovatore'* u bit-*'Traviata'*, kien laħaq il-quċċata tas-suċċessi, tant illi kien meqjus daqs Meyerbeer, li dik il-ħabta kien għadu ferm famuż bl-opri spettakulari tiegħu.

Is-*Selection* impenjattiv minn din l-opra u li l-banda ser tesegwixxi għalina din is-sena għandha arranġament bandistiku ta' Jas Waterson, bis-solisti jkunu l-bandisti tagħna Ġino Farruġia *(Trumpet)* u Alfred Galea *(Euphonium)*.

**Spartacus - Adagio - Aram Khatchaturian**

Aram Khatchaturian twieled Tiflisi, f' Georgia, minn ġenituri Armeni fl-1903 u miet appena tmintax-il sena ilu, jiġifieri fl-1978. Kien ħa l-formazzjoni mużikali tiegħu mill-Konservatorju ta' Moska u stabbilixxa ruħu mill-ewwel bħala wieħed mill-aktar kompożituri famużi hekk imsejħa 'Sovjetiċi', permezz ta' xogħolijiet li isimhom biss jindika mill-ewwel bħal *'Poem for Stalin'* ta' l-1938. Mill-mużika diversa li kiteb (sinfoniji, kunċerti għall-pjanu, vjolin, vjolinċell, eċċ.), bir-raġun huwa meqjus bħala kompożitur ewlieni kontemporanju.



**Aram Khatchaturian (1903 - 1978)**

L-*Adagio* minn dan ix-xogħol huwa ferm romantiku u melodjuż u żgur ser jintgħoġob minn dawk preżenti. Is-solista jerġa' jkun Ġino Farruġia bil-kurunetta.

**The Sound of Music -**
**Selection - Richard Rodgers**

Minn qatt ma sema' jew saħansitra ra dan il-*Musical* ċelebri Amerikan u li aktar tard inħadem f'film? L-istorja vera sseħħ fiż-żmien l-okkupazzjoni Nażżista ta' l-Awstrija matul it-Tieni Gwerra Dinjija, bil-protagonisti jkunu l-membri tal-familja Trapp u l-mużika tagħhom, li permezz tagħha jirnexxielhom jiżgiċċaw minn taħt idejn l-oppressuri ta' pajjiżhom.

F'din is-*Selection* ferm tal-widna ser nisimgħu uħud mill-aktar temi prinċipali maħdumin b'mod artistiku w ibbażat fuq dan il-*Musical* ta' Richard Rodgers u Oscar Hammerstein. Minn din il-koppja rinomata ħafna f'dan il-ġeneru mużikali stabbilit, ħarġu diversi xogħolijiet kapulavuri bħal *'South Pacific'*, *'Oklahoma'*, *'The King and I'*, eċċ. Is-*'Sound of Music'* kien fil-fatt l-aħħar xogħol minn din il-kullana ta' suċċessi, billi Hammerstein miet ftit wara fl-1960. Mhux ta' b'xejn illi Rodgers huwa meqjus bħala wieħed mill-ewlenin kompożituri tal-*Musicals* Amerikani!

**Jesus Christ Superstar -**
**Selection - Andrew Lloyd Webber**

Andrew Lloyd Webber ġej minn familja Ingliża ta' kompożituri: missieru okkupa l-kariga ta' direttur tal-*London College of Music* u ħuħ Julian huwa vjolinċellist stabbilit. Imwieled f' Londra nhar it-22 ta' Marzu, 1948, huwa għamel xi żmien jistudja fil-*London College*, iżda fl-1965, iltaqa' ma Tim Rice u flimkien bdew jaħdmu fix-xena *pop*. Fl-1968 tellgħu l-ewwel xogħol kbir tagħhom dwar l-istorja Biblika ta' Ġużeppi iżda fuq sfond modern *'Joseph and the Amazing Technicolor Dreamcoat'*. Iżda bla dubju ta' xejn, ir-*Rock Opera 'Jesus Christ Superstar'* ta' l-1970 u li appuntu minna l-banda ser iddoqq l-aktar siltiet mużikali saljenti f'dan l-arranġament bandistiku, ikkonfermat il-ġenju mużikali, immaġinattiv u krejattiv ta' dan il-kompożitur kontemporanju. Mużika oħra li pprovda Lloyd Webber kien għall-films *'Gumshoe'* ta' l-1971, *'The Odessa File'* ta' l-1974, kif ukoll *musicals* oħra bħal *'Jeeves'* ta l-1975, *'Evita'* ta l-1978 u




**Jirbħu dawk li jaqtgħu:**

**il-5 numri**

**4 numri**

**3 numri**

* Tagħżel 5 numri minn 1 sa 36.

* It-tlugħ tan-numri rebbieħa tas-Super Five ixxandar dirett fuq Television Malta nhar ta' Erbgħa.

* Biljett jiswa 50 ċenteżmu.

*'Tell me on a Sunday'* ta' l-1979.

**Best of Maltese Folklore - Fantasia - Anthony Chircop**

Bil-mod il-mod qed tidħol id-drawwa illi l-baned Maltin dejjem jinkludu xi silta mużikali ta' kompożituri Maltin. Wara illi s-sena l-oħra, il-Banda tagħna esegwiet għall-ewwel darba l-Overture Religioso ***Fundatio*** tas-surmast direttur, din is-sena ħsibna biex ninkludu biċċa mużika li tiġbor fiha uħud mill-aktar siltiet mużikali, folkloristiċi u popolari Maltin: u propju l-għażla waqgħet fuq dan l-arranġament ħelu ħafna ta' Mro. Anthony Chircop, li ta' min jgħid illi kien wieħed mill-għalliema ta' l-għażiż Leonard Farruġia u saħansitra kien għamel żmien twil idoqq miegħu f'bosta *Jazz Bands* lokali. Intant, Mro. Chircop huwa l-aktar magħruf bħala dak li kien jidderiġi l-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u *bass guitarist* per eċċellenza; iżda qabel dan, bejn l-1950 u l-1954, huwa studja l-mużika għand il-mibki Mro. Carmelo Pace, fejn kiseb id-diplomi mużikali mill-*London College of Music*, biex imbagħad daħal bħala bandist mar-*Royal Malta Artillery*. Minn hawn, huwa wera li kien prolifiku u għaldaqstant intbagħat fuq kors mużikali fir-*Royal Military School of Music - Kneller Hall*, fejn ukoll ħa sehem ma diversi orkestri fosthom dik tar-*Royal Festival Hall* f'Londra, taħt it-tmaxxija tas-surmast John Barbirolli.

Filwaqt li nisperaw illi x-xogħolijiet mużikali li ppreparajnielkom tieħdu pjaċir tisimgħuhom, hija x-xewqa tas-surmast u l-kummissjoni banda illi jinżamm kemm jista' jkun is-skiet waqt l-esekuzzjoni ta' dan il-programm. Il-Banda tagħlaq is-serata bl-Innu Marċ Popolari Marija Assunta tas-sur Leonard Farruġia, bl-Innu tal-Banda ta' Mro. Anthony Camilleri u bl-Innu Malti.

**Is- Surmast flimkien mal-bandisti jifirħu u jawguraw lil sħabhom bandisti li ser jingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ matul l-1996:**

**Il-Koppja Ghigo (Monica Abdilla)**
**Il-Koppja Abdilla (Charles Abdilla)**
**Il-Koppja Farruġia (Ġino Farruġia)**

**Jifirħu wkoll liċ-ċkejken bandist Sandro Ghigo għas-suċċess li kiseb u li għamel unur lill-Banda tagħna.**

## Lil Santa Marija Assunta

B'ħeġġa waħda nissieħbu magħquda
f'dal-jum sbejjaħ għalina, hekk għażiż
sabiex b'ħerqa u mħabba għalenija
nifħmu l-għan ta' ħajjitna qaddis.

Lejn is-sema inħarsu biex nilmħu
mara kbira qed timla s-smewwiet
is-sbuħija li tlellex fqu wiċċha
ħjiel tal-kobor ta' Sid il-qawwiet.

Din ix-xbejba imżejna bis-safa
ġilju safi, Sultana tal-qlub
mingħajr tebgħa imnissla mill-bidu
Omm ta' Kristu għalina Mislub.

Xbejba ħelwa, żgħżugħa, sabiħa
tħares lejna mis-sema f'kull żmien
aħna għaliha wliedha maħbuba
hija l-faraġ tal-bniedem għajjien.

Int l-Assunta, tas-sema r-Reġina
li fi ħdanek ġarrejt il-Ħallieq
Int l-Omm t'Alla li firex is-sema
Int in-nar dejjem jaqbad fl-għollieq.

Ersaq lejna Marija u ma' qalbek
lilna ħaddan bla biża' ja Omm
għax jekk aħna wliedek, Int Ommna
li qrib tiegħek Int lilna żżomm.

Lil dal-gżejjer f'nofs baħar kaħlani
qatt la tinsa ja sbejħa Marija
għax dal-gżejjer tawk qima mill-bidu
raw fik dejjem ta' Kristu x-xbieha.

Tmin parroċċi fuq wiċċ Malta tagħna
u tnejn oħra ġewwa Għawdex ukoll
jagħtuk qima taħt Isem l-Assunta
għax dal-gżejjer uliedek ilkoll.

F'nofs Awissu dil-festa wisq kbira
aħna nagħmlu biex nagħtu kull ġieħ
lilek f'Ommna mgħollija fis-sema
Int ħabbejtna, ħabbejtna bis-sħiħ.

Bint Dak Alla li għażlek mill-bidu
Omm ta' Kristu Ġesu l-Feddej;
Il-Għarusa ta' Ruħ il-Qdusija
O Marija ħarisna għal li ġej.

**Geoffrey G. Attard**

# Pineapple

Confectionery & Pastizzeria

Monday to Saturday: 7.00 a.m. to 7.00 p.m.

Sunday: 6.00 a.m. to 12.00 p.m.

# ELLUL WOODWORK

## Mqabba

Għal kull xorta ta' xogħol ta' aperturi, għamara u kolonni tat-taraġ bi prezzijiet moderati.

Irrikorru għand:

**Ellul Woodwork**
**Valletta Road, Mqabba.**
**Tel: 683152 - 689470**

# FRIZOLL

Manufacturers of commercial refrigeration bar counters & cold rooms
Refrigeration Equipment

**Frizoll**
**Paola Hill**
**Paola**
**For estimates & maintenance phone: 806866 - 824388**

# Concorde Mini Market

Carmelo Ciantar Street, Mqabba.

Tel. 680922

*For comfortable shopping*
*Free delivery on request*

Prop. Mr. Mario Farmosa

# L-AQWA BRIJU BL-AQWA MARĊI........

## SETTIJIET TA' MARĊI LI L-BANDA RE ĠORĠ V SER IDDOQQ MATUL IL-FESTA 1996

## MARĊI 1994-1996

| ISEM IL-MARĊ | KOMPOŻITUR | IRREGALAT MINN |
|---|---|---|
| Elaine* | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Tal-Ħbieb* | Mro.G.Martin | Familja Martin |
| Ta' l-Għoli* | Mro.E.Buġeja | M.Żammit |
| The Best* | Mro.A.Camilleri | Dilettanti tan-Nar |
| Ċelebrita' | Mro.A.Mizzi | C.Briffa |
| Ċensu l-Bully* | Mro.A.Coleiro | J.Camilleri |
| Champion Reds* | Mro.A.Camilleri | Grupp ta' l-Armar |
| Lucky Star* | Mro.A.Farruġia | A.Farruġia |
| Queen of Heaven* | Mro.A.Camilleri | Fergħa tan-Nisa |
| Red Arrows | Mro.R.Sciberras | M.Ghigo |
| Always Right | Mro.R.Fenech | M.Żammit |
| Pablito* | Mro.A.Mizzi | C.Żahra |
| L-Akbar Titular | Mro.E.Buġeja | A.Żahra |
| Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija* | Mro.A.Camilleri | Sezzjoni Żgħażagħ |

**Dawn l-erbatax il-marc, flimkien ma l-Innu tal-Banda Re Ġorġ V, ġew irrekordjati fuq *cassette* għand Boffa Ltd. Ngħarrfu wkoll li nhar it-Tlieta, 13 ta' Awissu 1996, Radju Malta 1 ser ixandar il-marċi immarkati * fit-8.30 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| Serjeta' | Mro.R.Fenech | A.Żammit |
| Emperor | Mro.A.Mizzi | M.Farruġia |
| Kemm aħna Kbar | Mro.R.Fenech | P.Gauċi |
| King of Kings | Mro.A.Mizzi | J.Galea |
| Jes-Don-Mark | Mro.R.Fenech | M.Żammit |
| Lill-Fundatur Ġużeppi Galea | J. Farruġia | J.Farruġia |

## MARĊI POPOLARI LI SER JINDAQQU MATUL IL-MARĊ TA' FIL-GĦODU

| | | |
|---|---|---|
| Omm l-Ommijiet | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Ta' Gerrew | Maj.A.Aquilina | V.Galea |
| Felix | Mro.A.Coleiro | V.Galea |
| Adriana | Mro.E.Buġeja | M.Ghigo |
| Come on Baldass | Maj.A.Aquilina | G.Psaila |
| Prima Classe | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| La Vincitrice | Mro.A.Coleiro | A.Coleiro |
| Ferħanin | Mro.E.Buġeja | P.Żerafa |
| Ta' Gori | Mro.A.Mizzi | J.Galea |
| Agrigento | Mro.A.Coleiro | I.Camilleri |
| Superstars | Arr.Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Marija Assunta | Mro.L.Farruġia | L.Farruġia |
| Marching Queen | Arr. Mro.A.Camilleri | Sezzjoni Żagħżagħ |

# Your car is probably your second largest investment.

Protect it now with the
**TUFF KOTE DINOL**
full protection programme.

Tuff-Kote Dinol by Dinitrol



◆ **Tuff Kote Dinol Rustproofing & Dinitrol Clear**
*- the unique double treatment incorporating 'Dinitrol Clear' a glossy easy io clean transparent film for cleaner engine bays and door sills.*

◆ **Tuff Kote Dinol Fabric Protector**
*- prevents your upholstery from being permanenily stained.*

◆ **Tuff Kote Dinol Paint Sealant**
*- ensures your paintwork remains as good as new for years.*

**F. & A. MAGRI**
**Airport Road, Luqa.**
**Tel: 809376 - 897917**
Tony Spiteri (Pulitu)
St. Leonard Str., Victoria
Gozo. Tel: 551991

*We take good care of your car.*

Tuff-Kote Dinol
PAINT SEALANT
FABRIC PROTECTOR

# SANTWARJI MARJANI

### It-Tielet Parti

Tommy Agius.



## IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA TAL-VIRTU

Meta wieħed ikun sejjer ir-Rabat, quddiemu fuq il-lemin jara s-swar ta' l-Imdina bil-kattidral f'qagħda prominenti. Fuq ix-xellug tiddomina l-veduta, jara l-lukanda *Verdala* u jekk iħares iżjed lejn ix-xellug jara kappella żgħira. Din hija l-kappella ta' Santa Marija tal-Virtu, magħrufa bl-isem popolari tal-Virtu.

Il-kappella hija mibnija fejn qabel kien hemm post arkejoloġiku importanti - ċimiterju ta' żmien Puniku, Grieg u Ruman, u anke katakombi skond diskrizzjoni li jagħtuna Ġian Franġisk Abela u A.A. Caruana. Dan ta' l-aħħar kiteb li l-katakombi kien imblukkat iżda iżjed tard, jiġifieri fl-1901, kiteb li seta' jidħol ġewwa fih u sab li dan il-katakombi kien ġie kkonvertit fi kripta fi żmien medjovali u li kellha bieb ta' stil Gotiku li kellu fuqu disinn ta' weraq ta' l-*'Acanthus'*.

Insibu li l-kappella kienet mibnija fil-1436 għax f'dik is-sena ċertu Antonio de Bighera ħalla somma ta' flus li kienet tinġabar bħala qbiela ta' raba, din skond l-atti tan-Nutar Luigi Sillato. Skond ir-rapport ta' Mgr. Dusina, il-kappella kellha tlett artali. Fil-vista pastorali ta' l-Isqof Cagliares (1615), insibu li t-titular kien pittura tal-Madonna bil-Bambin li kien għadu kemm ġie mpitter minn Vincenzo Baiata fil-1611.

Il-kappella kif narawha llum ġiet mibnija minn Petruzzo Debono bejn l-1717 u l-1723. L-iskultura ta' l-artal saret minn Benedetto Saliba bl-għajnuna ta' Antonio Fabri.

Kienet teżisti devozzjoni kbira lejn il-Madonna f'tal-Virtu u l-ħitan kienu mimlija b'ex-votos jew pittura tal-wegħdiet. L-arċipriet tal-kattidral kien imur proċessjonalment fit-tieni Ħadd wara l-Għid biex ibierek l-erbat irjieħ. Kienu jsiru wkoll pellegrinaġġi fi żmien ta' nixfa jew xi diżastru.

Papa Ljun XIII iddikjara s-seklu għoxrin bħala dak tar-Redentur. Biex ikompli fuq id-dikjarazzjoni tal-Papa, l-Isqof ta' Malta Mgr. P.Pace ħatar kumitat biex issir statwa tar-Redentur tal-fondut, li kienet tikkonsisti fi Kristu jżomm salib u b'idu l-leminija merfugħa qiegħed ibierek il-miġemgħa. Din ittellgħet fuq il-koppla u kienet tħares lejn it-tramuntana. Biex issir fuq skala nazzjonali, kull familja ġiet mitluba tikkontribwixxi sold (1c 7m). Fit-22 ta' Settembru 1901, l-istatwa ġiet eskortata minn stakkament tar-*Royal Malta Artillery*. Sar diskors mill-Prim Imħallef P. Debono, inqraw xi poeżiji, waħda minnhom ġiet moqrija minn qassis żagħżugħ, Dun Karm Psaila, li aktar tard kellu jkun il-poeta nazzjonali.

F' Settembru ta' l-1923, terremot qawwi għamel ħsarat kbar fil-kappella u kien hemm konsenturi kbar fil-koppla. Il-kappella kienet f'periklu serju u ġiet magħluqa għall-pubbliku. Fl-1935 l-istatwa tniżżlet minn fuq il-koppla u tpoġġiet fuq pedestall quddiem id-daħla tal-knisja. F'maltempata qawwija ntilef is-salib u wara l-post ġie magħluq. Fl-1986 l-istatwa ġiet irrestawrata u meħuda bil-pedestall għas-Seminarju li qiegħed fil-viċin. Il-knisja sofriet ħafna mill-vandaliżmu. Fl-1988, fuq talba ta' kull min iħobb il-wirt nazzjonali tagħna l-Maltin, id-Dipartiment ta' l-Ambjent għamel ħafna xogħol ta' tindif u restawr.

Hemm diversi leġġendi marbutin ma' din il-knisja. Waħda minnhom tgħid li ċertu qassis, Dun Bernard, magħruf ħafna għall-ħajja qaddisa li kien jgħix u li kien iqaddes f'din il-knisja,wara ftit li kien miet, kien hemm bidwi li kien sejjer jisma' l-quddiesa ta' l-erbgħa ta' fil-għodu f'San Pawl tar-Rabat, hekk imsejħa ta' l-*Aurora*, iltaqa' ma' qassis ħdejn tal-Virtu li stiednu biex jgħinu fil-quddiesa. Il-bidwi aċċetta u wara l-quddiesa, l-qassis irringrazzjah u qallu li dak in-nhar stess kien sejjer il-Ġenna u hemm jitlob għalih.

# NAXOS TYRE CENTRE

St. Thomas Street, Luqa
Fax / Telephone: 661138 Mobile: 099 4682
*(Opp. Runway)*

* Puncture * Battery & Tyre Services
* KN Alloy Wheels (Made in UK)
* Wheel Balancing
* Electronic Wheel Alignment
* Other Car Accessories
* Model Centre




## FRIDA TRANSPORT SERVICE

By
Joseph Grech & Sons
**Tel: 647860**

**Għal kull xorta ta' transport**

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

## DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 430962
- 415200

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel




Best Craftsmanship – Quick Service





L-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija
1836 - 1996

## *PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F' ĠIEĦ*

# SANTA MARIJA

## *PATRUNA TA' L-IMQABBA*
## *30 ta' Lulju - 22 ta' Awissu, 1996*

# FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**It-Tlieta, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina**
**6.30 p.m.** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu - Ħruġ tal-Istatwa**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata, tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**7.30 p.m.** Isir il-ħruġ solenni tal-Istatwa ta' Santa Marija u jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira tas-Soċji u Benefatturi mejtin**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantanta mill-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa, b' suffraġju għall-Erwieħ ta' ħutna s-Soċji u Benefatturi mejtin. Tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Mons. Anton Galea, bl-omelija "Marija Mtella' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
**7.15 p.m.** Tingħad it-talba tal-Kwindiċina, Innu, *Salve Regina*, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni.
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R.Kappillan Dun Alfred Vella, bl-omelija "Marija Sultana tas-Sema u ta' l-Art".
**7.15 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni.
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Mons. Lawrence Gatt, bl-omelija "Marija Saħħa tal-Morda". B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-parroċċa għax waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat lilhom is-Sagrament tal-Morda.
**7.45 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**
**8.15 a.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R.Kappillan tal-Parroċċa Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-*Te Deum*, l-Innu u l-Antifona *Beata Mater*.
**6.30 p.m.** Transulazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. Lawrence Mifsud. Wara tiġi konċelebrata quddiesa solenni mill-W.R.Patri Joseph Ghigo S.J., *Salve*, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa**
**6.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**7.15 a.m.** Quddiesa Letta:
**8.00 a.m.** Kant solenni tal-Lawdi
**9.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni, konċelebrata bil-Paniġierku mill-W.R. Mons. Lawrence Mifsud.
**11.00 p.m.** Quddiesa Letta.
**12.00 p.m.** Quddiesa Letta.
**5.00 p.m.** Quddiesa Letta.
**6.00 p.m.** Għasar Solenni mill-W.R. Mons. Lawrence Mifsud, *Salve* u Litanija.
**7.15 p.m.** Proċessjoni bl-Istatwa Artistika u Devota tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.
**10.15 p.m.** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika..

**N.B. (1)** L-Erbgħa, lejliet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jum tal-Festa.
**(2)** Il-Mużika tat-Tlett Tridijiet, Lejliet u Nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast il-W.R.Patri Salv Galea, O.P.

**Il-Ħamis, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni, reposizzjoni tar-Relikwija, *Te Deum* u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# FESTI ESTERNI

**It-Tlieta, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nifthu l-festa ta' din is-sena b' Lejla Maltija.

**Fil-ġranet tal-Kwindiċina**
**8.00 p.m.** Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ħamis, 8 ta' Awissu - Jum ta' Radd il-Ħajr**
**6.30 p.m.** Quddiesa fil-kumpless tal-Kmamar tan-Nar, organiżżata mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija u li għaliha huma mistiedna l-membri kollha. Iqaddes Patri J.M. Ghigo, S.J., Direttur Spiritwali tas-Soċjeta'.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug tal-Istatwa**
**7.30 p.m.** Toħrog l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħha mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Wara, l-istess Banda **taħt** **it**-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M. (Hons), A.Mus.L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b' sett ta' marċi brijużi.

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**
**8.00 a.m.** Isir it-tlugħ uffiċjali tal-Bandiera ġdida tas-Soċjeta' mill-President.
**8.00 p.m.** Mixgħela ġenerali.
**8.15 p.m.** Marċ Trijonfali mill-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija. Hekk kif il-Banda ssib ruħha fuq il-Planċier, tinżamm minuta silenzju bħala rispett lejn is-Sur Leonard Farruġia, wieħed mill-Fundaturi tal-Banda tagħna, li b' sogħba kbira ħalla dan il-wied tad-dmugħ aktar kmieni din is-sena. Wara, l-istess Banda, taħt id-direzzjoni ta' Mro Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons.), A.Mus.L.S.M., tesegwixxi l-Programm Strumentali u Annwali tagħha. Wara s-solitu preżentazzjonijiet, is-serata tiġi fi tmiemha b' **riċeviment fis-swali tal-Każin għas-Soċji, Benefatturi u Partitarji Nisa u Rġiel kollha.**

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**8.15 p.m.** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A. Farruġia, L.Mus.L.C.M., tagħmel marċ brijuż mat-toroq tar-raħal u li jibda minn quddiem il-Każin.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
**8.15 p.m.** Imiss lill-Banda San Bartilmew ta' Ħal-Għargħur sabiex tferraħ it-toroq tar-raħal b' sett marċi brijużi. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro.Ray Żammit A.Mus. L.C.M., u l-marċ jibda minn quddiem il-Każin.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**
**8.30 p.m.** Minn quddiem il-Każin ukoll, jibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu, li l-Banda Re Ġorġ V ila tagħmel sa mit-twaqqif tagħha, fost il-briju kbir tas-Soċji u Partitarji.

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**
**8.00p.m.** Programm Strumentali mill-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro.J.Vella, B.Mus.,F.L.C.M. Wara, l-istess banda tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal.
**8.30 p.m.** Il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq il-Pal .
**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, jkomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każintas-Soċjeta'.
**10.30 p.m.** Programm Strumentali mill-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**10.15 a.m.** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M. (Hons),A.Mus L.S.M., tibda l-marċ ferm popolari ta' fil-għodu minn quddiem il-Każin.
**6.00 p.m.** Il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta.
**7.15 p.m.** Il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi, taħt id-direzzjoni ta' Mro.F.Galea, F.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo. Wara l-istess banda takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.
**8.45 p.m.** X' ħin l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir **Innu lil Marija Mtella' s-Sema**, kompożizzjoni ta' Mro.G.Martin A.Mus.L.C.M., O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R.Patri J.M.Ghigo, S.J. Jieħdu sehem it-tenur Brian Cefai, il-Baritonu Alfred Camilleri, kif ukoll il-kor 'San Sebastjan' ta' Ħal-Qormi. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha.
**10.15 p.m.** Il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi tagħlaq il-Festa b' marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa.

**Il-Ħamis, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-knisja u tal-Każin tas-Soċjeta'.
**8.00 p.m.** Nagħlqu l-Festi ta' din is-sena bl-Lejla Maltija oħra.

# Ristorante Cosmana Navarra

*For exquisite*
*a' la carte cuisine...*

*Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.*





*The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.*

**Business Lunches**

**For Reservations Telephone:**

(0356) 450638
(0356) 452415

28 St. Paul Street
Rabat RBT 12.

# Unur lis-Soċjeta'
# Unur lill-Imqabba
# Unur lil Malta!

Dan kien il-kumment ġenerali fuq fomm kull min kien magħna waqt il-Ġita Kulturali fl-Italja, organiżżata kollha kemm hi mis-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Kienet ġimgħa li ma ninsew qatt għaliex barra milli l-Banda laħqet l-għola livell ta' esekuzzjoni matul l-erba' programmi strumentali li wettqet fil-Provinċja ta' Ascoli Piceno, il-ġmiel tal-pajsaġġi, l-ospitalita', eċċ. żgur ser jibqgħu ittimbrati f'moħħna u f'qalbna. Dan ir-rapport qasir qed isir appena nżilna mill-ajruplan sabiex inkunu nistgħu nilħqu nippublikawh fil-programm ta' din is-sena; iżda nwegħdukom li fil-futur qarib ngħatukom rapport aktar dettaljat u mimli b'ritratti li għadna qed nistennew jiġu mill-Italja.

Intant, kmieni nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, il-kontinġent Malti magħmul minn madwar 120 ruħ tlaqna b'titjira *Chartered KM 2630* ma' l-*AirMalta*, diretta lejn Ancona fejn wasalna għall-ħabta tas-7.15 a.m. Wara tlett siegħat vjaġġ bil-*pullman*, wasalna Servigliano fejn parti mis-*supporters* ġew sistemati fil-Hotel San Marco. Seba' kilometri l-bogħod wasalna f'Santa Vittoria, raħal pittoresk illi trid tkun hemm biex tifhem is-sbuħija ta' dan il-post. Hawnhekk, fil-Hotel Farfense u fil-Pensionato San Benedetto ġew sistemati il-bandisti kollha, bin-nisa u l-għarajjes ukoll. L-aħħar parti tal-kontinġent Malti ġew ospitati fil-Hotel Da Luisa f'Montefalcone. Jilqgħuna sibna s-Sindku Mro.Francesco Mancini u l-koordinatur il-Perit Vincenzo Pennesi, illi għamlu minn kollox f'dik li hi organiżżazzjoni. Wara l-ikla ta' nofsinhar, kellna ħin biex induru r-raħal ma' gwida u wara l-ikla ta' filgħaxija, il-Banda wettqet b'suċċess l-ewwel Programm Strumentali ġewwa r-"raħal" - madwar 10,000 ruħ - ta' Comunanza. L-għada s-Sibt 13 ta' Lulju, filgħodu żorna r-raħal ta' Montemonaco, fejn wara li l-banda għamlet marċ qasir, ġejna mdawrin mar-raħal minn gwida. Fl-għaxija, il-Banda esegwiet it-tieni Programm Strumentali ġewwa Amandola, fejn il-pjazza kbira u sabiħa ta' dan il-villaġġ laqgħet il-Banda b'applawsi kbar, speċjalment waqt l-esekuzzjoni ta' l-Aida ta' Giuseppe Verdi. Għalkemm konna nkunu għajjenin sew bil-vjaġġi kif ukoll bis-servizzi, l-għada konna nqumu b'saħħa u determinazzjoni aktar minn qabel għaliex tara u tħoss l-apprezzament. Il-Ħadd 14 ta' Lulju, filgħodu żorna r-raħal qrib ta' Montelparo, fejn il-Banda għamlet marċ qasir u wara ġejna mdawrin mar-raħal. Fil-11.00 a.m. assistejna għall-quddiesa fil-parroċċa ta' Santa Vittoria u kmieni wara nofsinhar, iż-żewġ Baned - tagħna u dik ta' Santa Vittoria - ingħaqdu f'*Mass Band* u għamilna marċ mat-toroq tar-raħal li kien qed jospitana. Fis-6.00 p.m., fis-*sede* tal-*Comune* saret iċ-ċeremonja uffiċjal tal-ġemellaġġ bejn l-irħula ta' l-Imqabba u Santa Vittoria, fil-preżenza taż-żewġ sindki s-sur Emanuel Buttiġieġ u Mro. Francesco Mancini, u quddiem l-għola awtoritajiet tar-reġjun. Wara ċena uffiċjali, il-banda esegwiet l-aqwa Programm Strumentali propju f'Santa Vittoria, quddiem udjenza ferm numeruża u b'persuni hekk distinti li għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom. Dak in-nhar, il-bandisti flimkien mas-surmast, jekk irqadna sagħtejn, għaliex domna niċċelebraw flimkien dan is-sodisfazzjon sas-siegħat bikrin ta' filgħodu! It-Tnejn 15 u t-Tlieta 16 ta' Lulju kienu ġranet liberi għall-Banda u li matulhom żorna San Marino, Rimini, Assisi - fejn kellna quddiesa bil-Malti - u Cascia. L-Erbgħa kien imiss li l-Banda tagħmel l-aħħar Programm Strumentali tagħha, propju fir-raħal li qiegħed ma l-elf metru l-fuq mill-livell tal-baħar, jiġifieri Smerillo. Hawnhekk, il-banda

# F & R SCHEMBRI

**SWEETS & CIGARETTES**
**CIGARS & TOBACCO**

**"FRARENE", ST.EDWARD STREET, QORMI.**
**TEL: 441453 / 449938**

TRIQ MATTEOLO SALIBA ZURRIEQ
STAR BRITE
DRY CLEANING
TEL: 683609 FAX: 683367

MQABBA AGENTS

# ARIANE

PHOTOGRAPHIC
&
UNISEX HAIR SALON

# PALMA GARAGE (IT-TALJAN)

**PROFESSIONAL PANEL BEATING**
**SPRAY PAINTING**
**JIG BODY ALLIGNMENT**

**VALLETTA ROAD, MQABBA, TEL: 680089.**



**Il-Banda waqt wieħed mill-Kunċerti Strumentali - Smerillo.**

reġgħet għal darb'oħra ġiet milqugħa b'entużjażmu minn nies tal-lokal u ħinijiet minnhom anke ntalbet sabiex tirrepeti xi silta mużikali. Il-Ħamis 18 ta' Lulju kienet ġurnata libera oħra għall-Banda fejn żorna l-belt kapitali Ascoli. Hawnhekk, wara żjara kulturali madwar il-belt hekk imsejħa tat-Torrijiet, ġejna mistiedna fil-parlament tar-reġjun fejn sibna laqgħa kordjali ferm propju mill-President tar-reġjun. Saru diskorsi ta' l-okkażjoni kif ukoll sar bdil ta' rigali; iżda l-aktar ħaġa importanti li ħareġ minn din il-laqgħa kien illi s-sena d-dieħla, mhux biss il-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria* u d-diriġenti tagħhom ġejjin Malta, iżda ser ikunu akkumpanjati b'delegazzjoni reġjonali fuq skala ministerjali ħalli tkompli tikber ir-rabta diġa' soda bejn Malta u l-Italja - dan jagħmlilna unur! Wara żjara lill-Port ta' San Benedetto del Tronto, l-aħħar ftit siegħat qattajniehom flimkien maż-żagħżagħ ta' Santa Vittoria ġewwa diskoteka kbira u moderna biex għall-ħabta ta' l-4.00 a.m., qbadna t-triq lejn l-ajruport ta' Falconara. Wasalna Malta nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju fl-10.00 a.m., fost briju u ċapċip tal-partitarji tagħna li kienu qed jistennewna bi ħġarhom. Kulħadd kien sodisfatt għaliex minbarra li għamilna xogħolna sew, f'kull ħin irrenjat l-għaqda u l-koperazzjoni.

**Il-Kumitat Eżekuttiv.**



- ***Prosit ammiraturi li għoġobkom takkumpanjawna!***
- ***Prosit Alfred Galea u Vincenzo Pennesi għall- organiżżazzjoni!***
- ***Prosit Bandisti għall-mod li bih kulħadd daqq speċjalment matul il-Programmi Strumentali!***
- ***Prosit għażiż Surmast għad-direzzjoni impekkabli tiegħek!***

# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA,
## SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

**Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karrozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karrozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm 18.50.**

**Kif ukoll:**

* Silencers għall- karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalita' ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall- bejgħ.



# BLOKRETE LTD.

## MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.




TEL: 433953 - 444562 - 484735
FAX: 433957




Il-President tas-Soċjeta' s-sur Carmel Żahra jippreżenta rigal ta' tifkira lis-Sindku ta' Santa Vittoria Mro. Francesco Mancini.




Ritratt storiku tas-Sindku ta' l-Imqabba u dak ta' Santa Vittoria flimkien mal-President tar-reġjun.

# AUTO TECH

## Auto Electrical Service

JOHN CUTAJAR

Valletta Road, Mqabba, Mobile: 099 8465

# BARJOLA REAL ESTATE, GUDJA.

**Specialises in**
**FARMHOUSES and HOUSES of CHARACTER.**

**Phone: 678005, 806314, 099 7486.**

BARJOLA REAL ESTATE CONSULTANTS

# LELI'S PET SHOP

**TRIQ IX-XRIEK, MQABBA.**

Ġwies u affarijiet għall-Kaċċa, Insib u Sajd
Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi, eċċ.

# MINN FEJN SER JGĦADDI L-MARĊ?

Bħas-snin li għaddew, ser ikollna **ħames baned barranin** li se jagħtu **sitt** servizzi distinti matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija, biex flimkien mal-ħames servizzi ferm mistennija tal-Banda tagħna, ser nerġgħu inwaqqfu rekord għal raħalna ta' **ħdax-il servizz** ta' Baned f'din il-Festa Ewlenija Imqabbija. F'dan l-artiklu għandkom issibu fid-dettal ir-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-Baned rispettivi.

B'ħas-soltu, nixtiequ nieħdu din l-opportunita' biex inħeġġukom tiġu takkumpanjaw il-marċ it-triq kollha u sabiex iżżejnu u tixgħelu l-faċċati tad-djar tagħkom matul il-Festa kollha. Il-kriterji li bihom jintgħażlu t-toroq minn fejn ser jgħaddi l-marċ dejjem kienu, għadhom u jibqgħu li, kemm jista' jkun, nilħqu l-maġġoranza tas-soċji u partitarji tagħna; iżda dan tafu daqsna li mhux dejjem hu possibli, aktar w' aktar issa li r-raħal kompla jinfirex. Għaldaqstant, nitolbukom tgħaddulna intom xi suġġerimenti rigward rotot oħra li forsi lielna jkunu ġenwinament qabżulna ħalli fejn ma nilħqux din is-sena, inkunu nistgħu nagħmlu dan fil-futur qarib.

M'hemmx għalfejn ngħidu li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed jidħlu modi ġodda ta' briju u entużjażmu waqt il-marċi iżda jibqa' l-fatt illi dak li kien ħażin, jibqa' ħażin jagħmlu min jagħmlu. Ħafna drabi, il-Kumitat Eżekuttiv ikollu kritika għaliex nopponu għal ċertu dewmien żejjed speċjalment quddiem il-Każin tas-Soċjeta' tal-Ġilju. Dan aħna ma jħamrilniex wiċċna anzi b'hekk inkunu qed nerfgħu ir-responsabbilta' tat-tmexxija tal-Festa kif xtaqtu intom stess meta eleġejtuna fil-Kumitat u, aktar minn hekk, nuru li verament hemm min imexxi. Kull drawwa, imġieba jew kliem li jwassal għal aktar firda aħna dejjem waqafnielu u nibqgħu nieqfulu għaliex il-Festa ta' Santa Marija tiġi wisq qabel kull passjoni fanatika. Dan li writna minn għand l-antenati tagħna meta waqfu din l-ewwel Soċjeta' fl-Imqabba u fuq dawn il-prinċipji, bl-għajnuna tagħkom ilkoll għeżież Soċji u Partitarji, irridu nkomplu nimxu l-quddiem billi nedukaw u nirrispettaw anki lil min ma jxejjirx il-kulur tagħna. Iżda, kif jgħidu l-Ingliżi, 'It takes two to tango', u nisperaw li dawn l-isforzi tagħna jiġu xi darba kumplimentati minn min verament irid il-ġid lir-raħal wisq għażiż tagħna.

**Mela dan li ġej huwa l-Programm dettaljat tas-servizzi u s-sehem tal-Baned:**



**L-Atmosfera ferreħija li rrenjat waqt il-Marċ Tradizzjonali ta' fil-Għodu 1995.**

# Atlas Copco

## Portable Hand-held Petrol-driven Breaker & Driller


Cutting

Portable & light weight




Drilling


Compacting


Breaking

**Pionjär 140**

Powerful and easy to use
now available at

# S Guillaumier
**+ Co Ltd**

Cannon House, Cannon Road, Hamrun HMR 07 - Malta.
Tel. No: 495731, 486756, 443887, 237471 - Fax: 486011

**It-Tlieta, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina**
**7.30 p.m.** ***Il-Banda Re Ġorġ V*** tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' programm ta' marċi brijużi fuq il-palk ċentrali, fejn wara titkompla l-Lejla Maltija.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug ta' l-Istatwa**
**7.30 p.m.** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm strumentali fuq iz-zuntier tal-knisja ***il-Banda Re Ġorġ V***, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk:

**Triq San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.**

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**
**8.15 p.m.** Imiss jerġa' ***lill-Banda Re Ġorġ V***, taħt id-Direzzjoni tas-surmast direttur tagħha Mro.Anthony Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., li tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn **il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-każin.** Hekk kif il-Banda ssib ruħha fuq il-planċier, tinżamm minuta silenzju bħala turija ta' rispett lejn il-mibki ex-President Onorarju tas-Soċjeta' s-Sur Leonard Farruġia, il-bniedem li ta' ħajtu bħala servizz lill-banda u allura l-każin, li b'sogħba kbira ħalla din id-dinja f'Marzu li għadda biex mar igawdi l-Ħallieq għal dejjem. Wara, il-banda tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali tagħha.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**8.15 p.m. Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A.Farruġia L.Mus.L.C.M., tagħmel marċ li jibda' minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej:

**Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarrigiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ċiantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nażżarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Ġeraldu Manġion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nażżarenu, Dun Ġeraldu Manġion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**

**SOĊJETA' FILARMONIKA SAN ĠUŻEPP KIRKOP**
**SETT TA' MARĊI BRIJUŻI:**

| | |
|---|---|
| CA.NO.PA. | Mro. A.Farruġia |
| 48 Sena Katina | Mro. E.Buġeja |
| Rose Marie | Mro. A.Coleiro |
| Don Quixotte | Mro. J.Theuma |
| Nathan Mark | Mro. J.Mifsud |
| Pedestall Meravilja | Mro. A.Mizzi |
| Fallon u Andonia | Mro. A.Farruġia |
| Santos | Mro. D.Aġius |
| Il-Koppla | Mro. R.Fenech |
| Joscarm | Mro. P.Schembri |
| Oudrey | Mro. M.Azzopardi |
| Dilettanti tan-Nar | Mro. J.J.Pace. |

**Mro. Alfred Farruġia, L.Mus.L.C.M.,**
**Surmast Direttur.**

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
**8.15 p.m.** ***Il-Banda San Bartilmew ta' Ħal-Għargħur***, taħt id-direzzjoni ta' Mro. R.Żammit F.V.C.M., A.Mus.L.S.M., A.L.C.M., tagħmel marċ li jibda' minn quddiem il-Każin u tkompli tallegralna, b' sett marċi brijużi, it-toroq li ġejjin:

**Triq il-Ġilju, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katarina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katarina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ċiantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.**

**SOĊJETA FILARMONIKA S. BARTILMEW GHARGHUR**
**SETT TA' MARĊI BRIJUŻI:**

| | |
|---|---|
| The King | Mro. A.Mizzi |
| Agrigento | Mro. A.Coleiro |
| Maria Louisa | Maj. A.Aquilina |
| Karmar | Mro. A.Coleiro |
| Tortru | Maj. A.Aquilina |
| Vinceremos | Mro. A.Mizzi |
| Julian | Mro. O.Cachia |
| Coronation | Mro. J.Azzopardi |
| Kenith | Maj. A.Aquilina |
| Rigal mis-Soċji | Mro. A.Mizzi |
| Natasha | Mro. J.Mamo |
| Wenzinos | Maj. A.Aquilina |
| Julanne | Mro. J.Beżżina |
| Il-Bobby | Mro. R.Żammit |
| Pablito | Mro.A.Mizzi |
| Sezzjoni Żagħżagħ '95 | Mro. J.Sammut |

**Mro. Ray Żammit, F.V.C.M., A.Mus.L.S.M., A.L.C.M.,**
**Surmast Direttur.**

# *Valentina Hair Centre*

*Hairdresser & Beautician*

*Triq il-Ħarriġiet, Mqabba*

*Tel: 683241*

*611281*






**Buisness Hours:**
**Tuesday to Friday**
**from 10.30 a.m. to 5.30 p.m.**

**Saturday from**
**9.00 a.m. to 4.00 p.m.**

**Monday Closed**

Nixtieq il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

---

# mangion brothers żurrieq LTD.



**BUILDING CONSTRUCTION, CONCRETE MIX & CRANE HIRE**

**Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq.** **TEL: 649590**

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu**
**8.30 p.m.** ***Il-Banda Re Ġorġ V,*** taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A Mus.L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn quddiem il-każin u jkompli hekk kif ġej:

**Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Kazin.**

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**
**8.00 p.m.** Programm Strumentali mill-***Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat***, taħt id-direzzjoni ta' Mro.J.Vella, B.Mus. Wara, l-istess Banda tibda marċ li jgħaddi hekk kif gej:

**Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ċiantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**

## BANDA KONTI RUĠĠIERU RABAT PROGRAMM STRUMENTALI:

Preludio - J.Vella
Intermezzo - Cavalleria Rusticana - P.Mascagni
Marcia Sinfonica - Bianca Rossa - V.Ciappara
Sinfonia - William Tell - G.Rossini
Overture - Light Cavalry - F.von Suppe'
Innu tal-Banda - G.Vitaliti

## SETT TA' MARĊI BRIJUŻI:

| | |
|---|---|
| Ancona | Mro. J.Vella |
| L-Iljun | Mro. V.Ċiappara |
| Bompacello | Mro. V.Ċiappara |
| Arabian Nights | Mro. J.Azzopardi |
| Madrilena | Mro. J.Azzopardi |
| Karmnu s-Slif | Mro. C.Barġ |
| L-Arkivju | Mro. S.Giordemaina |
| Marjanna | Mro. C.Muscat |
| Michael | Mro. J.Muscat |
| Olyton | Mro. P.Schembri |
| Nathan Mark | Mro. J.Mifsud |
| Louis | Ms. D.Coleiro |

**Prof. Mro. Joseph Vella, B.Mus., F.L.C.M., Surmast Direttur.**

**8.30 p.m.** ***Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq,*** taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda l-marċ tagħha minn Triq il-Pal, u jkompli għal:

**Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katarina sal-Pjazza tal-Knisja.**

## SOĊJETA' KARMELITANA BANDA 'QUEEN VICTORIA' ŻURRIEQ SETT TA' MARĊI BRIJUŻI:

| | |
|---|---|
| Egyptian Papyrus | Mro. A.Farruġia |
| Margareth | Mro. E.Buġeja |
| Blue Arena | Bandist C.Vella |
| Unconquered | Mro. A.Pulliċino |
| Grazie Katia | Bandist P. Sammut |
| Remember Me | Mro. L.Bongailas |
| 131 Sena Banda | Mro. A.Farruġia |
| Blue Grotto | Mro. E.Buġeja |
| Salvador | Rev.F. Frendo, O.P. |
| Is-Segretarju | Mro.A.Camilleri |
| Il-Bożen | Maj. A.Aquilina |
| 900 Sena Parroċċa | Mro. E.Buġeja |
| Mauro Elysienne | Mro. A.Farruġia |

## PROGRAMM STRUMENTALI:

Overture - Die Fledermaus - J.Strauss
4th.Movement, Symphony No.5 - D.Shostakovich
March - Colonel Bogey - K.J.Alford
Omaggio - Quenn Victoria - E.Buġeja
Innu Malti - Samut

**Mro.Alfred Farruġia, L.Mus.L.C.M., Surmast Direttur.**

**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewg Baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija.

**10.30 p.m.** Taħt id-Direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L.Mus.L.C.M., ***il-Banda Queen Victoria*** tas-Soċjeta' Karmelitana taż-Żurrieq tagħlaq is-serata mużikali permezz tal-Programm Strumentali li jidher hawn fuq.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**10.15 a.m.** Wara d-daqq tal-Glorja, ***il-Banda Re Ġorġ V,*** taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' fil-Għodu, u li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal:

**Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katarina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katarina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m.** ***Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq,*** taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta għal:
**Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San**

## E. CATANIA WOOD CARVING

**Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji, u sidetables bl-iskultura.**

**MORRU GĦAND**

# MANWEL CATANIA

**SHOWROOM:**
**"Odyssey", Bronja Street, Żurrieq.**

**WORKSHOP:**
**"Odyssey Garage", Alexander Street, Żurrieq.**

**Ħin tax-Xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.**

**Tel: 682137**



## LOUIS MELODY DISCO

**MUSIC FOR ALL OCCASIONS**

**Door C Flat3**
**Juno Flats**
**Housing Project,**
**St.Andrews.**

**Tel: 372888**

# G. CAMILLERI & CO. LTD.

## Service Station

**Valletta Road, Żurrieq.**
**Tel: 647235**

**Issibu kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek kif ukoll varjeta' ta' BICYCLES. Nagħmlu wkoll tiswijiet ta' PUNCTURES.**

**Bażilju, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**

**7.15 p.m.** Waqt il-Ħrug tal-Proċessjoni, ***il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi***, taħt id-direzzjoni ta' Mro.F.Galea, F.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria*, bis-sehem tal-*Mezzo Sopran* Marie Therese Vassallo, biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.

**8.45 p.m.** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjeta' tagħna, ***il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq***, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir ***Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema***, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev.G.Martin, A.Mus.L.C.M., O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M.Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Brian Ċefai u l-Baritonu Alfred Camilleri, flimkien mal-Kor 'San Sebastjan' ta' Ħal-Qormi. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farruġia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-Purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-*Ave Maria*.

### BANDA 'QUEEN VICTORIA' ŻURRIEQ

### PROGRAMM STRUMENTALI:

Innu - Lil Santa Marija - G.Martin
Innu Marċ - Marija Assunta - L.Farruġia
Meditation - Ave Maria - Bach/Gounod
Selection - Glenn Miller Story - P.Meinhold
Omaggio - Queen Victoria - E. Buġeja
Innu - Malti - Samut

**Mro.Alfred Farruġia, L.Mus.L.C.M., Surmast Direttur.**

**10.30 p.m.** Wara l-barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjeta', ***il-Banda Anici*** tagħlaq il-Festa b'marċ li jibda minn **Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin**, akkumpanjata speċjalment mill-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar kif ukoll mis-Soċji u l-Partitarji.

### SOĊJETA' FILARMONIKA ANICI QORMI
### SETT TA' MARĊI BRIJUŻI:

| | |
|---|---|
| Anici qatt mirbuħa | Mro.F.Galea |
| Lydda | Maj. A.Aquilina |
| Dancan Ġorġ | Mro. A.Calleja |
| Liċ-Champions | Mro. V.Ċiappara |
| Detroit u Toronto '96 | Mro. R.Pisani |
| St.George's Star | Mro. V.Bonniċi |
| Super ta' l-Istilla | Mro. D.Aġius |
| Cappadocia | Mro. E.Buġeja |
| Il-Kannizzata | Mro. J.Theuma |
| Anici best in town | Mro. A.Coleiro |
| Wenzinos | Maj. A.Aquilina |
| King of Kings | Mro. A.Coleiro |
| Demm Ġorġjan | Mro. S.Galea |
| Agrigento | Mro. A.Coleiro |
| Magnus | Mro. A.Coleiro |
| Queen of Queens | Mro. A.Coleiro |
| La Vincitrice | Mro. A.Coleiro |

**Mro. Frank Galea, Dip. Ed. (Adm. & Mang.), F.L.C.M., Surmast Direttur.**

## IL-KUMITAT EŻEKUTTIV JIRRINGRAZZJA BIL-QUDDIEM LILL-MEMBRI U L-PARTITARJI KOLLHA TAL-KOPERAZZJONI SĦIĦA WAQT IL-ĠIMGĦA MARĊI U JISĦAQ BIEX

## NIFIRĦU MINGĦAJR MA NOFFENDU

**Awguri lill-Banda 12th.May ta' Ħaż-Żebbuġ illi fil-ġurnata li ssoltu tiġi l-Imqabba, ser tkun Aggira ġewwa l-Italja tesegwixxi Programm Mużikali.**

# PRIME LTD.

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES,**
**BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD.** Mgieret Road, Marsa, Malta. Tel: 222291/2



# CARMELO BALDACCHINO

***Stone Turner***



Triq is-Sejba - Mqabba
Tel: 685717 - After 7.00p.m. till 10.00 p.m.

**Nispeċjalizza fl-iskultura tal-ġebel**
**kif ukoll ballavostri u lavur fil-ġebla**

# MESSAĠĠ MILL-GĦAQDA TAN-NAR

# 'SANTA MARIJA'





**Żewġ murtali tal-kulur waqt l-ispettakli piroteknići ta' matul il-Festa 1995.**

Għall-Grazzja tal-Ħanin Alla reġa' wasal ix-xahar wisq mistenni minna lkoll, ix-xahar maħbub t'Awissu, li matulu aħna niċċelebraw bil-kbir il-Festa ta' Santa Marija, li hija wisq għażiża għalina l-Imqabbin. Il-Festa ta' l-Assunta hija unika għaliex mhux biss f'raħalna tiġi ċċelebrata bil-kbir iżda madwar id-dinja kattolika kollha.

Bħal ma tafu, minn wara l-festa ta' l-1995 u li kienet għalina suċċess, l-Għaqda tan-Nar tas-Soċjeta' Santa Marija bħal dejjem ħejjiet programm kif jixraq għal din is-sena wkoll. Dan inbeda appena għaddiet il Festa tas-sena l-oħra u li jinkludi sew Nar ta' l-Ajru kif ukoll dak ta' l-Art.

Sa minn snin kbar ilu, din l-Għaqda tan-Nar tagħna dejjem kienet magħrufa u msemmija bħala minn ta' quddiem nett fit-tħejjija ta' programmi vasti ta' xogħol pirotekniku spettakolari. Kif tafu inthom, dawn in-nies membri ta' l-Għaqda tagħna jagħmlu sagrifiċċji kbar, saħansitra personali biex jippreparaw fil-post tan-Nar dan ix-xogħol kollu waqt il-ħin liberu tagħhom. Ir-rispett li tgawdi l-Għaqda tagħna mal-Maltin u l-Għawdxin kollha huwa xhieda ċara li hi waħda mill-ewlenin organiżżazzjonijiet tax-xorta tagħha fil-Gżejjer tagħna, dovut għall-fatt li dejjem għamlet unur u isem lir-raħalna mal-folol ta' nies minn kull rokkna ta' Malta u Għawdex u saħansitra barranin li jiġu biex jaraw xogħol meqjus hekk ta' klassi fl-arti piroteknika u li jafu jagħtu l-membri ta' din is-Soċjeta' kbira. Dan ir-rispett ma ġiex mix-xejn, anzi huwa frott l-ewwel u qabel kollox ta' dawk kollha li ħadmu qabilna, taw sehemhom, ħinhom u dak kollu li kienu jafu u li mbagħad, b' għaqal kbir, għaddewh lielna f'forma ta' pariri siewja u indispensabbli li llum qed jagħtu l-frott mixtieq; ta' dan ngħidulhom grazzi kbir! Barra minn hekk, il-membri ta' l-Għaqda tagħna dejjem ħabirku biex jipproduċu xi xogħol tan-nar innovattiv bħall-famużi **Murtali**

# MARTIN MONREAL IRONMONGERY

TRIQ IL-BRONJA, ŻURRIEQ
TELEPHONE: 682435

ISSIBU GĦALL-BEJGĦ:
MADUM - ŻEBGĦA TA' KULL KWALITA'
U ĦAFNA OĠĠETTI UTILI GĦALL-BINI.

KIRI TA' CONCRETE MIXERS
KIRI TA' CRANE JIGGERS
KIRI TA' SIĠĠIJIET



# BRITISH AMERICAN INSURANCE CO. LTD.

FOR LIFE AND
PERSONAL ACCIDENT INSURANCE
CONTACT

VICTOR SPITERI
(Financial Advisor)
Phone: 484784



# MQABBA RADIATORS

Triq is-Saljatura, Mqabba
Tel: 685826

Għall tiswija u Bejgħ ta' kull
tip ta' Radiators,
Xogħol garantit
Materjal ta' kwalità





PREZZIJIET NEGOZJABLI

**tal-Beraq li ma Jidhrux** u li s'issa, b'wiċċna minn quddiem ngħidu illi għal dawn l-aħħar ħames snin saret biss mill-membri ta' l-Għaqda tagħna. U xi ngħidu għax-xogħol tan-Nar ta' l-Art fejn anki hawnhekk insibu li konna innovattivi f'ħafna okkażjonijiet bħal l-**Arloġġ** ferm famuż li kien idoqq mhux biss is-siegħat iżda saħansitra l-kwarti wkoll, u aktar riċenti, l-invenzjoni ferm famuża tal-**Kompjuter** li sar għall-ewwel darba minn membru ta' l-Għaqda tagħna wkoll. Saru ħafna aktar affarijiet illi jekk toqgħod telenkhom waħda waħda ma nispiċċaw qatt iżda ħassejt li għandi nsemmi xi wħud biex nuri l-avvanzi kbar u l-kontribut siewi li l-Għaqda tagħna dejjem tat u tibqa' tagħti fil-konfront ta' l-Arti Piroteknika Maltija.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi bħas-soltu nitlobkom tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom hekk kif dejjem kontu ħalli nkomplu nkabbru l-Festa ta' l-Assunta. Kif kulħadd jaf, minbarra li l-proviżjon dejjem jgħola, anki ħafna mill-affarijiet l-oħra essenzjali fix-xogħol tagħna dejjem insibuhom għolew minn sena għall-oħra u għaldaqstant hemm bżonn ta' aktar għajnuna speċjalment finanzjarja minnkom soċji u partitarji ħalli sena wara l-oħra inkomplu nferħukom u tieħdu magħna intom ilkoll dak is-sodisfazzjon b'nar hekk sabiħ matul il-jiem tal-Festa li jpaxxi lil kulħadd. Nieħu din l-opportunita' biex f'isem il-Membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, nirringrazzja:

* L-isponsors kollha li dejjem għenuna bil-kbir;
* Lil min b'tant sagrifiċċju jieħu ħsieb l-arbular għan-Nar;
* Lil kull min għen u medd idu sa fl-iċken ħaġa li tirrekjedi l-Arti tagħna;
* Lil dawk is-sidien kollha ta' l-għelieqi li jagħtuna permess li nidħlu fi ħwejjiġhom waqt il-ħruq;
* Lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni sħiħa tiegħu;
* Lil kulħadd, speċjalment lil min għoġbu jgħina mill-aħjar li jista' permezz tad-donazzjoni tiegħu.

F'isem il-membri kollha ta' l-Għaqda tagħna, minn qalbi nixtieq il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u lil dawk l-eluf ta' Maltin u barranin li jiġu jonorawna bil-preżenza tagħhom konvinti li ser jaraw esibizzjonijiet tan-Nar spettakolari.

**Iżda żgur li l-akbar grazzi tagħna lkoll imur lejn il-wisq għażiża tagħna Ommna Marija Assunta li dejjem iżżomm idejha miftuħin beraħ fuqna u dejjem ħelsitna minn kull periklu!**

**Viva l-maħbuba tagħna
SANTA MARIJA!**

**Joseph Camilleri,
F'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.**



**Awissu 1995 - Parti mil-logħob tan-Nar ta' l-Ajru li nħaraq fil-Festa Titulari ta' Santa Marija is-sena li għaddiet.**

# Uskin LIMITED

## Garage Doors & Fibre Glass Works

Uskin Limited, Valletta Road, Zurrieq - Tel: 682370 - Fax: 689258
CONTACT MARK DARMANIN




**PVC Coated & Galvanised Steel Doors**
**Automated & Remote Controlled Gates**



**WATER TANKS**
**UP TO 3000 gallons**

Fibre Glass tanks stocked in various shapes.

We also manufacture Boat Hulls to highest specification.

All materials used are guaranteed for 2 years.



# FREDDIE'S ALUMINIUM WORKS

ŻURRIEQ ROAD
MQABBA

TELEPHONE: 683405

L-GĦAQDA TAN-NAR

# SANTA MARIJA

TIPPREŻENTA

# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR FESTA 1996

**It-Tlieta, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-Bomba.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-Bomba.
**7.15 p.m.** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**Il-Ħamis, 8 ta' Awissu - Quddiesa ta' radd il-ħajr**
**6.30 p.m.** Id-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. ser iqaddes quddiesa fil-kumpless tal-Kmamar tan-Nar bħala radd il-ħajr għal din is-sena ħidma li għaddiet minn fuqna b'wiċċ il-ġid. Kulħadd huwa mistieden, speċjalment il-membri u l-familjari ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug tal-Istatwa**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30 p.m.** Ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00 p.m.** Ħruq ta' musketterija ma tmiem il-marċ.
**11.15p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**
8.00 a.m. Ħruq ta' murtali tal-Bomba.
12.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-Bomba.
10.30 p.m. Waqt ir-riċeviment annwali jsir ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15 p.m.** Ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.25 p.m.** Ħruq ta' musketterija ma tmiem il-marċ.
**11.30 p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**
**9.00 a.m.** Mad-daqq tat- *Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u diversi mutaletti bil-logħob.
**11.45 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30 p.m.** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u esibizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45 p.m.** Ħruq ta' salut tal-Lampjun. Wara ssir minuta silenzju b'rispett lejn l-ex President Onorarju tas-Soċjeta' s-Sur Leonard Farruġia li ħalla dan il-wied tad-dmugħ aktar kmieni din is-sena. Wara jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi: ħruq ta' sfejjer bil-logħob, blalen, diversi baraxxijiet, murtali tal-beraq pront/beraq tal-kulur bil-logħob, murtali tal-kulur u l-famużi murtali bil-beraq li ma jidhrux.
**11.30 p.m.** Wirja kbira ta' logħob tan-Nar ta' l-Art, oriġinali u mekkanizżat.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**9.30 a.m.** Mad-daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45 a.m.** Il-ħarqa tradizzjonali ta' murtali tal-bomba, akkumpanjata mid-daqq tas-serena, biex tfakkar l-54 sena mill-ġrajja storika tal-Konvoj ta' Santa Marija, segwita mill-ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**6.00 p.m.** Waqt li waħda mill-Baned mistiedna tkun qed tagħmel il-marċ tagħha, jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**7.15 p.m.** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa artistika u devota tal-patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-*Ave Maria,* tinħaraq il-musketterija u l-kaxxa nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.
**9.30 p.m.** Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtella' s-Sema, jkun hemm ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15 p.m.** Ħruq ta' kaxxa nfernali tal-kulur ma tmiem il-Purċissjoni.

**Il-Ħamis, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
6.00 p.m. Mal-ħrug tal-purċissjoni, tinħaraq il-musketterija. L-istess purċissjoni tkun akkumpanjata bil-ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

***Nota tal-Bord Editorjali:***
B' has-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Aħna, f' isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunita' biex, f' isem is-Soċji u l-Partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J' Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.

# TORBA

TORBA GHAL TAHT IL-MADUM
U KONTRABJUT

IRRIKORRU

QUARRY 26 TA' KANDJA
L/O MQABBA
TEL: 689368 - 683382 - 673936

"TA' KAZZA"
(Ħdejn il-Pumping Station)

# NOEL'S CONFECTIONERY



ACCEPTS ORDER FOR
WEDDINGS, BAPTISMS
PARTIES ETC, ETC.

VJAL L-INDIPENDENZA , ŻURRIEQ.
TELEPHONE: 680458

Aħsbu kmieni għal kull ordni sabiex ma toħorġux diżappuntati.

# KATIE'S BEST BUY

90, ST. BASIL STREET, MQABBA.

(Wara l-Knisja)

"IL-FESTA T-TAJBA"
to all our Customers from
RICK and KATIE

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI ARMAR

## Mario Camilleri

Il-Festa tant mistennija ta' Santa Marija reġgħet waslet. Bħas-snin l-imgħoddija, l-Għaqda ta' l-Armar tagħna ħadmet bla mistrieħ matul dawn l-aħħar xhur sabiex tiġi żgurata festa kbira. F'dawn il-kelmtejn li ġejjin, għeżież qarrejja, ser nagħtikom stampa ġenerali ta' dak kollu li sar u qed isir f'dan il-qasam hekk importanti għas-suċċess tal-Festa wisq għażiża għalina ta' Santa Marija.

Fuq disinn tas-Sur Renzo Gauċi, bdejna naħdmu fuq sett ta' pavaljuni għat-toroq ta' Santa Marija, il-Kileb, iċ-Ċavi u San Innoċenzju. Ix-xogħol ta' tifsil, tqegħid u tixlil tad-drapp, bħas-soltu dħalna għalih jiena, s-sur Paul Gauċi u s-sur Antwan Abdilla. L-isfumar, ukoll bħas-soltu, qed jieħu ħsiebu s-sur Patrick Ghigo. Ma dan ix-xogħol, qed nippruvaw inlestu wkoll żewġ bnadar kbar kif jixirqu 'l-arblu tat-Triq Karmenu Ċiantar. Minn din il-paġna nħossni fid-dmir li nirringrazzja b'mod speċjali lil sħabi Patrick u Paul li, għalkemm magħfusin b'ħafna impenji personali, xorta waħda sabu l-ħin u taw il-kontribut indispensabli tagħhom f'dan ir-rigward.

Sakemm qed nikteb dan l-artiklu, nista' ngħid illi l-artist Andrew Buġeja għandu jlestielna tlett pitturi oħra għall-pavaljuni ta' Triq Santa Katarina li, biex ikomplu mas-sett, ukoll qed jirrapreżentaw titli meħudin mill-Litanija tal-Madonna.

Ukoll fuq disinn tas-Sur Renzo Gauċi, bdejna naħdmu fuq erba' pilandri ta' maz-zuntier. Ix-xogħol ta' l-injam daħal għalih is-sur Andrew Żammit, li b'paċenzja kbira, barra li ħadem fuq l-istruttura, ħadem ukoll l-iskultura ta' dawn il-pilandri u li qiegħda tiġi ndurata minni. Ix-xogħol qiegħed f'fażi avvanzat iżda nħossu li jkun aktar f'waqtu jekk jiżżanżnu, jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla. Ma rridx ninsa nsemmi lis-sur Jerry Ghigo li ħa ħsieb is-siġar tad-dawl u lis-sur John Galea illi ħa l-inizzjattiva biex dan ix-xogħol seta' jitwettaq. Lil dawn kif ukoll lill-benefatturi li qed jgħinuna f'dan il-proġett nixtieq minn qalbi nrodd ħajr.

Ħadna wkoll ħsieb l-armar eżistenti billi rrestawrajna l-aħħar tlett personaġġi li kien fadal: San Filippu, San Bartilmew u San Ġwann. B'hekk nistgħu ngħidu li nkunu rrestawrajna dan is-sett kollu, li flimkien mal-pedestall u l-personaġġi ta' l-Inkoronazzjoni, huma meqjusa bħala ġawhra artistika tal-Gżejjer Maltin. U la semmejt dan il-pedestall uniku, ta' min wieħed ifakkar illi fuq dan ukoll għaddej restawr kontinwu, bħal fil-każ ta' armar ieħor li għandna u li min hu midħla ta' dan ix-xogħol jaf kif trid toqgħod b'seba' mitt għajn miegħu biex iżżommu fl-aqwa kundizzjoni.

Nagħlaq dan il-kontribut tiegħi billi mill-ġdid, f'isem sħabi nirringrazzja lil kull min seta' b'xi mod jew ieħor għen f'dan ix-xogħol hekk impenjattiv li wettaqna: lin-nisa li tawna daqqa t'id, lill-benefatturi kbar u żgħar u lis-soċji u partitarji kollha li dejjem wieġbu bi ħġarhom meta tlabnihom sew għajnuna finanzjarja kif ukoll manwali. Nirringrazzja wkoll lil min qed jieħu ħsieb il-parti l-oħra ta' l-armar, jiġifieri l-Kummissjoni Planċier, illi naf kemm qed jistinkaw u jiġġieldu mal-ħin sabiex ilestu din il-fażi ħalli nidħlu nkomplu bid-dekorazzjoni l-Grupp tagħna. Ringrazzjament speċjali jmur lejn il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-imbuttatura li jagħtuna f'kull ma jkun meħtieġ, u b'mod partikolari għall-fiduċja u r-rispett fil-konfront ta' l-Għaqda ta' l-Armar Santa Marija. Fl-aħħar nett inħeġġeġ lil kull min jista' sabiex jgħinna fl-armar u ż-żarmar, sew fil-knisja kif ukoll barra. Jekk kulħadd jagħmel sehemu, hekk kif dejjem sar, żgur ħadd ma jbagħti, anzi jkollu s-sodisfazzjon li qed jipparteċipa b'mod attiv f'attivita' hekk importanti fil-Festa kbira tagħna.

**Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.**

# BESTMARK - SUB POST OFFICE

Rokku Buħaġiar Street, Qrendi.
Telephone: 685872

**Ħanut Modern fiċ-Ċentru fejn issibu Rigali għal kull okkażjoni.**

LINEF - ELECTRICAL APPLIANCES - GĦAMARA
ĦWEJJEĠ - TOYS - HABERDASHERY - STATIONERY
PHOTOCOPY SERVICE - SOUVENIERS TAT-TIEĠ
FILM DEVELOPING SAME DAY SERVICE
Naċċettaw Wedding u Engagement Lists

**BESTMARK - Għal kull ħaġa li tixtieq fid-dar.**




Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta

**Tel: 647908**

# 50 SENA SOĊJETA' MUŻIKALI

# It-Tifkira li ma ninsew qatt!

Nhar l-10 ta' Awissu 1995, seħħet ġrajja oħra storika għas-Soċjeta' tagħna meta flimkien fakkarna għeluq il-50 Anniversarju mit-twaqqif ta' l-Ewwel Soċjeta' Mużikali fl-Imqabba, permezz tad-debutt uffiċjali ta' l-Orkestra Santa Marija, nhar it-12 ta' Awissu 1945. Kien ikun nuqqas kbir minn naħa tas-Soċjeta' li kieku ma fakkritx lil għażiż Ġużeppi Galea u l-pijunieri mużiċisti Imqabbin l-oħra li nofs selku ilu kienu jiltaqgħu il-każin tagħna biex flimkien idoqqu f'dik li kellha tkun l-Ewwel formazzjoni Mużikali ġewwa raħalna. Ir-ritratt li ġibna s-sena l-oħra, li ta' min wieħed jgħid kien inġibed fuq il-bejt tal-każin qabel ma nbniet is-Sala l-kbira, kif ukoll il-fatt li ħafna minn dawk li jidhru fir-ritratt għadhom ħajjin u jiftakru kif imbagħad iffurmaw il-Banda, dan kollu juri li l-Orkestra 'Santa Marija' kienet fil-Każin tagħna u permezz tagħha saret il-bażi għall-Banda kif nafuha llum. L-istorja ma jħassarha ħadd, w'inutli jkun hemm min irid iqarraq u jgħawweġ dawn il-fatti b'ħafna propoganda qarrieqa u ta' mistħija, li twassal biss għall-firda u biex issaħħan l-irjus, għaliex aħna konna altru minn ċerti minn dak li konna qed infakkru għax dawn in-nies għad hemm min hu ħaj magħna!

Intant, din il-ġrajja hekk importanti għalina ġiet imfakkra l-ewwel permezz ta' quddiesa kkonċelebrata ta' radd il-ħajr fil-knisja Parrokjali ta' l-Assunta, u li għaliha attendew il-maġġor parti tal-bandisti, flimkien ma' ħafna soċji, benefatturi u ammiraturi tas-Soċjeta'. Għall-ħabta tas-7.30 p.m., bdew jaslu l-mistednin distinti u hekk kif l-għola awtorita' tal-pajjiż bdiet tersaq lejn il-pjazza, intlaqa' b'salut. Hekk kif il-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonniċi ħa postu, il-Banda Re Ġorġ V, akkumpanjata mis-solisti u l-Kor esegwiet l-Innu Malti. Wara diskors ta' merħba mis-Sindku ta' l-Imqabba s-sur Emanuel Buttiġieġ, ingħata bidu għall-Akkademja Mużiko-Letterarja, bil-kompożizzjoni miktuba għall-okkażjoni mis-Surmast Direttur Mro. Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M. (Hons.), A.Mus. L.S.M., bl-isem Fundatio. Ix-xogħolijiet mużikali kollha li segwew kienu kollha jinvolvu l-vuċijiet u b'hekk ittimbra din l-attivita' bħala l-ewwel waħda tax-xorta tagħha għall-Imqabba. Hawn ta' min isemmi l-livell għoli li ntlaħaq matul l-esekuzzjoni tax-xogħolijiet kollha, grazzi għall-abilta' professjonali tas-surmast, bandisti, is-solisti Marie Therese Vassallo (Mezzo Sopran), Francis Manġion (Tenur), Alfred Camilleri (Baritonu) u l-Kor Maria Bambina ta' l-Isla. It-tiżwiqa mużikali ma dik letterarja għamlu s-serata ferm pjaċevoli, u f'ċertu ħinijiet saħansitra kommoventi, speċjalment waqt l-interventi ta' l-Onor. Dr.Louis Galea, iben il-fundatur Ġużeppi Galea, kif ukoll tas-sinjuri Ġużeppi Farruġia u Mikiel Camilleri, żewġ mużiċisti li għamlu parti minn din l-ewwel formazzjoni mużikali Mqabbija. Billi l-E.T. President ta' Malta kellu mpenji oħra jistennewh, il-Programm uffiċjali kellu jiġi antiċipat xi ftit sabiex ikollna l-unur li l-Lapida tal-Presidenti tas-Soċjeta' setgħet ġiet mikxufa minn Dr. Mifsud Bonniċi qabel ħalla l-Imqabba. Lejn tmiem is-serata, is-Soċjeta' irċeviet diversi rigali fosthom Kornu, ġentilment mgħoti mill-Onor. Dr. Louis Galea, President Onorarju tas-Soċjeta', Flawt, ġentilment mgħoti mill-President Onorarju ieħor tas-Soċjeta' s-Sur Joseph Farruġia, Kurunetta, ġentilment mgħotija mill-Onor. Perit Karmenu Vella, Glockenspiel, ġentilment mgħoti mis-Sur Jean Borġ kif ukoll l-ewwel sturment li qatt rifes il-Każin, il-vjolin tas-sur Mikiel Camilleri, illi b'ferħ kbir jinsab miżmum b'għożża kbira l-każin. Minn barra li nirringrazzjaw lil dawn il-benefatturi, nirringrazzjaw lil dawk is-Soċjetajiet Mużikali li għoġobhom huma wkoll iħallu tifkira l-Każin, barra mill-onorawna bil-preżenza tagħhom. Qabel ingħata bidu għar-riċeviment fis-swali tal-Każin, il-President tas-Soċjeta' stieden lis-sinjura Giovanna Galea, l-armla tas-sur Ġużeppi Galea, sabiex tikxef lapida kommemorattiva li twaħlet mall-ħajt tas-sala tal-Banda. Is-serata ġiet fi tmiemha b'riċeviment ad unur il-mistednin kollha u li kollha ħarġu b'dik it-tbissima ta' sodisfazzjon li baqgħet tirrenja saħansitra tul il-Festa kollha.

Filwaqt li mill-ġdid nirringrazzjaw lil kull min onorana bil-preżenza tiegħu waqt din l-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' l-1995, nagħmlu appuntament magħkom ilkoll għaċ-ċelebrazzjonijiet kbar li qed inħejju biex infakkru ċ-Ċinkwantenarju mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V.

**Il-Kumitat Eżekuttiv.**

TAR- ROBBA LIMITED

CONCRETE BATCHING PLANT




Tar- Robba L/O Kirkop ŻRQ 10, MALTA
Tel: (+356) 683558, 685332
Fax: (+356) 642834



Ritratt ta' tifkira ta' uħud mill-bandisti tal-post, li attendew il-quddiesa ta' radd il-ħajr, ma' l-Istatwa għażiża ta' Santa Marija.



Dehra ġenerali tal-Pjazza quddiem il-Każin waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja.



Is-sehem attiv tal-banda, s-solisti u l-kor, b'koordinazzjoni sħiħa mas-surmast direttur kien is-sigriet tas-suċċess ta' din l-Ewwel attività' kulturali tax-xorta tagħha ġewwa l-Imqabba.




LONG

ESTABLISHED

MANUFACTURERS

OF PRECAST &

PRESTRESSED

CONCRETE

PRODUCTS



Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices.The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

**Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13**
**Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988**



Il-President ta' Malta Dr.Ugo Mifsud Bonniċi jikxef il-Lapida tal-Presidenti.



Is-sinjura Giovanna Galea, mart il-fundatur ta' l-Orkestra Santa Marija s-Sur Ġużeppi Galea, imdawra minn uliedha, tidher qed tikxef il-Lapida Kommemorattiva ta' l-Orkestra 'Santa Marija'.

# DENFAR

## THE NAME IN CONCRETE

• Building Construction • Concrete & Torba Suppliers
• Earth Moving • Trench Excavation
• In House Quality Control





## DENFAR

WHERE QUALITY
COMES FIRST

Denfar House,
Old Valletta Road,
Mqabba
Tel: 683228, 685706
Fax: 689529

# Il-Knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri

**Kitba ta' Antoine Farruġia**



**Dehra ġenerali tal-Knisja tal-Lunzjata.**

Din il-knisja, msejħa tal-Lunzjata qiegħda f'dak ir-raħal qadim ħafna ta' Ħal Millieri, li llum baqa' biss ismu. Din kienet ewlenija f'dan ir-raħal li semmejna. Għandha artal wieħed, għalkemm żmien ilu kellha aktar. Il-Knisja hija antika ħafna. L-istil ta' din il-knisja huwa stil Sikulu Normann.

Monsinjur Dusina, fl-1575, igħid li kienet nieqsa mill-ħwejjeġ ta' ħtieġa. Sabha fi stat mhux xieraq u fi żmien Monsinjur Isqof Labini ġiet profonata biex irrestawraha, għammarha bil-ħwejjeġ meħtieġa, u bil-brevi tas-6 ta' Novembru 1809, wieħed miż-Żurrieq kiseb minn għand l-Isqof Mattei il-permess li tiġi mbierka mill-kappillan Dun Gejtu Buttiġieġ.

Illum il-ġurnata, il-knisja hija mdawra b'ħajt li ġo nofsu hemm grada monumetali, li x'aktarx kienet magħmula fis-seklu sbatax. X'ħin tidħol minn ġo din il-grada tgħaddik minn passaġġ dejjaq li sar fl-1480 u li kien jintuża bħala ċimiterju għall-mejtin li kienu morda b'mard infettiv. Għall-ħabta ta' l-1636 bdew jindifnu fih mejtin li kienu jkunu morda b'dan it-tip ta' mard. Dan il-passaġġ iwasslek għal din il-knisja tal-Lunzjata. Minn ġo din il-knisja kien hemm bieb li jdaħħlek fil-knisja l-oħra jiġifieri tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni. Illum dan il-bieb huwa mblukkat bil-ġebel. Dan ġie mblukkat qabel l-1968. Ġie deċiż biex ma jitħaffirx barra l-knisja tal-Lunzjata fil-parti li kellha ssir ċemiterju u li ntuża għall-aħħar darba fis-seklu dsatax.

L-istruttura ta' din il-knisja kienet imfissra fl-1976. It-tħaffir tat-tlett knejjes ta' Ħal Millieri ċċarat il-process ta' kif kienu jinbnew il-knejjes fi żmien il-Medjuwevu. Biex inbniet il-knisja tal-Lunzjata, n-nies ta' dak iż-żmien kellhom iħaffru sakemm isibu blat solidu. In-natural ta' din il-blata jikkonsisti minn blata b'wiċċ lixx, u li hi mqegħda fuq in-naħa tax-xlokk tal-knisja. Il-knisja nbniet b'diversi tipi ta' ġebel. Fiż-żmien Primittiv il-knisja kienet tikkonsisti f'kamra mill-aktar importanti, jew korsija tal-knisja, bid-daħla nofs tond fuq il-lemin. Is-saqaf mibni fuq l-arkati li huma bbuzzati ftit il-barra miż-żewġt iġnub u li jibdew minn naħa tal-punent. Dawn l-arkati jaqsmu l-knisja tal-Lunzjata f'ħames fetħiet fil-ħajt u fl-ispazju ta' bejn waħda w oħra huwa l-istess. Ġo kull fetħa hemm xi tip ta' *'fresco'*. Il-materjal ta' l-arkati huwa komuni. Il-parti tan-nofs, li tiġi fin-nofs in-nhar, hemm bieb li kellu bankijiet tal-ġebel. Il-parti tan-naħa ta' fuq tal-



Għal kull xogħol ta'
bibien, twieqi, turġien u gallarijiet
tip Malti irrikorru għand

# JOE'S
## PROFILE ALUMINIUM

**3, Valletta Road, Żurrieq,**
**Tel: 649601**

# JAMES GREEN

## FUNERAL SERVICE

**IRRIKORRU:**
**'GREEN HOUSE'**
**ST. CATHERINE STREET,**
**QRENDI.**

**Tel: 647791**
**Mobile: 099 4880**

BAKERY
# Maypole
LTD
*Carmel Debono*

## FANCY BREAD

14 St. Joseph Street, Qormi
1 Victory Street, Qormi
Tel: 488992

Erba' Mwieżeb Street, San Pawl
Tel: 581646

knisja tixbaħ ħafna n-naħa ta' fejn hemm il-knisja tal-Viżitazzjoni. Dan l-ispazju mħaffer kien imwessa' sal-ħajt tan-naħa t'isfel, fi strixxa wiesgħa metru w nofs.

L-art tal-knisja hija ċċangjata biċ-ċangatura u saret fl-1480. L-entratura tal-knisja tal-Lunzjata kienet tintuża bħala ċimiterju, iżda anki n-naħa ta' wara. Fil-knisja, fuq il-ħitan għandha pittura maħduma biż-żebgħa taż-żejt imsejħa *'frescoes'* u li saret fis-seklu ħmistax. M'hemm l-ebda turija li l-bankijiet tal-ġebel kienu jintużaw għall-funzjonijiet Liturġiċi. Il-Mudell tal-pittura fuq il-ħitan li taħthom jinsabu dawn il-bankijiet, jissuġġerulna li l-fetħiet fil-ħajt fejn jitpoġġew il-bankijiet ma kinux użati bħala kappelluni imma fejn jingħata l-ewwel tagħlim bħalma nstab f'San Bażilju fl-Imqabba.

Biex titla' fuq l-artal tkun trid titla' żewġ tarġiet. Dawn saru fl-1747. Dan it-taraġ huwa twil żewġ metri u għaxar ċentimetri min-naħa tal-punent għal-lvant. Fil-passaġġ għall-knisja tal-Viżitazzjoni m'hemmx tpinġija taż-żejt fuq il-ħitan ħlief fuq il-bieb. Lanqas ma kien hemm bankijiet tal-ġebel. Biex oriġina dan il-bieb x'aktarx tħaffer mill-knisja tal-Viżitazzjoni. Fuq il-bejt tal-knisja tal-Lunzjata, hemm kampnar żgħir u kien hemm qanpiena waħda li saret fl-1634. Waqt ir-restawrar tal-pittura taż-żebgħa taż-żejt, it-tikħil tal-passaġġ tal-punent dallam l-evidenza. Il-ħajt tan-naħa ta' fuq bnewh fl-1667 u kien qiegħed jagħmel support tajjeb lill-knisja l-oħra jiġifieri tal-Viżitazzjoni.

F'din il-knisja tal-Lunzjata u fl-oqbra tal-madwar nstabu ħafna affarijiet fosthom skeletri. Ġo din il-knisja nstabu buqari u borom tal-fuħħar magħmulin bl-idejn u biċċiet tal-ġebel li għandhom linji skulturati ġo fihom pero' mhux irfinuti. Fil-knisja tal-Lunzjata nstabet ukoll pittura *'a fresco'* rumana, li tista' tgħid, qabel ħadd ma kien jaf biha. Il-pittura *'a fresco'* rumana nstabet fuq il-bieb li mill-knisja tal-Lunzjata jagħti għal-knisja tal-Viżitazzjoni.

Barra dawn l-affarijiet, sabu wkoll biċċiet maqsuma tal-ġebel li huma mpinġija, li qabel kienu jiffurmaw xi parti minn dawn il-pitturi. Ġebla ta' l-istess tip, jiġifieri maqsuma li għandha biċċa żgħira minn pittura, qabel kienet tifforma parti minn ċirku tad-deheb li kienet titpoġġa wara ras ta' xi anġlu jew statwa. Din il-ġebla nstabet f'qabar ġo l-istess knisja. Fil-knisja tal-Lunzjata nstabu wkoll flus Sqallin li kienu jintużaw fis-seklu ħmistax.

Xi nies sabu wkoll fejn l-antiki kienu jżommu x-xema biex jimxu biha. Peress li din il-knisja kienet tintuża bħala ċimiterju għall-mard infettiv, ġara li f'wieħed mill-oqbra tal-madwar instabet għadma sħiha ta' bniedem li kien marid b'xi marda infettiva fil-ġilda. F'din il-knisja nstabu wkoll żibeġ tal-kuruna tondi u qishom magħmulin mill-ġebel. Xi studjużi nnutaw ukoll li l-ġebel kien magtugħ bill-mannara. Xi kultant, fil-ħajt kien jidher xi sinjal ta' tikħil. Kull oġġett iħalli l-influwenza tiegħu bħall-*'frescoes'*. Barra l-*'frescoes'* rumani instabu wkoll *'frescoes'*



**Dehra ta' l-Artal bil-ħnejjiet.**

Zneiber

Confectionery & Pastizzerija

Orders Accepted for
Weddings and All Occasion Parties

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 803999

6, St. George's Street, Luqa
Tel: 677230

MP Mobilia Penza Ltd.

The Specialists in Antique Furniture.

*Manufacturers & Exporters of
Antique & Reproduction Furniture.*





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**



**Il-Grada Monumentali u l-passaġġ li jagħti għall-Knisja.**

Biżantini li kienu jixbħu ħafna lil dawk tax-xlokk tas-Sqallija li huma tradizzjonali tal-Biżantini. Hemm indikazzjoni li int u ħiereġ minn din il-knisja hemm pittura ta' San Pawl fuq żiemel bil-bandiera tar-Reliġjon Nisranija. Aldo Messina li kien hawn Malta fl-1975 u fl-1976 qal li l-pittura hi magħmula bl-idejn 'mill-pittur ta' Ħal Millieri'.

Fil-bidu ta' l-1968 daret magħha s-soċjeta' 'Din l-Art Ħelwa' li taħt il-ħabrieki l-imħallef Dr. M. Caruana Curran naddfuha, qatgħula s-siġar u l-ħaxix minn mall-ħitan, u irranġawha u minn kappella żdingata, għamlu minnha għaxqa li tabilħaqq ta' minn jaraha. Irranġaw il-ħajt tan-naħa ta' fuq għax kien qiegħed jitmermer. Irranġaw ukoll il-parti ta' barra mill-qadim peress li dak iż-żmien kienu jibnu bil-ħamrija bejn iċ-ċnagen. Irranġaw il-ġebel tas-saqaf li jiġi għall-ponta billi rrestawrawh għax jekk jgħaddi l-ilma jiekol l-art peress li l-madum huwa ċċangjat biċ-ċangatura u taħt hemm il-ħamrija.

Ir-referenzi minn fejn ġibt dawn id-dettalji huma :
Bliet u Rħula Maltin Vol. 3
*Excavations at Ħal Millieri, Malta.*



**Żewġ *'Frescoes'* tal-Ħmistax-il Seklu li jirraffiguraw**
**Fuq: Santu Wistin,**
**Taħt: San Nikola.**




"Il-Festa t-Tajba"
RED LEAF
PALE ALE
BEER BIRRA

# ANGELO GHIGO
# 1893 -1983

**Kitba tas-Sur Joseph Farruġia**

***Hu opportun li qabel ma nidħlu fil-millenju l-ġdid, mill-paġni ta' din il-publikazzjoni annwali naghtu taghrif, hekk kif il-memorja ghada friska, u niddokumentaw persuni Mqabbin ta' dan is-seklu li taw kontribut ta' ġieħ għal-raħal twelidi u pajjiżna: u dan għal tifkira dejjiema. B'dan il-ħsieb f'moħħi nixtieq li mill-faqar tal-pinna tiegħi nagħti ġieħ lis-Sur Angelo Ghigo, għalliem, metjoroloġista, mużiċista u poeta.***



**Angelo Ghigo fil-ħamsinijiet.**

Is-Sur Angelo Ghigo twieled l-Imqabba fis-6 ta' Ġunju 1898, iben Pawlu u Francesca nee' Mifsud, it-tieni wild fost ħutu Marija Assunta, Giovanni Battista, Marija Assunta u Grabiel. Fi tfulitu attenda l-iskola primarja ta' l-Imqabba u wara s-seminarju Minuri il-Furjana. L-ewwel ħidma tas-Sur Ghigo kienet ta' piżatur f'pitkali. Fl-1918 daħal skrivan fl-*H.M.Dockyard* minn fejn fl-1922 ġie trasferit fl-Uffiċju Metjoroloġiku li kien għadu kif beda jopera f'Malta. Għall-istorja ngħid li dan l-uffiċju kien amministrat mir-*Royal Air Force* b'kumpliment ta' *Senior Officer* u żewġ *Forecasters*. Beda jopera f'*Schembri House* Pieta' u ġie trasferit fl-1927 għal *St.John's Cavalier* Valletta. Fl-1947 mar fl-ajruport ta' Ħal-Luqa u beda jitmexxa minn uffiċjali ċivili. Fil-gwerra bejn l-1939 u l-1945, fl-assenza tal-kap, is-Sur Ghigo kien jerfa' r-responsabbilta' ta' l-uffiċju. Is-Sur Ghigo nħatar *Meteorological Administrative Officer* fis-6 ta' Marzu 1957 biex ikun l-ewwel Malti f'dak il-grad li baqa' jżomm sa ma rtira bl-eta fl-1962.

F'eta' żgħira, is-sur Ghigo ġie maħtur President tas-Soċjeta' Santa Marija ta' l-Imqabba, kariga li okkupa bejn l-1920 u l-1925.

F'żogħżitu studja l-mużika u ddaqq ta' l-orgni. Nafu li kienu jinġabru tfal fid-dar t'oħtu Assunta fi Triq il-Parroċċa u fuq l-armonju kien jgħallimhom innijiet biex jitkantaw mal-banda fuq il-palk waqt il-Purċissjoni fil-Festa ta' Santa Marija.[1] Serva ta' organista fil-parroċċi ta' l-Imqabba, Bormla u bejn l-1931 u l-1940 fi Floriana; żmien meta Mqabbi ieħor Mons. Angelo Ghigo D.D. kien Arċipriet.

Iżżewweġ lil Margerita nee Buttiġieġ fl-1923 u kellhom ħamest itfal: Grace, Jane, Dun Manwel, Ġemma u Lina. Fl-1923 l-Arċisqof Mauro Caruana appuntah għalliem ta' l-Ingliż u l-Ġejografija u serva fis-Seminarju Minuri bejn l-1923 - 1946 u l-1969 - 1976 u fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi mill-1946 - 1969. Għallem l-Ingliż lin-novizzi tal-Patrijiet Franġiskani Minuri u Franġiskani Kapuċċini.

Bejn l-1978 u l-1983, Angelo Ghigo kiteb għadd ta' poeżiji li ġew ippublikati f'Ġunju ta' l-1983 bit-titlu 'Il-Linfa l-Qadima'. Din kienet l-aħħar attivita' pubblika tiegħu għaliex nhar il-5 ta' Diċembru 1983, il-Mulej għoġbu jgħajjatlu għall-premju mistħoqq tal-paċi fil-mistrieħ. Ħabb ħafna l-Alla, l-Madonna u l-familja. Rispettat minn kull min kien jafu. Żgur li Marija Assunta mill-glorja tas-sema semgħet it-talba fil-poeżija tiegħu:

# Garden of Eden

RECEPTION HALL

Triq il-Barrieri, Zurrieq ZRQ 03, Malta.
Tel: 683425, 680167, 680372.
Fax: 680010

# Olive Gardens

RECEPTION HALL

'Tal-Mahruq', Triq l-Gharreqin. Mdina RBT 13 Malta.
Tel: 451143, 680167, 680372. Fax: 680010









**These Reception Halls are also available for other functions such as:**

**Engagements, Cocktail Parties, Barbecues, Maltese Nights, High Teas and Special Private occasions**

## Congratulations!

*You're getting married and the most exciting and wonderful day of your life is on the horizon – one day when all your dreams should come true.*

*A sensational dress, a golden wedding band, an abundance of perfumed flowers, fanfares, champagne, celebration and all eyes on you!*

*Make it a day everyone will remember as the most magical and special,*

*we're here to help.*

VIEWING DAYS :
TUESDAYS & FRIDAYS 5.30 TO 8.00PM
GARDEN OF EDEN - 683425
OLIVE GARDENS - 451143

# 'Lil Ommi Marija'

Qiegħed ninseġ din it-talba
O Madonna kollha għalik.
Nixtieq nuri kemm inħobbok
U li qalbi rrid nagħtik.

Lilek għażel is-Setgħani
Fost in-nisa w kompla żied
Fik il-milja ta' kull grazzja
biex tgħid 'Iva' meta ried.

Int ilqajt lill-Iben t'Alla
Magħmul Bniedem għall-bnedmin.
Fik sar ħlejqa Min ħalaqna,
O! kemm hu Alla ħanin.

Iżda dan ma kienx biżżejjed.
Qabel miet fuq is-salib
Ġesu' ried li Int tkun Ommi
Sabiex tgħini fit-tiġrib.

Ried li Int tkun tarka tiegħi
Matul ħajti f'kull inkwiet,
Biex tkun Int il-gwida tiegħi
Lejn Missierna fis-smewwiet.

Mhux biżżejjed ngħid li nħobbok:
Irrid ngħix hekk kif għext Int,
Mimli ħeġġa għal Ġesu' Ibnek
Bħalek nuri li emmint.

Int ilqajt il-kelma t'Alla
U kont lesta biex taqdih,
U fl-imħabba bħala Omm Ibnu
Ħajtek kollha għext għalih.

Int tgħallimni nisma' l-Alla
U turini kif nobdih.
Int tħeġġiġni biex inħobbu
U bla heda inservieh.

Tini mħabbtek, O Marija,
Dan għalija huwa ġid kbir.
Miegħek lil Ġesu' jkolli
Meta r-ruħ għall-ġenna ttir.

1.Intervista ma Ms. Marija Manġion Grech (1910 - )
Ħajr li Dr. Raymond Manġion, LL.D.
Ħajr lis-Sinjura Grace Vassallo Ghigo.



**Il-familja ta' Angelo u Margherita Ghigo fl-1955.**
**It-tfal mix-xellug: Grace, Jane (R.I.P.), Dun Manwel (R.I.P.), Ġemma u Lina.**

## JOE'S CRANE & COMPRESSOR HIRE



"SPRINGVALE" TRIQ IL-GILJU, MQABBA.
TELEPHONE: 689653 - MOBILE: 099 5354

# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS,ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES.

Prop.
Emanuel Gatt
New Street, Luqa
Telephone: 809351

# INDURATURI !!

**Għall-materjal tal-induratura irrikorru għand:-**

E.T. THEUMA_CO. LTD.

E. THEUMA & Co. Ltd.
THEUMA HOUSE, 302, St. Paul Str., Valletta
Tel: 234075/236605 Telefax: 244201

# L-ISQOF PAOLO ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TA' SANTA MARIJA L-IMQABBA FL-1754

## L-Aħħar Parti



Tony Terribile.

***Din is-sena se naraw l-aħħar parti, tat-tielet vista pstorali li kien għamel l-Isqof ta' Malta, Paolo Alpheran de Bussan lil Parroċċa ta' l-Imqabba fil-1745. F'din l-aħħar parti l-Isqof, li matul din iż-żjara kien assistit minn Monsinjur Adriano Gourgion, iltaqa' mall-qassisin u l-prokoraturi li f'idejhom kellhom xi kariga ta' tmexxija tal-Parroċċa u l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba.***

Minn din l-aħħar parti wieħed jista' jieħu stampa ċara tal-preċiżjoni u tas-serjeta' li bihom kienu jitmexxew il-Parroċċi u l-knejjes tad-djoċesi tagħna. L-Imqabba, għalkemm raħal żgħir ta' ftit nies, u mbiegħed sew mill-belt Valletta, kellu wkoll dak kollu li titlob il-Liġi tal-Knisja.

Fis-7 ta' Settembru l-Isqof iltaqa' mall-prokoraturi tal-knisja parrokkjali tal-fratellanzi u tal-knejjes filjali. Minn hawn wieħed jista jislet ħafna tagħrif interessanti. Nafu minn dan ir-rapport li l-*Veneranda Lampade* kellha żewġ prokoraturi li kienu l-kjeriku Paskal Żammit u Ġwanni Schembri imbagħad bħala prokoraturi tal-fratellanza tar-Rużarju kien hemm Ġwanni Schembri u Ġwann Domenico Żammit. Il-fratellanza ta' l-Agunija kellha li Dun Carlo Żammit u lil kjeriku Paskal Żammit.

Għal din il-laqgħa ma' l-Isqof kull prokoratur kien obligat li jippreżenta l-kotba ta' l-amministrazzjoni li dawn kienu jiġbru id-dħul u l-ħruġ tal-prokura. Huma registri, li xi wħud minnhom għadhom jeżistu f'numru ta' Parroċċi u li jitfgħu ħafna dawl fuq l-istorja tal-knejjes u l-Parroċċi tagħna.

L-Isqof Alpheran żar ukoll il-prokoraturi li kienu responsabbli ta' xi artali laterali tal-knisja ta' l-Imqabba, iżda mhux l-artali kollha kellhom il-prokoratur tagħhom; fil-fatt tnejn biss kellhom l-amministratur tagħhom. Dawn kienu l-artali tal-Viżitazzjoni u dak tal-Kunċizzjoni. L-artal tal-Viżitazzjoni kellu bħala prokoratur li Dun Luqa Żammit filwaqt li l-artal tal-Kunċizzjoni kien responsabbli minnu lil Ġwann Pietru Żammit.

Il-Knejjes filjali ta' l-Imqabba kellhom ukoll il-prokoraturi tagħhom għaliex skond ir-rapport ta' din il-vista nafu li Dun Luqa Żammit, barra li kien il-prokoratur ta' l-artal tal-Viżitazzjoni, kien ukoll responsabbli tal-knisja ta' San Bażilju, iżda l-knisja ta' San Mikiel kellha bħala prokoratur tagħha lil kjeriku Paskal Żammit. Il-knejjes ta' San Pietru u ta' Santa Katarina kellhom l-istess prokoratur Dun Girgor Farruġia. Fil-knisja parrokkjali, barra li kien imexxi l-kappillan kien hemm tlett karigi oħra importanti: bħala puntatur tal-quddies u surmast tal-kor kien hemm Dun Karlu Żammit filwaqt li Dun Stiefnu Haġius kien iċ-ċerimonjier.

Fis-26 u fis-27 ta' Settembru l-Isqof Alpheran de Bussan reġa' tela' l-Imqabba biex jiltaqa' mal-kleru. Kull qassis ippreżenta iċ-ċedoli ta' l-ordinazzjonijiet tiegħu. Min kienu l-qassis ta' l-Imqabba fl-1745? Il-Kappillan kien Dun Ġwan Pawl Żammit u jgħinuh kellu lil Dun Girgor Schembri, lil Dun Stiefnu Haġius, lil Dun Arkanġlu Farruġia, lil Dun Girgor Farruġia, lil Dun Ġwann Marija Farruġia u lil Dun Karlu Żammit. Kien hemm ukoll il-kjeriku Lawrenz Magro li kien irċieva is-suddjakonat fis-17 ta' April 1745.

B'hekk permezz ta' din il-vista li rajna f'dawn l-aħħar ħames snin wieħed għandu stampa ċara tal-Parroċċa ta' l-Imqabba kif kienet fl-1745.

# GOLIATH DEVELOPMENTS LTD.
***Building and Civil Engineering Contractors***





*Djar ta' l-Anzjani li qegħdin jinbnew fl-Imtarfa.*




*Excavation Work ta' Ġibjun fl-Imtarfa.*

6, St. Benedict Street, Kirkop
Tel: 822143

# IL-MEWT U T-TLUGĦ FIS-SEMA TAL-MADONNA

# LEĠĠENDI U APOKRIFA

**Mill-Perit R.J.D. Cousin ta' San Ġiljan**

Ommna, il-glorjuża Verġni Marija, wara li binha tela' fis-Sema, marret toqgħod fid-dar ta' San Ġwann (l-Evanġelista) fuq il-Monti Sion, tistenna dejjem il-ħelsien mill-imrar ta' din id-dinja, u żżur dawk il-postijiet imqaddsin mill-Magħmudija, it-tbatija u l-Mewt ta' Ġesu' u, l-aktar fosthom, il-Qabar tiegħu; u dana kienet tagħmlu għas-sabar u l-faqar.

U ġurnata waħda, il-Madonna, bix-xewqa kbira li kellha biex tara lil Binha, sewdet qalbha tassew u bkiet u bkiet u bkiet. U minnufuh deher anġlu quddiemHa u qalilHa: "Sliem għalik, Marija, imbierka minn Dak li ta s-salvazzjoni 'l Iżrael. Inġiblek hawn fergħa ta' palma miġbura mill-Ġenna; ikkmanda li jġibuha quddiem tebutek nhar il-mewt tiegħek; għax minn hawn u tlett ijiem ruħek tħalli lil ġismek u Int tidħol il-Ġenna, fejn Ibnek qiegħed jistenniek." Il-Madonna weġbitu u qaltlu: "Jekk jien bil-grazzja quddiemek, għidli x'jismek u agħtini li ħuti l-Appostli jinġabru miegħi qabel immut, li quddiemhom inrodd ħajr lil Alla." U l-anġlu qalilha: "Għaliex tistaqsini x'jisimni? Ismi huwa l-Kbir u tal-Għaġeb. U ibqa' żgur li l-Appostli l-lum jinġabru miegħek, għax Hu li fl-antik refa' l-profeta Habakuk minn xuxtu u mill-Ġudea poġġih ġo Ġerusalemm, bl-istess setgħa jista' jġiblek hawn l-Appostli."

Meta qal hekk l-Anġlu għosfor għal ġol-Ġenna; il-weraq tal-fergħa tal-palm bdew jibbru u jlellxu bħal kwiekeb tas-sebħ. U meta Marija xegħlet il-lampi u lestiet il-friex, u stenniet biex tasal is-siegħa tal-mewt.

Dak il-mument stess, San Ġwann, li kien qiegħed jippriedka ġo Efesu, u San Pietru, li kien qiegħed jippriedka ġo Antijokja, u l-Appostli l-oħra li kienu mxerrdin fin-naħiet kollha tad-dinja, ħassew ruħhom maħtufin b'setgħa mirakuluża u dlonk sabu rwieħhom miġburin quddiem il-bieb tal-Madonna.

Meta rathom kollha madwarha, il-Madonna bierket u raddet ħajr lill-Mulej; poġġiet il-fergħa tal-palm ġo idejn San Ġwann u qaltlu biex iġibuha quddiemha meta jeħduha għad-difna. U qagħdet għarkobbtejha u talbet lill-Mulej Binha, u l-oħrajn talbu magħHa; imbagħad imteddet u lestiet ruħha għall-mewt.

U kemm beka San Ġwann; u beka u beka tassew. U għall-ħabta meta kienu xi tlett siegħat lejl, u San Pietru kien qiegħed ħdejn ir-ras tas-sodda u San Ġwann kien in-naħa tas-sieq, u l-Appostli l-oħra mdawrin, id-dar imtliet b'ħoss kbir, u l-kamra fejn kienu ġiet mimlija bi fwieħa ta' għaxqa kbira. U Ġesu' deher, b'kotra kbira ta' anġli, patrijarki u profeti, u dawn daru mas-sodda tal-Madonna u kantaw innijiet ta' ferħ. U Ġesu' qal lil Ommu: *"Surge propera, amica mea; veni de Libano, veni coronberis"* (Cant. IV, 8) - Qum, magħżula tiegħi, maħbuba tiegħi, ejja minn Lebanon, ejja biex tkun kurunata". U Marija rrispondiet: "Qalbi lesta, għax miktub fuqi li jiena nagħmel ir-rieda tiegħek".

U l-kotra tas-Sema, ma' Ġesu', bdew ikantaw u jifirħu: U r-ruħ ta' Marija ħalliet ġisimHa, u Binha Ġesu' laqagħha f'idejh, u flimkien telgħu il-Ġenna. U l-Appostli ħarsu 'l fuq u qalu: "O Verġni prudentissima, ftakar fina meta tasal fil-glorja".

U l-Anġli li laqgħuha fis-sema kantawlha: "Min hi din li tiela' mid-deżert iżżomm fuq il-maħbub tagħha?" - *"Quae est ista quae ascendit de deserto delicio affluens super delictum suum?* (Cant. VIII, 5).

Iżda l-ġisem tal-Madonna baqa' f'din id-dinja, u tlietha mix-xebbiet keffnuha, fil-waqt li dawl tant qawwi u glorjuż għamihom. U l-Appostli poġġewHa fit-tebut, u San Ġwann, bil-palma f'idu, mexa quddiem, u San Pietru kanta: *"In exitu Israel de Egypto, domu Jacob de populo barbaro"*; u l-anġli mxew wara u kantaw ukoll. Il-Lhud, meta semgħu dawn l-ilħna tant ħelwin, għamlu għalihom; u l-arċipriet mimli b'rabja poġġa idejh fuq it-tebut biex jaqilbu, u minnufih dirgħajh nixfulu u baqgħu hekk. U l-arċipriet,

# WILĠA STORES

**TEL: 897912 - TELECELL: (099) 4965 - FAX: 690685**

- TIMBER
- TIMBER PRODUCTS
- HOLLOW SECTIONS
- GALV. SHEETS
- BUILDING MATERIAL
- TOOLS / XIBKA
- INJAM TAX-XUTTER
- JAKKIJIET (PROPS)

**S & L IMP/EXP LTD.**
**WILĠA STREET,**
**LUQA - LQA 02**

## Leli Falzon

Żebbuġ - Malta




**Minibus Service**

Day & Night

Tel: 464203

Mobile: 099 9313

kollu biża' talab għajnuna minn San Pietru, u San Pietru qallu: "Emmen f'Ġesu' Kristu u Ommu, u tissaħħaħ". U hekk ġara.

U l-Appostli poġġew il-ġisem ta' Marija fil-ġnien tal-Ġetsemani. U t-tielet jum Ġesu' ikkmandaHa biex tqum għaliex id-dlam tal-qabar u l-korruzzjoni mhux għaliha. U dlonk ir-ruħ daħlet fil-ġisem tagħha u l-Madonna glorjuża, bir-ruħ u l-ġisem, telgħet il-Ġenna fost il-hena u l-ferħ ta' l-anġli li kantawlHa: *"Quae est ista quae proreditur quasi aurora cosurgens, pulchra ut luna, electa ut sol, terribilis ut castrorum acies ordinata?"* (Cant. VI, 10) - Min hi din li ġejja bħas-sebħ, sabiħa bħall-qamar, fina bħax-xemx, u qisha armata lesta għall-ġlied?

Imma wieħed fost l-Appostli kien nieqes - San Tumas - l-Appostlu t-tewmi li kellu d-dubju meta rxoxta l-Bambin. Dan wasal wara kulħadd u ried ikun jaf x'sar; u, meta qalulu, ried jara l-qabar tal-Madonna. U biex jikkuntentawh ħaduh hemm - u sabu l-qabar miftuħ, u mimli bil-ġilju u ward. Ħarsu 'l fuq, u hemm raw il-Madonna, f'raġġ ta' dawl, tiela' qajl qajl il-Ġenna. U l-Madonna tbismet lil San Tumas, ħallet il-qafla ta' qaddha u tatha li San Tumas biex twettaqlu l-fidi.

U mal-kumpanniji ta' l-Appostli kien hemm Dijonisju l-Areopagita, Timotew, u Hierothew; u nisa kien hemm Marija Salome, Marija Cleofas, u seftura fidila li kien jisimha Savia.

Dawn huma leġġendi u apokrifa dwar ċirkostanzi tat-tlugħ fis-Sema bir-ruħ u bil-ġisem tal-Madonna li hu Domma ta' Fidi. Il-pitturi mill-aktar ċelebri, dan is-suġġett pitruh f'bosta knejjes: Lippo Lippi, Cimabue, Angelico, Taddeo Bartoli, Ghirlandaio, Cola della Matrice, Ludovico Caracci, Domenichino, Carlo Maratta, Andrea Orcagna, Correggio u oħrajn. U fil-Vatikan hemm kwadru - jgħidu li l-abbozz ta' Raffaello u komplewh l-alljievi tiegħu Giulio Romano u Gian Francesco Penni - u fih fil-waqt ta' l-Inkurunament tal-Madonna, San Tumas għandu l-qafla f'idu.

**Meħud minn artiklu li deher fil-ħarġa tal-Leħen is-Sewwa, nhar is-Sibt, 15 ta' Awissu, 1953 u ġentilment mgħoddi lid-direzzjoni mis-Sur Joseph Farruġia, ex-President tas-Soċjeta' tagħna.**

## LIL MARIJA ASSUNTA

O sbejħa Marija Assunta
Reġina tas-sema w l-art,
ġmielek huwa ġmiel il-ġenna,
ġmielek jiżboq dak tal- ward,

Inti omm id-dinja kollha,
inti omm Ġesu' Bambin,
inti ommna minn tas-sema,
aħna wliedek l-Imqabbin.

Kien jixraqlek O Marija,
li dak ġismek le jitħassar,
u għalhekk bir-ruħ u l-ġisem
ġejt imtella' minn ġol-qabar.

B'qima kbira l-poplu Malti
għadd ta' knejjess f'ġiehek bena,
u illum lilek qed isellem,
O Marija mtella' s-sema.

Sliem għalik Vergni glorjuża,
sliem għalik ommna Marija.
Minn qalbi din l-għanja ħierġa,
għanja ħelwa Imqabbija.

**Viva Marija Assunta.**

**Patrick Mallia** **23.01.96**

# *Casha Cane & Woodwork*

*Renald Casha – Managing Director*

Triq is-Sejba,
Mqabba

Tel: 673270
Cel: 097 2127

*For all kinds of Furniture*





VPL

**GENERAL CONTRACTORS CIVIL ENGINEERING WORKS**









**VASSALLO PROPERTIES LTD.**

(ALPHA) CONSTITUTION STREET,
MOSTA - MALTA
TEL: 413295 FAX: 413295

# L-IMQABBA : IL-KNISJA PARROKKJALI U L-FESTA TA' SANTA MARIJA MITT SENA ILU

**Kitba ta' Ms. Carmen Lia B.Ed. (Hons.), B.A.**

L-aħħar tas-seklu dsatax kien żmien ta' festi fl-Imqabba. L-1898 kien jaħbat it-tielet ċentinarju mit-twaqqif tal-Imqabba bħala Parroċċa u għalhekk missirijietna ħasbu biex jagħmlu tħejjijiet kbar sa minn ħafna żmien qabel. Il-Knisja Parrokkjali bdiet tiżżejjen mill-isbaħ. F'Diċembru tas-sena 1895 il-Kappillan Dun Karm Buġelli minn Bormla ħa l-pussess bħala Kanonku tal-Kolleġjata ta' Bormla. Minfloku bħala Kappillan laħaq Dun Kalċidon Schembri mill-Ħamrun. Bil-ħila ta' dan il-Kappillan maħbub, tal-Prokuratur tal-Knisja l-Imqabbi Dun Lawrenz Żammit, flimkien man-nies tar-raħal, saru opri kbar fil-Knisja Parrokkjali.
Ix-xogħol beda fl-1895 meta l-Knisja kienet



**Dun Lawrenz Żammit.**
**(Ħajr: Giuseppe Ghigo)**

invjat, raffinuta u miżbugħa b'kuluri adatatti u ndurata minn Mastru Franġisk Coleiro. Beda wkoll xogħol ta' pittura mill-Professur Filippo Venuti, artist minn Ruma attirat lejn Malta bi prospetti sbieħ ta' xogħol. Venuti kien artist kompetenti iżda wkoll ekklettiku u ħadem fuq kummissjonijiet ekklesjastiċi kif ukoll privati. Għandu xogħolijiet fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara u fil-Knisja ta' Lapsi, San Giljan. Ħadem xi pittura wkoll għall-Palazzo Parisio fin-Naxxar u jingħad li l-kavalett tal-artist għadu jinsab f'dak il-Palazz. (1)

Fl-1895, l-artis Venuti beda x-xogħol ta' pittura fil-lunetti tal-knisja tal-Imqabba. Huwa pinġa l-erba' Evanġelisti li tant ingħoġbu għall-ideja sabiħa u ġdida tagħhom. Dawn saru, wieħed spejjeż tal-Imħallef Giorgio Pulliċino, wieħed minn Mariano Briffa, wieħed minn Innocenzo Camilleri u l-ieħor minn Ġużepp Caruana u Andrea Galea. il-pittura tlestitet fl-1896 :

*"Il pittura il g'dida tas-sur Venuti u l'indoratur tas-sur F. Coleiro nghogbu uisk, u coll min tisma ifahhar l'iz-zelant procuratur Dun Laurenz Zammit, illi tant impegna u thabat biex isiru daun l'opri li semmeina u tant opri ohra ucoll illi zeinu, sebbhu u onoraw it-tempiu t'Alla"* (2)

It-tifħir għal din l-opra kbira wa waqafx. F'ittra f'gażżetta ntitolata *"Bravi l'Imkabbin! "* insibu rakkont dwar dak li ra *"Hisopo"* meta b'kumbinazzjoni wasal sar-raħal tal-Imqabba:-

*"Hia hagia tal ghageb u tal meravigli illi jena rait f'daun il g'ranet f'semplici rahal illi seu seu jiccontieni xi 1300 ruh.*

*Il bierah chelli ix-xorti illi uara tant illi krait fil gazzetti nghaddi mill' Imkabba u thalt geuua il Cnisia u hat piacir uisk, il ghaliex rait hagia tal ghageb; rait hedauc l'operi colla illi saru, u fost l'ohrain, is-sbieh Evangelisti maghmulin mill bravu Giovanni Venuti pittur mill akua. Hua ta min jehu piacir, il ghaliex kat ma tixba thares leihom u actar ma takghod tiffissa thares leihom tisthajjilhom illi keghdin jitchelmu mighec. U min hua issa hedan illi thabat sabiex isiru dauna l'operi colla ? Is-Sacerdott Dun Laurenz Zammit, procuratur zelanti, sacerdott onest u bravu, sacerdot illi hua ta veru esempiu, bniedem illi ma ghandux l'ebda namur ihor hlief illi jaghmel il Cnisia mill ahiar li jista. Mela lilcom o nies ghatu prosit l'euuel nett il bravu professur Giovanni Venuti, it-tieni is-sacerdot Dun Laurenz Zammit u imbaghad is-sacerdoti esemplari l'ohra illi huma Dun Giusepp Galea, Dun Eugenio Mallia, Dun Salv Schembri illi dauna assisteu chemm*


Stone decoration works, columns and balustrades, restoration of old buildings and monuments, artistic and sculptured items in stone, for local and export markets
asw
AGIUS STONE WORKS CO. LTD., VALLETTA ROAD, MQABBA. TEL: 224468, 820202. FAX: 826188.


AMW
AGIUS MARBLE WORKS Ltd.
GRANITE, MARBLE AND LOCAL HARD & SOFT STONE PRODUCTS
VALLETTA ROAD - MQABBA - MALTA
TEL: (356) 820202 - 224468 MOBILE: 099 6048 FAX: (356) 826188



**Dun Eugenio Mallia.**
**(Ħajr: Pawla Sciberras)**

*setghou sabiex isiru operi mill'isbah (chif imixxielhom) u jena imbaghad nati prosit mil fond ta kalbi l'ilcom o Imkabbin, il ghaliex ghad illi contu imseusin u shansitra ucoll immaltrattati min hedauc illi ma hadux piacir b'daun l'operi illi saru, cioe' hedauc illi huma contra is-sacerdoti, imma intom ma poggeitu katt ma hait imzaccar il ghaliex intbahtu illi dana il hait jec tokghod tahtu jaka fukec u jordmoc ...*"[3]

Fl-1896 sar ukoll il-kwadru titulari tal-Assunzjoni ta' Marija Vergni, impingi mill-istess artist Filippo Venuti u bla dubju wieħed mill-aħjar, jekk mhux ukoll l-aħjar xogħol tiegħu (ara ritratt fil-paġna ta' quddiem):-

"... l-aħjar rappreżentanzzjoni tal-arti tieghu huwa żgur il-kwadru ta' l-ASSUNTA li, impitter fl-1896, jinsab imwaħħal fuq l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba." [4]

Dan il-kwadru sabiħ li jżejjen il-Knisja nsibuh fuq l-artal tal-Kor. Bħala kwadru jirrappreżenta lil Marija Santissima qegħda tiġi mtella' s-sema, imdawra minn angli u puttini. Bil-wieqfa fuq sħaba bajda, il-Madonna qiegħda tiġi megħjuna minn żewġ anġli eleganti u aristokratiċi. L-anġlu tan-naħa tal-lemin tal-Madonna għandu sejf tan-nar f'idu biex jipproteġi r-reliġjon kontra d-dnub filwaqt li fuq in-naħa tax-xellug hemm anġlu ieħor daqsu li jidher li qiegħed jgħin lil Marija tiġi mtella' s-sema. Żewġ angli oħra jdoqqu l-arpa jidhru jikkumplimentaw lil sħabhom. 'L isfel mill-Madonna jidhru bosta anġli ferħanin bil-ward f'idejhom. Fir-rokna t'isfel hemm il-qabar miftuħ beraħ bl-appostli b'għaġeb kbir iħarsu 'l fuq lejn Marija hi u tiġi mtella' s-sema.

Deskrizzjon nteressanti ta' din l-opra ħarġet mill-pinna ta' Keith Sciberras :-

"Ikonografikament tradizzjonali, u ċertament influwenzat mill-kwadru tal-Gudja, il-Madonna tieħu poża trijonfali hekk kif hi tegħleb il-forza tal-gravita' u fl-akkumpanjament ta' angli u puttini titla' b'idha miftuħa lejn il-ġenna. Il-figura lirika tal-Madonna tieħu post ċentrali u tiddomina kompożizzjoni mżewwqa, b'figuri dinamici, ilwien brillanti u sensittivita' pittorika qawwija.." [5]

Din l-opra saret spejjeż tas-soċerdot Imqabbi Dun Salv Schembri. Il-kwadru jġib l-arma ta' dan il-qassis fir-rokna t'isfel u kien ġie mbierek mill-Kappillan Dun Kalcidon Schembri fis-27 ta' Dicembru 1897.

Sar ukoll xi damask ġdid iżda għal festa ta' Santa Marija tal-1896 jingħad li għalkemm *"il Cnisia chienet imzeina mill'isbah"* [6], id-damask ma kienx għadu lest.

Ix-xogħol kompla s-sena ta' wara. Fl-1897 Venuti, wara s-suċċess li kiseb bit-titular u l-lunetti, beda x-xogħol fil-koppla. Sfortunatament il-pittura tal-koppla li kienet tirrappreżenta l-Inkoranazzjoni ta' Marija Verġni mit-Tliet Persuni Divini, kif ukoll tlieta mill-evanġelisti, iġġarrfu għal kollox f'attakk aħrax mill-għadu fuq ir-raħal fid-9 ta' April 1942. Għalhekk milli naraw illum San Luqa biss huwa ta' Venuti. L-oħrajn ġew imprittrin mill-artist Malti Aldo Micallef Grimaud.

**IL-FESTA TA' SANTA MARIJA FL-1896**

Din il-fest rnexxiet bil-bosta. Matul it-tridijiet is-saċerdot "bravu" Dun Salv Schembri għaraf *"jinseg tifħir lil Beata Vergni, li kankal kalb coll ħatt"*. Il-ġimgħa filgħaxija, imbagħad, il-Banda "San Leonardo" ta' Ħal-Kirkop daqqet programm mill-isbaħ. [7] F'Jum il-Festa, il-mużika li ddiriegiha is-surmast Pizzuto tat gost lil kull min kien hemm. [8]

Il-quddiesa saret mill-Kan. Dun D.A. Vella ta' San Pawl li mexxa wkoll il-purċissjoni megħjun mis-saċerdot D.F. Bonanno u mill-Kjeriku Mikiel Żammit. Kulħadd kien ferħan ifaħħar *"l' in-novell*

# CJP TARMAC LTD.

## PRODUCERS, SUPPLIERS AND LAYERS OF HOT ASPHALT WORKS



**TITAN 2000**
**Hot Asphalt Mixing Plant -**
*The only one of its kind in Malta.*




*** HOT ASPHALT MIXES**

*** SCARIFYING WORKS**

***ROAD SURFACING WORKS IN PROGRESS AT KIRKOP - MALTA***



**CJP**
**TARMAC LIMITED**

**Siggiewi Rd.,**
**Ta' Kandja,**
**l/o Mqabba, Malta.**
**Tel: (0356) 689645**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 485 | Attigieg Salv: | Mellieha | Str. Tramontana | Balcony to |
| 486 | Muscat Luigi | Gudia | 42 St Maria | Enlarge window |
| 487 | Evans J Charles | Senglea | 44a Str. Sirena | To hoist a flag |
| 488 | Capurro Gnni | [illegible] | 37 Str. Paola | Convert a window into a door |
| 489 | Schembri Rev: Calc. | Mcabiba | | Illumination |
| 490 | Psaila Henry | Hamrun | Church Porto Salvo | Illumination |
| 491 | Camilleri Antonia | Floriana | 65 Magazzini | Door to open outwards |
| 492 | Pace Emanuele | Zeitun | 33 St Maria | Window |
| 493 | Camilleri Salv: | [illegible] | [illegible] | [illegible] |

**Permess li sar mill-Kappillan Dun Kalċidon Schembri għall-festa ta' Santa Marija tal-1896.**

I L - B E R Q A — Is-Sibt, 7 ta' Jannar, 1961.



Fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġiet inawgurata l-pittura ta' l-erba' lunetti tal-koppla, f'kull lunetta wieħed mill-erba' Evanġelisti — San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann — xogħol is-Sur Aldo Micallef Grimaud. Il-koppla ta' l-Imqabba kienet waqgħet bil-bombi tal-gwerra. Fuq ix-xellug jidher San Ġwann waqt li fuq il-lemin jidher San Mattew.

**Il-Berqa, Is-Sibt, 7 ta' Jannar 1961.**



# **Għix għall-lum!**

*...Imma assigura l-futur tiegħek b'polza tal-ħajja!*







Middle Sea Valletta
LIFE ASSURANCE CO. LTD.

*...Ikber Magħna*

Ghal aktar taghrif jekk joghġbok ikkuntattjana l-Middle Sea House, Floriana VLT 16, P.O. Box 326 - Malta. Tel: Poloz Ġodda - 226411-7 Fax -

*Cappillan illi chellu li hila jilloda lil B.V. b'panigiricu min dic-ix-xorta, u per mezz tighu raina l'euuel darba il Mazza geuua l'Imkabba".* (9) Il-Prokuratur tal-Knisja Dun Lawrenz Żammit kif ukoll id-deputati tal-festa Dun Ġużepp Galea (ta' "Brajnek") , Dun Eugenio Mallia (iz-ziju ta' Dun Innocenz Żammit) u l-Kjeriku Mikiel Żammit (ta' "Brajnek") impenjaw kemm felħu biex il-festa tirnexxi hekk sabiħa. In-nies tar-raħal ukoll ħadmu u stinkaw biex jagħmlu dawn l-opri kbar fil-Knisja.



**Dun Mikiel Żammit (ta' "Brajnek").**
**Ħajr: Teresa Borġ u Maria Muscat**


**Riferenzi:-**

1. Informazzjoni komunikat minn Alfred Camilleri Cauchi.
2. Malta Tagħna, Is-Sibt 29 ta' Awwissu 1896. p.3.
3. Malta Tagħna, Is-Sibt 9 ta' Mejju 1896, p.4.
   L-artist huwa erronjament indikat bħala Giovanni Venuti.
4. Sciberras, Keith. "Filippo Venuti Artist Taljan f'Malta". Programm Festa Santa Marija Mqabba 1992,
   Buħaġiar, Mario. The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900, Progress Press, 1988.
   Huwa jiddeskrivi lil Filippo Venuti bħala "(active late 19th-early 20th centuries) ... an unabashed plagiarist who could nonetheless be deceptively pleasant. His finest work is probably in the parish church of Mqabba where be painted the high altarpiece of *The Assumption* and decorated the west wall and the pendentives of the dome".
5. Sciberras, Keith. Ibid.
6. Malta Tagħna, Is-Sibt 29 ta' Awwissu 1896, p.3.
7. Ibid.
8. Ibid.
9. Ibid.


**LIL SANTA MARIJA -**
**PATRUNA TA' L-IMQABBA**

B'liema seher sebbħek Alla
xbejba safja u mingħajr ħtija,
imqar Ismek jixhed ħlewwa,
jixhed qawwa fid-djugħfija.

Fejn hemm Ismek hemm il-hena
għax Int Omm Alla Setgħani,
Bl-Iva tiegħek ħlist lid-dinja
minn idejn is-serp ħajjieni.

Ismek għasel għall-imsejkna
ferħ inissel ġewwa l-qlub,
meta fuq il-fomm jinstema'
ta' kull niket l-għelm idub.

Min jaf x'festa hemm fis-sema
madwar tronok O Marija,
Inti tqajjem entużjażmu
ġewwa dis-saltna smewwija.

Mhux ta' b'xejn fuq l-art xbiehatek
dejjem tidħak fejn tinsab,
is-sbuħija minn tal-warda
ħdejn dawl wiċċek hi biss trab.

Ħeġġa waħda qed iżżommna
nistennew ferħ u tgawdija,
li narawk għad ġewwa s-sema
mill-Arkanġli 'l fuq mgħollija.

*Geoffrey G.Attard,*
*11 ta' Jannar 1996,*
*Victoria, Għawdex.*

**Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu din l-opportunita' biex jirringrazzja lis-sinjura Carmen Lia tax-xogħol kbir li qed twettaq biex, jekk Alla jrid, ikollna l-istorja tas-Soċjeta' miġbura fi ktieb għall-okkażjoni taċ-Ċinkwantenarju mit-trasformazzjoni ta' l-Orkestra 'Santa Marija' għall-Banda Re Ġorġ V.**

# FGP *The Garage Door People*



Round-the-corner garage door | Up-and-over garage door | Garage door on hinges | Organ type garage door

***We manufacture:***

- **Galvanized doors and shutters for domestic & industrial use**

*Round-the-corner and up-and-over garage doors, garage doors on hinges, roller shutters and collapsible shutters for shops*

- **Remote control openers for garage doors and gates**



Collapsible shutters | Roller shutters | Remote controlled doors

**FGP LIMITED**

***GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS***

**49, Valletta Road, Luqa LQA 05.**
**Tel: 667107/8, 673627 Fax: 675384.**

# ĦAĠAR QIM

**Bar & Restaurant - Ħaġar Qim**

**Prop: Mrs. J. Ċini**

Mobile: 099 7329



**PERONDA**

**FIRST CHOICE CERAMICS**



**THERE ARE NO LIMITS TO STYLE**



**FLOOR & WALL TILES THAT STAND THE TEST OF TIME...**

**FLOOR TILES AVAILABLE FROM 32X32 TO 60X60cm**
**WALL TILES AVAILABLE FROM 20X33 TO 42X60cm**
**EXCLUSIVELY REPRESENTED BY**

***GALEA CERAMICS Co. Ltd.***

**Showroom: St. Thomas Street, Luqa LQA 05**
**Tel: 808490 • Fax: 806298**

# FESTA TA' SANTA MARIJA 1995
# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**Dhul:**

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | Lm1065.00,0 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm 191.20,0 |
| Total tad-dħul | Lm 1256.20,0 |

**Ħruġ:**

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 1994 | Lm 101.10,0 |
| Ċelebranti u Saċerdoti barranin | Lm 113.00,0 |
| Orkestra, Organista, Vuċijiet | Lm 754.35,0 |
| Daqq ta' Qniepen, Kappi, Anterni u Salib | Lm 110.00,0 |
| Dwal fil-Faċċata, Koppla u Kampnar tal-Knisja | Lm 529.00,0 |
| Fjuri | Lm 92.80,0 |
| Total Ħruġ | Lm 1700.25,0 |
| **Żbilanċ** | **Lm 444.05,0** |


**AGĦTI L-ISBAĦ RIKORDJU TAL-FESTA: IBBUKKJA ISSA**

*D-DOCUMENTARY VIDEO 1996*

**NAGĦRFU WKOLL LI GĦAD BAQA' NUMRU LIMITAT TA'**

*CASSETTES TAL-MARĊI 1994-1996*

**GĦAĠLU MELA W' AKKWISTAW KOPJA TA' DAWN L-AQWA MARĊI MALTIN.**

# CHARLES MOTOR SERVICES

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 820275 - 689024





Mechanic Works
and Heavy Plants
and Engines.
24 Hrs. Towing
Service
and tyre Service.
Truck Boxes fitted
on Chassis Cab.





## AGRO-TRADE LTD.

**18, Nikolo Baldacchino Street,**
**Siġġiewi**
**Tel. & Fax. 463436**
Ħdejn il-Knisja ta' L-Imqabba
It-Tlieta u l-Ġimgħa
mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m.




# ATTIVITAJIET SOĊJALI U SPORTIVI

Minnbarra t-tagħlim tal-mużika u l-organiżżazzjoni tal-Festi Esterni ta' Santa Marija, minn żmien għall-żmien, is-Soċjeta' tagħna torganiżża diversi attivitajiet soċjali u sportivi, bħal *party* tat-tfal tal-Milied, kompetizzjonijiet tas-*snooker* u l-*billiards*, u anke xi sparatura fuq il-plattini. Fil-fatt, ir-ritratt juri waħda minn dawn l-attivitajiet, u propju sparatura fuq il-plattini li saret ħdejn il-kmamar tan-nar u ġentilment sponsorjata minn ***Southern Construction Ltd.***



**FIL-JIEM TAL-FESTA**
**NERSQU AKTAR LEJN IL-KNISJA BIEX:**

***Nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet Liturġiċi kollha mifruxa fuq tlett ġimgħat;**
***Napprezzaw il-ġawhra ta' tempju li jkollna armat b'mod uniku u kif jixraq matul il-Festa Titulari.**

**ID-DROGA**
**tgħerrilek moħħok u teqridlek ħajtek;**
**IL-MUŻIKA**
**tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek.**

# IS-SOĊJETA' SANTA MARIJA
# BANDA RE ĠORĠ V
## TFAKKAR U TIRRINGRAZZJA
## LIL DAWK KOLLHA LI TAW SEHEMHOM BIEX IL-FESTA 1995
## TILĦAQ IS-SUĊĊESS U L-LIVELL MIXTIEQ, FOSTHOM:

* Lill-Benefatturi, *sponsors* u l-dawk is-soċji u partitarji li ppreżentaw rigali u offrew kull għajnuna mhux biss matul il-jiem tal-festa iżda kull meta kellna bżonn.
* Lis-Surmast u l-Bandisti tal-Post għall-Programm Vokali u Strumentali waqt l-Akkademja Mużiko Letterarja ta' nhar l-10 ta' Awissu u s-servizzi l-oħra kollha.
* Lill-għaqda tal-Armar li kompliet issebbaħ il-Pjazza u t-toroq tar-raħal bl-aqwa u l-isbaħ armar kif jixraq lill-Festa Titulari tal-Imqabba.
* Lill-Baned kollha mistiedna, liż-żewġ korijiet u l-kantanti solisti kollha tas-servizz li tawna biex kompliet tikber il-Festa.
* Lill-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar u l-kull min kellu x' jaqsam f' dan il-qasam li kompla jistabbilixxina bħala fost l-aqwa ta' Malta.
* Lill-Monsinjuri mistiedna u l-kleru tal-parroċċa li ħadmu id f' id biex iwasslu l-aqwa ferħ tal-Għid ta' l-Assunta.
* Lil dawk l-istazzjonijiet tar-radju/televiżjoni u l-*media* inġenerali li xandru servizzi dwar il-Festa tagħna.
* U fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, lil dawk is-soċji u partitarji nisa u rġiel li barra milli għenuna finanzjarjament, għenuna ħafna aktar milli jistgħu jaħsbu meta obdewna u kienu ddixxiplinati f' għemilhom u kliemhom tul il-Festa kollha.

## .....................U DIN IS-SENA, IL-KUMITAT EŻEKUTTIV JIRRINGRAZZJA:

* Lis-Surmast u l-Bandisti tal-Post kollha għas-sehem li jagħtu matul is-sena, b'mod speċjali f'dawn l-aħħar xhur ta' preparamenti għall-erba' programmi strumentali li l-Banda ġiet mistiedna tesegwixxi ġewwa l-Italja.
* Lis-sur Alfred Galea, President tas-Sezzjoni Żagħżagħ fi ħdan is-Soċjeta', illi kien strumentali biex iż-żjara tal-Banda f' *Santa Vittoria in Matenano* u l-Provinċja t'*Ascoli Piceno* tista' sseħħ.
* Lis-sinjuri Carmel Briffa, Benny Camilleri u Francis Vella li għoġobhom jaħdmu uniformi ġdida lill-Banda tagħna.
* Lis-Soċji talli dejjem ikunu puntwali fil-menswalita' u nappellaw sabiex soċji oħrajn jimxu fuq dan l-eżempju.
* Lis-Sezzjoni Żgħażagħ, ta' l-interess u l-għajnuna li qed jagħtuna biex inżommu l-każin attiv is-sena kollha.
* Lill-Membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar 'Santa Marija' li, b' sogru kbir għal ħajjithom, dejjem jistinkaw biex iżommu l-għola livell ta' spettakli.
* Lill-membri tal-Fergħa tan-Nisa, li jieħdu ħsieb jiġbru fondi u jorganizzaw attivitajiet soċjali matul is-sena. Ta' min wieħed jiftakar fin-nisa tagħna kollha b' mod ġenerali għax dawn jagħmlu sagrifiċċji għall-Festa daqsna l-irġiel, mingħajr ma ħafna drabi anqsa biss nintebħu.
* Lill-Grupp tal-Armar, inkluż in-nisa li jħejtu, u li taħt it-tmexxija għaqlija tas-sur Paul Gauċi ser ikomplu jagħtuna aktar frott il-ħidma sfieqja tagħhom.
* Lill-Kappillan u l-kleru tal-parroċċa li, flimkien ma nies volontarji oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, kif ukoll it-tmexxija tal-funzjonijiet liturġiċi matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija, mifruxa fuq tlett ġimgħat.
* Lid-disinjatur tal-planċier is-sur Carmelo Caruana ta' kemm il-darba tela' minn ġo Ħaż-Żabbar sabiex hu stess imexxi x-xogħol kbir li qed iwettaq flimkien mall-Kummissjoni.
* Lis-sur Benny Camilleri u l-*helpers* partitarji kollha għat-tħabrik tagħhom fit-twettieq kif ukoll fil-ġbir ta' fondi għal din l-opra artistika, u lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu finanzjarjament għal dan il-proġett ferm ambizzjuż.
* Lil kull min, b' xi mod jew ieħor, qed jgħin fil-proġett tas-Sala l-ġdida li nbniet fuq l-arja taż-żewġt imħażen tas-Soċjeta'.
* Lill-Isponsors u l-partecipanti ta' l-Iljieli Maltin.

* **U fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lil kull min b' xi mod jew ieħor għen sabiex din il-publikazzjoni ferm mistennija minnkom qarrejja tasal għandkom. Ħajr partikolari jmur għall-artikolisti u ' l dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw. L-appell aħħari tagħna lielkom għeżież qarrejja hu biex inħeġġukom tixtru l-prodotti u tinqdew bis-servizzi rreklamati f' dan il-ktejjeb.**

# 1995 - A YEAR OF ACHIEVEMENTS

## ELBROS CONSTRUCTION LTD

awarded the National Quality in People Award in recognition of its commitment to human resources. The Award confirms the Company's belief that its human resources are its most valuable asset.




---

## EBCON GROUP OF COMPANIES

*(the leading Companies: Elbros Construction Ltd., Elbros Concrete Ltd., PPB Malta Ltd. and Malta Fishfarming Ltd.)*




Awarded the 1995 Euromarket Award by the European Market Research Centre in Brussels for being outstanding in management, quality, technical innovation, service, business level and prestige in the European market




**EBCON** Group of Companies

Triq l-Industrija
Kirkop ZRQ 10

Tel: (356) 249999
Fax: (356) 685075



Dehra Ġenerali tar-Raħal ta' l-Imqabba, li għal dawn l-aħħar 400 sena kien iddedikat lil Assunta.